

Soċjetà Filarmonika
Marija Mtellgħa s-Sema
L-Imġarr A.D. 2011

# Programm ta' tifkira fl-okkażjoni tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda 11 ta' Awwissu 2012

Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema L-Imġarr A.D. 2011

11 ta' Awwissu 2012

Pubblikazzjoni
tas-Soċjetà Filarmonika
Marija Mtellgħa s-Sema L-Imġarr
A.D.2011

Fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni u t-tberik tal-banda fil-11 t'Awwissu 2012


**Editur :**
Joseph Caruana Dip Oper.Mgt.

**Qari tal-provi:**
Carla Vella
Vanessa Caruana

**Ġbir tar-reklami:**
Joseph Caruana
Giovanni Gatt

**Ritratti:**
Fredrick Muscat
Raymond Muscat
Roderick Busuttil
Joe Borg
Mario Vassallo
Fr Edgar Vella
Kumitat Eżekuttiv

**Ħajr**:
Lill-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà, lil dawk li ġabru r-reklami, kontributuri tal-artikli, u tar-ritratti, lid-ditti u lill-kumpaniji li rreklamaw u lilkom li tapprezzaw din il-pubblikazzjoni.



Ħadd ma jista' jikkopja jew juża parti minn din il-pubblikazzjoni mingħajr il-permess bil-miktub tal-kumitat eżekuttiv tas-Soċjetà.

Il-kontenut tal-artikli mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema L-Imġarr.

Kull riklam li jidher f'din il-pubblikazzjoni huwa donazzjoni lis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema L-Imġarr.

Din il-pubblikazzjoni qed titqassam bla ħlas.
Kull donazzjoni tiġi apprezzata.



*Issettjat u Stampat*
**Best Print Co. Ltd, Qrendi**


# Werrej


Messaġġ mill-President ....5
Kumitat Eżekuttiv 2011-2013 ....7
Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali ....8
Messaġġ mill-Kaxxiera ....13
Messaġġ mill-Viċi President ....16
Messaġġ tas-Sindku ....17
Messaġġ mill-Kappillan u Direttur Spiritwali ....21
Messaġġ mill-Assistenta Kaxxiera u Rappreżentanta tan-Nisa ....25
Messaġġ mill Assistent Segretarju u Rappreżentant taż-Żgħażagħ ....28
Messaġġ mill-P.R.O ....29
Messaġġ mis-Surmast Direttur u Għalliem tal-Istrumenti tal-Qasba ....32
Messaġġ mill-Assistent Surmast u Għalliem tal-Istrumenti tar-Ramm ....33
Santa Marija 90 sena f'qalbna ....34
L-Allievi tas-Soċjetà ....35
Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Banda ....37
Messaġġ mill-Għaqda Festi u Kultura Mġarr ....40
Messaġġ mill-Avukat li mexxiet l-ewwel laqgħa ġenerali tas-soċjetà ....41
Profil Mro Nicholas Vella ALCM ....45
Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema L-Imġarr A.D. 2011 ....48
Profil Mro Tancred Grech B.A. (Hons.) Music, L.L.C.M., P.G.C.E. ....55
Il-Kappella tal-Madonna tal-Itria (Binġemma) ....58
Il-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija tal-Imġarr ....62
Il-Każini tal-Banda fis-Soċjetà Maltija ....68
Intervista ma' Rosemary Abela, allieva tas-Soċjetà ....73
Staġun pożittiv ieħor għall-Imġarr United ....76
Tliet Ave Marijiet lill-Madonna ....80
L-Imġarr lejn l-Ewwel Nofs is-Seklu Għoxrin ....84
Programm tat-tberik u l-Inawgurazzjoni tal-Banda ....87
Tliet standardi għas-Soċjetà u opri oħra ....88
Messaġġ mingħand ħutna l-emigranti Mġarrin fl-Amerka ....92
Ġanni A Ċilia u ħidmietu fl-Imġarr ....96
L-ewwel festa bil-Banda Tagħna ....103
Soċjetà Filarmonika 'Marija Mtellgħa s-Sema' ....105
Mro Vincenzo Ciappara (1890 - 1979) ....108
Il-Konvoj ta' Santa Marija ....111
Skola Primarja fl-Imġarr, Malta ....118
Is-Sit Arkeoloġiku Ta' Ħaġrat ....123
Niltaqgħu ma' Anġlu Sammut u tifkirietu fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr ....125
Il-Presepju Naplitan tas-Seklu Tmintax ....131
L-Arma tas-Soċjetà ....135
Il-Ħidma tal-Imġarr Youth Nursery ....137
Marċi li se jindaqqu mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema L-Imġarr A.D. 2011 ....141
Il-Festi Maltin huma timbru kulturali iżda fuq kollox b'għeruq reliġjużi ....144
Il-Volontarjat ....148
Mal-Banda Magħqudin ....149
Dun Alwiġ Deguara 60 Sena Saċerdot 1952 - 2012 ....151
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ....152

In-Nutar

# Dr Tony Abela

(Anthony Abela)



jawgura kull suċċess

lis-Soċjetà Filarmonika

Marija Mtellgħa s-Sema

tal-Imġarr

u jitlob li ningħaqdu

u nagħtuha sapport tassew.

Tel:
21454008

Fax:
21456114

Mob:
99493541

E-mail:
tony@nutarabela.com

# For All Your Grocery Needs...




Smart Supermarket

A. Smart Supermarket, Naxxar Road, Birkirkara
T. 2144 2728 | E. info@smart.com.mt

www.smart.com.mt




# Elvin Galea

*Demolishing*

*&*

*Excavation Works*

14, Triq il-Plejju, Mġarr

**99862410**

*Messaġġ mill-President*

# Investiment fil-banda… Investiment f'ulied l-Imġarr



**Giovanni Gatt**

Imġarrin insellmilkom.

Ninvestu fil-banda u nkunu qed ninvestu f'uliedna u fit-tkattir tal-kultura permezz tal-Arti Mużikali. Ulied l-Imġarr, kbar u żgħar postna hu f'din is-Soċjetà mużikali li għadna kemm waqqafna.

Permezz ta' dan il-messaġġ nixtieq li lkoll nifhmu l-importanza tal-banda u x'opportunitajiet inħolqu bit-twelid tal-banda fl-Imġarr. Jeħtieġ li l-banda tkun f'qalb kulħadd. Ġenituri u tfal kunu parti minn din is-Soċjetà u ssieħbu fiha sabiex ikompli jitkattar l-ġid permezz tat-tagħlim tal-mużika. Prosit u grazzi lil dawk li diġà qed jiġu jitgħallmu jew qed jibagħtu 'l uliedhom jitgħallmu l-banda u agħmlu l-kuraġġ għax l-frott ma jdumx ma jinqata' u nibdew ingawduh. Nirringrazzja lis-Surmast Nicholas Vella tad-dedikazzjoni tiegħu biex iħarreġ lill-Allievi tagħna ħalli fil-futur qarib ikollna l-ewwel bandisti Imġarrin, frott banda Imġarrija. Nawgura kull suċċess lis-Surmast Tancred Grech fil-ħatra ġdida tiegħu.

Kuraġġ, il-bidu kien iebes imma issa la darba twaqqfet din is-soċjetà determinati li nibqgħu nimxu 'l quddiem, pass wara l-ieħor għal ġid ta' kulħadd. Sabiex twaqqfet il-banda kienet operazzjoni bla loppju imma wara l-maltemp jiġi l-bnazzi u hekk hu xieraq.

Ringrazzjament speċjali jmur lejn is-Sindku u sħabu l-kunsilliera talli meta tlabniehom sabiex inkomplu ngħallmu l-banda fil-bini tal-kunsill u nżidu nagħmlu xi laqgħat hemm mill-ewwel aċċettaw u offrewlna l-għajnuna tagħhom. Nirringrazzjahom talli ma ċaħdukomx minn dawn l-opportunitajiet li ħolqot din l-banda tagħna l-Imġarrin.

Nappella lil kull min jista' sabiex jgħinna ħalli nibqgħu mexjin fit-twettiq tal-pjan li nkabbru l-banda tagħna. Issa jmiss pass importanti u fundamentali għalina, dak li nsibu darna. Jeħtieġ li nsibu post biex nibdluh f'dar tal-banda. Dar li għandha tilqa' lil kulħadd u fiha kulħadd iħossu milqugħ u parti min din is-Soċjeta, Soċjetà b'viżjoni u idejat ġenwini li se joffru opportunitajiet għalina u għal uliedna.

Nixtieq nawgura kull suċċess lill-allievi tagħna speċjalment illum fl-okkażjoni tat-tberik u inawgurazzjoni tal-banda. F'dan il-jum u l-jiem tal-festa jeħtieġ li ninsew id-differenzi ta' bejnietna u niffesteġjaw flimkien. Is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema hi tagħkom ilkoll, din hi l-banda tal-Imġarr kollu.

Ringrazzjament speċjali jmur lejn dawk li tawna d-donazzjonijiet meta qassamnielhom l-envelopes, veru għamiltulna kuraġġ mhux biss bil-għajnuna finanzjarja iżda anke bil-kliem ta' kuraġġ li għaddejtulna. F'dan il-jum jeħtieġ li niftakru f'dawk li ma jistgħux igawdu din il-festa magħna minħabba raġunijiet ta' saħħa u lil dawk l-emigranti li jiftakru fina għalkemm qegħdin 'il bogħod minn xtutna. Ma nistax ma nsemmix u ma nirringrazzjax lill-Kappillan għall-koperazzjoni tiegħu u lill-għaqdiet kollha tal-Imġarr li fejn setgħu tawna l-għajnuna tagħhom. Lil sħabi tal-kumitat li flimkien ħdimna biex illum qegħdin inbierku din il-banda u ktibna paġna ġdida fl-istorja tal-Imġarr. Il-jum tal-11 t'Awwissu 2012 għandu jibqa' magħruf għax propju f'dan il-jum il-banda tagħna se ddoqq għall-ewwel darba fi triqatna.

Viva Santa Marija u Viva l-Banda tal-Imġarr.

# Kumitat Eżekuttiv 2011-2013



**Wara mix-xellug: Christ Vella, Anġela Muscat u Marija Vella**
**Quddiem mix-xellug: Clayton Gauci, Giovanni Gatt u Joseph Caruana**
**Mhux fir-ritratt: Mary Abela**




# Kumitat Eżekuttiv 2011-2013
## Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, L-Imġarr A.D.2011

**Presidenti Onorarji**
In-Nutar Tony Abela
It-Tabib Godfrey Farrugia
Is-Sur Louis Vella Konslu ta' Malta fl-Amerika

**Membri Onorarji**
Is-Sur Nazju Schembri
Is-Sur Tony Vella
Is-Sinjura Doris Vella

**Segretarju Ġenerali**
Is-Sur Joseph Caruana Dip. Oper. Mgt

**President**
Is-Sur Giovanni Gatt

**Kaxxiera**
Is-Sra. Mary Abela

**Assistent Segretarju**
Is-Sur Christ Vella

**Viċi President**
Is-Sur Clayton Gauci

**Assistent Kaxxiera**
Is-Sra. Anġela Muscat

**P.R.O**
Is-Sra. Maria Vella

**Rapp. Nisa**
Is-Sra. Anġela Muscat

**Rapp. Żgħażagħ**
Is-Sur Christ Vella

**Rapp. Għaqda Każini tal-Banda**
Is-Sur Joseph Caruana Dip. Oper. Mgt
Is-Sur Christ Vella

**Surmast Direttur u Għalliem Strumenti tal-qasba**
Mro. Nicholas Vella ALCM

**Assistent Surmast u Għalliem Strumenti tar-Ramm**
Mro. Tancred Grech B.A. (Hons) Music, LLCM, PGCE

**Direttur Spiritwali**
Rev. Fr.Antoine Borg

**Nutar tal-Każin**
In-Nutar Tony Abela

**Rapp. Legali**
Is-Sur Ian Borg



## *Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali*

# Ħidma Kontinwa

**Joseph Caruana** Dip.Oper Mgt

Imġarrin nagħtikom merħba. Hu ta' sodisfazzjon kbir għalija li qed inwassal dan il-messaġġ fl-okkażjoni tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda tagħna. Issa l-Imġarr ukoll għandu s-Soċjetà mużikali tiegħu, iddedikata lill-patruna tagħna Santa Marija Mtellgħa s-Sema. Kienet triq twila u xejn faċli biex minn Ottubru tas-sena l-oħra sal-lum wasalna s'hawn. Imma b'determinazjoni u bl-għajnuna ta' ommna Marija rnexxielna. Issa jeħtieġ li kull wieħed u waħda minna jagħmel il-parti tiegħu biex nibqgħu mexjin 'il quddiem.

Il-Kumitat Eżekuttiv ħadem u għamel dak kollu li seta' biex il-ħolma li l-Imġarr ikollu l-banda tiegħu tinbidel f'realtà. L-ewwel ma għamilna kien li ġbarna l-membri u nkiteb l-Istatut tas-Soċjetà. Kif dawn kienu lesti saret il-laqgħa ġenerali li fiha ġiet imwaqqfa s-Soċjetà tagħna. Minn hemm ma ħarisna qatt lura u bdejna niksbu l-permessi u r-reġistrazzjonijiet meħtieġa. Fl-istess waqt, bdejna naħdmu biex nibdew ngħallmu l-mużika. Għal dan il-għan ġie magħżul is-Surmast Mario Testa biex ikun l-ewwel Surmast Direttur tal-banda tagħna. Mingħajr flus ma jsir xejn, u għalhekk bdejna norganizzaw xi attivitajiet u nedejna skema ta' ġbir mid-djar, triq triq.

Peress li s-soċjetà għad m'għandhiex l-każin tagħha kellna nbiddlu diversi postijiet biex noperaw. Filwaqt li nirringrazzja lil kull min sellifna l-post tiegħu, nappellalkom bl-għan tgħinuna ħa nakkwistaw post biex nittrasformah f'dar għas-Soċjetà. Dan jagħtina spinta iktar 'il quddiem u nemmnu li nistgħu nkunu ta' servizz aħjar. Dan għaliex filwaqt li nkunu nistgħu nżidu l-ġranet tat-tagħlim tal-mużika, inkunu nistgħu norganizzaw iktar attivitajiet li minbarra li jgħinuna finanzjarjament inkomplu nkattru wkoll il-kultura. Għalhekk nerġa' nappellalkom biex jekk għandkom xi post li tistgħu tgħadduhulna ħalli nibdew noperaw minnu avviċinawna. Tkunu qed tinvestu f'uliedkom stess. Il-banda hi mezz ta' rikreazzjoni u tgħin sabiex ż-żgħażagħ jitbiegħdu mill-vizzji koroh li aħna mdawrin bihom.

Hi x-xewqa tagħna li nkomplu mexjin 'il quddiem u għalhekk għadna kemm ħtarna għalliem tal-istrumenti tar-ramm. B'hekk is-Surmast Nicholas Vella jista' jikkonċentra fuq dawk l-allievi li għażlu li jdoqqu strument tal-qasab u l-għalliem tal-istrumenti tar-ramm Mro. Tancred Grech jiffoka fuq dawk li għażlu strumenti tar-ramm. B'dan il-pass qed noffru taħriġ aħjar għall-allievi tagħna. Bħalissa għandna numru sabiħ t'allievi jitgħallmu fi ħdan is-Soċjetà u l-maġġoranza tagħhom diġà qed jipprattikaw bl-istrument. Jekk kollox jibqa' sejjer kif inhu, naspiraw li għall-festa tas-sena d-dieħla jkollna madwar tnax-il bandist tal-post. Meta tikkonsidra l-popolazzjoni żgħira tal-Imġarr u l-ġranet tal-lum tnax-il bandist tal-post wara ftit xhur hi indikazzjoni tajba. Dawk kollha li jixtiequ jitgħallmu xi strument nħeġġiġhom sabiex jagħmlu kuraġġ u jiġu jitgħallmu. It-tagħlim isir fuq bażi individwali u bla ħlas. M'hemmx età biex titgħallem u qatt mhu tard.

Il-ħidma tagħna kienet kontinwa. Għal din l-okkażjoni wkoll ħsibna biex nagħmlu sett ta' libretti bil-marċi brijużi. Hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk kompożituri kollha li kif tlabthom marċ mill-ewwel tawna. Dan għamluh minn qalbhom u bla ħlas. Ħsibna ukoll biex nixtru l-istrumenti tal-perkussjoni u għamilna l-istandard tas-Soċjetà, standard ta'

Malta u ieħor tal-Imġarr. Dan kollu ma kienx ikun possibbli kieku ma ħdimniex biex niġbru l-fondi u saqqafna wiċċna biex ġbarna l-isponsers. Dan il-ktieb li għandkom f'idejkom hu stampa ċara ta' kemm ħdimna u stinkajna. Filwaqt li nirringrazzja lil kull min għoġbu jirreklama f'din il-pubblikazzjoni nappellalkom biex tagħmlu użu mill-prodotti u mis-servizzi reklamati.

Ftit ġranet ilu qassamna ukoll flyer b'informazzjoni dwar is-Soċjetà tagħna. Hi x-xewqa tagħna li matul s-sena nibqgħu nagħmlu hekk ħalli tkunu aġġornati b'dak kollu li qed jiġri fis-Soċjetà. Fil-futur nixtiequ nagħmlu anke sit elettroniku, però għalissa għad m'għandniex mezzi minħabba li qed nikkonċentraw fuq it-tagħlim tal-mużika u bit-tama li nsibu post. M'għandix dubju li bl-għajnuna tagħkom nagħmluha wkoll.

Nixtieq nirringrazzja lil sħabi kollha tal-kumitat, lill-Kappilan, lil kull min jgħinna fl-attivitajiet, lis-surmast Direttur Nicholas Vella, l-Assistent Surmast Tancred Grech, l-allievi u l-ġenituri tagħhom talli laqgħu l-istedina tagħna u ġew jitgħallmu l-banda, lir-rispettabbli Sindku u l-Kunsilliera tas-sapport li jagħtuna, lill-benefatturi u lil kull min għandu għal qalbu l-Imġarr. Nappellalkom sabiex tħossukom parti minn din s-Soċjetà li għadna kemm wellidna. Soċjetà ta' kulħadd u għal kulħadd, aħna napprezzaw u nilqgħu kull għajnuna: jagħtiha minn jagħtiha u tiġi minn fejn tiġi dejjem għall-ġid tal-Imġarr u tas-Soċjeà tagħna. Aħna lesti li naħdmu u nikkoperaw ma' kulħadd. L-għaqda ġġib il-forza u tkompli ssebbaħ u tkattar dak li ta' qabilna b'tant sagrifiċċju akkwistaw għalina.

Il-festa t-tajba lil kulħadd speċjalment lill-emigranti u lil dawk li minħabba saħħithom ma jistgħux ikunu magħna f'dan l-avveniment uniku tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda tal-Imġarr.




# Abela Grocery

*...For all your grocery needs!*

Proprietor: Mr. B. Abela

15, Wesgħet il-Ġublew, Mġarr MGR 1040

**Tel: 2157 4817**

*Free Delivery*


FREE
wrist watch
or handbag
with every
Angel Hair
Sun Protection
Available from leading Hair Salons
Protect your hair and scalp
this summer with
the best products from:
Angel haircare PARIS
extremes
TRADING
Trade Enquiries:
Extremes Trading, Triq il-Taghlim, Fgura - Tel: 2166 0795
E-mail: info@salonuser.com - Website: www.salonuser.com


care
Cuts
UNISEX SALON
'Arc En Ciel', Triq l-Imqades, Mgarr
tel : 21574552


RPJ
New Tyres:
• Car
• 4x4
• Light Truck and Van
• Heavy Truck
• Agriculture
• Off the Road
• Earth Moving
• Alloy Wheels
• All Tyre Repairs
• Wheel Balancing
• Car Care Products
Sole Agents for:
LASSA
Radar
petlas
Alloy Wheels:
MAK
Arcasting
Also Available Brands:
Firestone
GOODYEAR
Hankook
MICHELIN
BRIDGESTONE
BFGoodrich
PIRELLI
DUNLOP
TOYO TIRES
From Imgarr
RPJ
From Rabat
From Mosta
Mobile: 99 042 285 / 99 448 417
Email: rpjtyresandwheels@gmail.com
Website: www.rpjtyres.com
Address: 236, Triq iz-Zebbiegh, Mgarr, MGR 9030
Opening Hours:
Monday – Friday: 7:00 – 18:00
Saturday: 7:00 – 13:30

*Messaġġ mill-Kaxxiera*

# Bil-għajnuna tagħkom wasalna



**Mary Abela**

Għeżież Imġarrin,

Hu ta' sodisfazzjon kbir għalija bħala kaxxiera tal-banda tagħna l-Imġarrin li nwassal dan il-messaġġ fl-okkażjoni tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda tagħna: Is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema.

Kienet esperjenza ġdida, sabiħa u impenjattiva, u fuq kollox xejn faċli, li flimkien bħala kumitat wellidna din is-soċjetà. Imma bil-għajnuna tagħkom wasalna għall-inawgurazzjoni tal-banda. Din is-soċjetà trid tibqa' tikber u tagħti s-servizz tagħha lejn il-komunità Mġarrija. Bħala kaxxiera jien responsabbli mill-finanzi, u kif tafu minn dawn għandna bżonn ħafna għax l-ispejjeż huma kbar, imma aħna mhux se naqtgħu qalbna. Nafu li intom issostnuwna u tinkoraġġixxuna sabiex nibqgħu mexjin 'il quddiem.

Bħal kull soċjetà aħna għandna l-prijoritajiet tagħna. Waħda minnhom hi t-tkattir tal-kultura permezz tal-mużika. Sa mill-ewwel xhur tas-Soċjetà bdejna noffru t-tagħlim tal-banda bla ħlas u dan kien sostenibbli għax intom għentuna finanzjarjament. Prinċipalment aħna ndaħħlu l-finanzi minn żewġ oqsma: mill-ġbir ta' fondi triq triq u mill-attivitajiet li norganizzaw. Imbagħad indaħħlu xi ħaġa oħra mid-donazzjonijiet individwali u s-sħubija. Mhux se ngħid li aħna xi għaqda sinjura għax inkun bogħod mir-realtà, imma s'issa dejjem irnexxielna niġbru l-ispejjeż neċessarji.

Għal din l-okkażjoni unika u speċjali għalina ħejjejna programm varjat u nħeġġiġkom sabiex tipparteċipaw u tattendu ħalli flimkien nagħtu l-appoġġ lill-banda tagħna. Nappellalkom biex tingħaqdu magħna u nwarrbu fil-ġenb kull differenza li teżisti bejnietna. Il-piki ma jagħmlux ġid. Ftakru li aħna lkoll aħwa Mġarrin u ulied ommna Marija. Inħeġġiġkom sabiex tkunu ġenerużi u tattendu għall-attivitajiet li norganizzaw minn żmien għal żmien biex niġbru l-fondi.

Dawk li għadhom ma ssieħbux bħala soċi fis-soċjetà tagħna, inħeġġiġkom li tagħmlu dan ħalli jkollkom parti fid-deċiżjonijiet li nieħdu. Taqtgħux qalbkom u jekk taħsbu li tistgħu tkunu ta' kontribut f'xi qasam jew ieħor avviċinawna. Aħna nilqgħukom b'idejna miftuħa.

Minn qalbi nirringrazzja lil kulħadd għal kull xorta ta' għajnuna, b'mod speċjali lill-familji tal-allievi talli emmnu fina u bagħtu lil uliedhom jitgħallmu strument mal-banda tagħna.

Sinċerament nixtiqilkom il-festa t-tajba u jalla tkun festa ta' għaqda u li tagħmel ġieħ lil ommna Santa Marija Mtellgħa s-Sema.

Viva Santa Marija patruna tal-Imġarrin.

# BALLUT BLOCKS LTD.

Ballut Blocks Ltd.
Civil Engineering Contractors
Wied Filep, L/O Naxxar, NXR 6713, Malta
*Tel:* 2157 3093, 2157 2666
*Fax:* 2157 5562
*Web:* www.ballutblocks.com
*Email:* ballut@maltanet.net



General Precast Concrete Ltd.
Hal Far Industrial Estate,
*Tel:* 2165 3802, 2165 3005
*Fax:* 2165 9536
*Email:* info @generalprecastconcrete.com

*General Precast Concrete Ltd.*


Arthur Salerno
Mobile: 9921 1445


Semi Permanent Make-Up by Marlese Bone
Mob: 9986 9665
Before
After



## *Messaġġ mill-Viċi President*

# Il-bidu ma kien faċli xejn

**Clayton Gauci**

Ħuti Mġarrin,

Id-data 11 ta' Awwissu, 2012! Ser tibqa' tissemma meta fl-Imġarr għażiż tagħna tbierket l-ewwel banda tar-raħal, is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema. Qed inħossni kburi u onorat li jiena flimkien ma' sħabi wasalna għal din il-ġurnata u ser inbierku din il-banda flimkien biex issa b'hekk l-Imġarr ukoll ser ikollu l-banda tiegħu. Kienet ħolma li saret realtà. Ħolma ta' ħafna nies li ġewwa l-Imġarr ikun hawn banda. Għalhekk ingħaqad kumitat fejn jien kont wieħed milli ġejt avviċinat biex jiġi ffurmat dan il-kumitat. Saret l-laqgħa ġenerali annwali u sar ukoll l-istatut tas-Soċjetà. Nistqarr magħkom li l-bidu ma kien faċli xejn fejn sibna telgħa wieqfa ħafna. Però dan ma qatgħalniex qalbna bħala kumitat, anzi żammejna saqajna aktar mal-art. Min hawn nixtieq nirringrazzja minn qiegħ qalbi lis-Surmast tas-Soċjetà tagħna s-Sur Nicholas Vella u l-Assistent Surmast Tancred Grech għad-dedikazzjoni tagħhom. Grazzi. Żgur li ma konniex naslu għal din il-ġurnata li kieku l-kumitat kollu ma bqajniex naħdmu bis-sħiħ biex naraw fejn ser ngħallmu lill-aljevi tagħna u biex naraw kif jistgħu jinġabru l-fondi għas-Soċjetà. Nassiguralkom li l-kumitat kollu ta l-mija fil-mija tiegħu biex naslu għal din il-ġurnata hekk kbira. Il-Ħidma tal-kumitat mhix ser tieqaf hawn anzi ser tiżdied. Aħna bħala kumitat qed naħdmu biex fi żmien li ġej is-soċjetà jkollha l-post tagħha fejn jistgħu jiltaqgħu ż-żgħażagħ tagħna biex is-Soċjetà tibqa' tikber. Nieħu pjaċir nara lil dawn iż-żgħażagħ tagħna msejħa aljevi jiġu għal kull lezzjoni b'determinazzjoni kbira għax jafu li għada pitgħada ser ikunu huma li jkunu qegħdin idoqqu fil-banda tagħna l-Imġarrin. Minn hawn nixtieq nagħmel appell lilkom Imgarrin ħutna biex tgħinuna b'kull mod li tistgħu ħalli flimkien insaħħu din is-Soċjetà li hi ta' kulħadd mingħajr ebda differenzi. Nixtiequ li anke tissieħbu magħna billi tħallsu l-menswalità biex b'hekk tkunu anke qegħdin isiru parti minn din is-soċjetà.

Jiena minn hawn nagħlaq dawn l-erba' kelmiet li preparajt għal din il-ħarġa speċjali ta' dan il-ktieb ta' tifkira fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni u t-tberik tal-banda, billi nagħti l-Festa t-tajba lilkom Imġarrin kollha u nħeġġiġkom tagħtuna s-sapport biex nibqgħu nkabbru din is-soċjetà tal-Imġarrin.




*Messaġġ tas-Sindku*

# Opportunitajiet ġodda



**Paul Vella**

Nibda biex nirringrazzja lill-kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema talli għoġobhom jistidnuni sabiex nagħti l-messaġġ tiegħi f'dan il-ktieb ta' tifkira li s-Soċjetà qed tippubblika fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni u t-tberik tal-banda.

Bit-twaqqif ta' din is-Soċjetà, issa, fir-raħal tagħna, ser ikollna opportunitajiet ġodda ta' tagħlim mużikali li bihom jista' jkompli jikber u javvanza 'l quddiem. Nemmen li l-kultura mużikali għandha tieħu preċedenza, bħalma kienu l-ewwel għanijiet ta' din l-għaqda. Permezz tal-aspett mużikali nsaħħu dejjem iżjed il-kultura fir-raħal tagħna. Issa, kull wieħed u waħda minna, jista' jitgħallem idoqq strument bla ħlas u 'l quddiem ikun jista' jagħti s-servizz tiegħu lill-komunità Mġarrija.

Matul is-snin kienu bosta t-tentattivi li saru sabiex l-Imġarr ikollu l-banda tiegħu, iżda ma rnexxewx. Issa li wasalna s'hawn, inħeġġiġkom sabiex bħala poplu wieħed ningħaqdu u nagħtu s-sapport tagħna lil din l-banda sabiex tkun suċċess u biha jieħu pjaċir kulħadd.

Jien hu sħabi l-kunsillieri mill-ewwel offrejna l-għajnuna tagħna meta ġejna mitluba sabiex isiru laqgħat għall-membri u l-allievi fil-bini tal-kunsill. Offrejna li sakemm din is-Soċjetà takkwista d-dar tagħha, it-tagħlim tal-mużika jkun jista' jsir fil-bini tal-Kunsill Lokali, u dan għas-servizz ta' wliedna.

Hi l-intenzjoni tagħna li nibqgħu ngħinu lil din l-għaqda bħala kunsill u nħarsu 'l quddiem sabiex ma ndumux ma nibdew nużaw is-servizz tal-banda tal-Imġarr fl-attivitajiet tagħna, għax il-banda hija sabiħa mhux biss fil-festi reliġjużi iżda anke f'attivitajiet soċjali u kulturali.

Bil-għajnuna ta' kulħadd ma ndumux ma naraw l-ulied l-Imġarr idoqqu u jferħuna fit-toroq tagħna. Nappella lil din is-Soċjetà l-ġdida sabiex issib l-ispazju tagħha f'armonija mal-għaqdiet lokali eżistenti biex ilkoll flimkien inkattru dak li diġà għandna u nsebbħuh kif jixraq.

Nieħu din l-okkażjoni sabiex f'ismi, f'isem sħabi l-kunsilliera, l-istaff tal-kunsill lokali u l-familji tagħna nawgura kull suċċess lill-banda tagħna u fuq kollox nawguralkom l-festa t-tajba.


CUTS, BLOW DRIES, COLOURS, LIGHTS, UP STYLES,
PERMS, STRAIGHTENINGS, HAIR TREATMENTS

BLINK BY ANN MARIE

3, Triq Kurat Chetcuti, Mġarr
Tel: 2158 4492 / 7909 3569




# It-Tabib Godfrey Farrugia



Din il-Festa hi manifestazzjoni kommunitarja.
Ġieħ lil Ommna Marija s-simbolu tal-ideal nisrani,
u ċ-ċelebrazzjoni tal-identità tagħna l-Maltin.

99495486 Godfrey Farrugia Email farrugiagodfrey@gmail.com



Għal kull xogħol ta’ ħjata u pittura fuq bnadar

**KARMENU FARRUGIA taż-Żurrieq**

**Mob: 79281217**





LAND-ROVER
Ciapella garage
www.ciapella.com
At Malta's largest Land Rover vehicles only workshop, we will be pleased to assist you with any of the following:
Mechanical servicing, repairs and total rebuilds. Computer systems diagnostics and electronic faults clearing. Accident damage repairs, spray painting, and complete restorations. Very reasonable hourly rates and warranty on the repairs. Stockists/vehicles spare parts and accessories.
We represent the following brands:
BEARMACH PLC • T - MAX MAXIMUM OFF-ROAD RECOVERY • WARN • HI-LIFT • PRO COMP • MANTEC • EQUIPE • K&N PREFORMANCE FILTERS • DETROIT LOCKER • BRITPART • GOODRIDGE • SAFARI • ARB AIR LOCKER • EXMOORTRIM • RING AUTOMOTIVE
BF GOODRICH TYRES • SILVERSTONE TYRES • GENERAL TYRES • ALLMAKES • TERRAFIRMA
Ta' Hagrat Street – Mgarr MST 10. Tel: 2157 4615/2157 2504 – Email: adrian@ciapella.com
Mosta Road – Lija LJA 9012. Tel: 2141 4441 Fax: 2141 6837 – Email: info@ciapella.com
Join us on Facebook

## *Messaġġ mill-Kappillan u Direttur Spiritwali*

# Sehem importanti x'taqdi



**Fr. Antoine Borg**

"Min ikanta jkun jitlob id-doppju'' qal Santu Wistin. U naħseb li tassew hekk hu għaliex bniedem ikun qiegħed jagħmel sforz iktar biex isebbaħ lil Alla u jagħti glorja lilU.

Il-mużika dejjem kienet parti importanti ħafna mill-ħajja tal-knisja, speċjalment fiċ-ċelebrazzjonijiet tagħha. Però, fil-ħajja soċjali l-mużika għandha sehem importanti x'taqdi għax dejjem akkumpanjat il-mumenti ta' ferħ u ta' niket tar-raħal li jkun, u għandha wkoll rwol fil-ħajja nazzjonali ta' pajjiż. Hekk il-mużika hija wkoll strument ta' għaqda bejn ħafna popli. Il-mużika ta' ilu, bħal dik ta' Mozart, Bach u Vivaldi, issibha kullimkien anki f'kulturi oħrajn bħal dawk tal-Orjent. Mużika oħra, speċjalment dik ta' żminijietna tgħaqqad ukoll ħafna żgħażagħ minn kull naħa tad-dinja u ċertu mużika hija wkoll karatteristika taż-żmien bħal dik tas-sittinijiet jew sebgħinijiet u iktar.

Jien nawgura li permezz ta' din l-għodda mużikali jkun hawn dejjem għaqda fir-raħal tagħna. Li din is-Soċjetà ġdida tkun mezz ta' kultura mużikali matul is-sena għal nies kbar u żgħar fil-ħajja tal-Imġarr għaliex bl-arti tal-mużika nistgħu nagħtu glorja lil Alla u nferrħu lill-bnedmin. Nawgura l-festa t-tajba u qaddisa lil din is-Soċjetà Filarmonika li ġġib l-isem ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema, biex tkun dejjem bintha tassew.






The Exiles
The Exiles, Tower Road,
Sliema, SLM 1601
t. 21344771
m. 79442223
e. info@thexiles.com.mt
w. www.thexiles.com.mt

# Il-Kunsillier **Clayton Gauci**



Jixtieq jawgura
l-festa t-tajba
lill-Imġarrin
kollha.



Kull min jixtieq jagħmel kuntatt ma' Clayton jista' jagħmel dan
fuq 9987 1185
jew claytongauci86@gmail.com

J&J GAUCI GRANITE LTD

2, Triq il-Fdal Puniku,
Mġarr MGR 2461,
Malta

Tel: 2157 0540
Fax: 2152 5022
Mobile: 9947 3248
9985 2783

E-mail: jjgauci@yahoo.com



## *Messaġġ mill-Assistenta Kaxxiera u Rappreżentanta tan-Nisa*

# Ix-xewqa tal-Imġarrin



**Anġela Muscat**

Kienet ilha x-xewqa tal-Imġarrin li jkollna banda fir-raħal tagħna. Illum il-ġurnata nistgħu ngħidu li din ix-xewqa saret realtà. Dan għaliex wasal iż-żmien li titbierek il-banda tar-raħal għażiż tagħna, imsejħa 'Marija Mtellgħa s-Sema'.

Ġurnata bħal din żgur ma kinitx tkun possibli mingħajr il-ħidma ta' dan il-kumitat ħabrieki kif ukoll bis-saħħa tal-kooperazzjoni li sibna mingħandkom l-Imġarrin. Ta' dan aħna nixtiequ nirringrazzjawkom mill-qalb u nappellalkom li nkomplu naħdmu flimkien sabiex din il-banda tkompli titkattar.

Il-konkorrenza tal-aljevi baqgħet waħda konstanti. Jiena li kelli l-opportunità li nsegwi uħud mil-lezzjonijiet nista' ngħidilkom li hu ta sodisfazzjon kbir li tara lil dawn l-aljevi jagħmlu progress filwaqt li jieħdu pjaċir idoqqu n-noti mużikali.

Infakkarkom li l-lezzjonijiet qegħdin isiru mingħajr ħlas u dan huwa possibli għaliex komplejna norganizzaw attivitajiet li l-Imġarrin dejjem jattendu bi ħġarhom. Ma ninsewx ukoll id-donazzjonijiet li nirċievu kif ukoll il-ġbir li jsir fit-toroq. Minkejja kollox l-appell tagħna jibqa' wieħed – dak li nsibu post fejn l-aljevi tagħna jkunu jistgħu jieħdu t-taħriġ tagħhom. Nirringrazzjakom mill-qalb, Viva Santa Marija!





framegrip LTD
Architectural Aluminium
Mosta Road, Lija, LJA 9010, Malta
tel: +356 2141 9787/8 - 2143 4948
fax: +356 2141 9862
web: www.framegrip.com
email: frameind@maltanet.net


ZEBRA
WATER TANKS
Zebra Tanks
your LIFETIME water tank
Available at all leading
Ironmongers and
stores in Malta and Gozo.
NEW
GAS COVERS
€39
Lm16.75
Promotional Price
€99.00
Lm42.49
500L
Trade inquires tel ........79090309


Fida Feeds
A Guarantee of Nutrition & Well-Being
Horse, Pig, Sheep
Layers, Dog Food
& a wide range of
Rabbit feeds
MANGIMI
LEONE
Indri Psaila street,Handaq, Qormi QRM 4000
Tel +356 21494694 Fax +356 21441799 Mobile +356 79797757
Email info@fidafeeds.com Web www.fidafeeds.com



## *Messaġġ mill Assistent Segretarju u Rappreżentant taż-Żgħażagħ*

# Postna f'din is-Soċjetà

**Christ Vella**

Kemm inħossni kburi li nifforma parti mill-banda tagħna l-Imġarrin. Dan il-jum sabiħ għalina, fl-okkażjoni tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda. Issa l-Imġarr sar bħall-bqija tal-irħula għax fl-aħħar għandu l-banda tiegħu.

Wara tant ħidma u sagrifiċċji issa qed ninawguraw din il-banda. Imma dan hu biss il-bidu. Issa rridu nibqgħu nħarsu 'l quddiem u nibqgħu naħdmu bla waqfien għall-ġid tal-banda li wellidna. Illum 11 t'Awwissu 2012 għandu jibqa' jum memorabbli għalina l-Imġarrin kollha u jalla bl-interċessjoni tal-patruna tagħna Santa Marija nkomplu ningħaqdu flimkien sabiex inkomplu nsebbħu l-festa tant għażiża għalina, il-festa tal-Assunta.

Il-banda hi ta' kulħadd u ħadd m'għandu għalfejn iħossu eskluż. Kulħadd jista' jitgħallem il-mużika u anke jgħin. Min b'mod u min b'ieħor. Aħna ż-żgħażagħ ukoll jeħtieġ li nsibu postna f'din is-Soċjetà sabiex niggarantixxu futur ċert u sabiħ lil din is-Soċjetà Mużikali li qed ninawguraw illum. Bis-sehem tagħna, il-festa tkompli tikber u tisbieħ. Is-Soċjetà tkompli timmatura u tilħaq aspetti oħra permess tal-viżjonijiet tagħna ż-żgħażagħ. Flok nippruvaw nikkritikaw, l-aħjar li ninkludu ruħna ħalli nkomplu nikbru u niksbu l-popolarità neċessarja, poplarità li tagħtina stima u kuraġġ biex nibqgħu nħarsu 'l quddiem.

Fil-ġranet li ġejjin beħsiebna nwaqqfu sezzjoni taż-żgħażagħ u partitarji, għalhekk kull min hu interessat hu mitlub jikkuntatjana. Flimkien nagħmlu l-ħolm realtà.

Fl-aħħar nett nixtieq nirringrazzja lil kull min jagħtina l-appoġġ tiegħu u nawguralkom il-festa t-tajba.

Viva Santa Marija Patruna tal-Imġarrin.


**SHAMBA**

*Fresh Fruit & Vegetables*

**63, Triq Fisher, Mġarr**

**Tel: 2152 4055**

*Messaġġ mill-P.R.O*

# Inkattru l-kultura fl-Imġarr



**Maria Vella**

Għeżież Mġarrin,

Issa aħna l-Imġarrin għandna l-unur li ngħidu li l-Imġarr għandna l-banda tagħna bħal postijiet oħra. Meta jien ġejt avviċinata minn xi membri tal-Kumitat Eżekuttiv u staqsewni jekk iniex interessata li ningħaqad magħhom fil-kumitat, jien ma ħsibthiex darbtejn u aċċettajt mill-ewwel. Jien kont ilni nsegwi l-passi ta' din is-Soċjetà li twaqqfet fl-Imġarr. Fil-fatt malli kont smajt li twaqqfet banda fir-raħal tagħna nkorraġġejt lit-tifel tiegħi sabiex jibda jitgħallem strument.

Issa qed nagħti s-sehem tiegħi sabiex din is-Soċjetà Mużikali tibqa' tistabbilixxi ruħha u tikber għal ġid tal-Imġarrin kollha. Inħeġġeġ lilkom qarrejja u ġenituri biex tagħmlu bħali u bħal sħabi tal-kumitat. Tagħtu s-sehem tagħkom u tappoġġjawna ħalli nkomplu nkattru l-kultura fl-Imġarr. Permess tal-kultura nkunu qed inbiegħdu 'l uliedna mill-vizzji ħżiena.

Bħala P.R.O. (uffiċjal għar-relazzjonijiet pubbliċi) tas-soċjetà apparti li jien nieħu ħsieb il-propoganda, jien responsabbli mill-allievi. Xogħli hu li nżomm reġistru bid-dettalji u l-attendenza tal-allievi li qed jitgħallmu fi ħdan is-Soċjetà tagħna.

Nixtieq nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv talli tawni din l-opportunità li nissieħeb magħhom, lis-Surmast Nicholas Vella u l-Assistent Surmast Tancred Grech għad-dedikazzjoni li għandhom mal-allievi. Fl-aħħar nett nappella biex min jixtieq jibda jitgħallem xi strument mal-banda tagħna, il-bieb hu miftuħ għal kulħadd u dan qed noffruh bla ħlas. Aħtaf l-opportunità.

Nawgura kull suċċess lill-banda tagħna u l-festa t-tajba.

Viva Santa Marija u l-Banda tal-Imġarrin.







# Id-Deputat Laburista

# l-Avukat Gavin Gulia

## Jawgura l-festa t-tajba lil Imġarrin kollha

Mobile: 79422916 E-mail: gavin.gulia @parlament.mt Facebook: Gavin Gulia


X'QIEGĦED
TISTENNA?



## *Messaġġ mis-Surmast Direttur u Għalliem tal-Istrumenti tal-Qasba*

# Naħdmu biex inkattru l-kultura Mużikali

**Mro. Nicholas Vella** ALCM

Merħba għal dan l-ewwel messaġġ f'okkażjoni tant ta' ferħ fil-festa tar-raħal tagħna, l-ewwel messaġġ bħala banda mużikali Marija Mtellgħa s-sema, banda li ser tagħmel unur lill-Imġarrin kollha. Nibda dan il-messaġġ tiegħi u nkun sinċier ma kinetx ħaġa faċli li nwaqqfu banda. Madanakollu aħna ma qtajniex qalbna bqajna magħqudin u naħdmu għal għan wieħed, it-tixrid tal-kultura mużikali. Il-messaġġ tagħna jidher biċ-ċar għaliex intlaqa' tajjeb ħafna minnkom il-ġenituri għaliex ippermettuli nuża kelma maltija fqajtuna bl-istudenti. U dan GRAZZI kbira tmur għall-ġenituri li urew fiduċja fit-tmexxija tagħna. Ir-riżultat ta' kemm verament aħna tal-banda magħqudin qed jidher. Issa wasalna sabiex ninawguraw uffiċjalment il-banda li intom l-imġarrin ilkom snin tistennew.

Quddiemna hemm sfidi kbar, sfidi li fl-aħħar minn l-aħħar ser jissarrfu f'suċċess u sodisfazzjon kbir, li taraw lil uliedkom idoqqu ġa xi ħaġa ta' sodisfazzjon, aħseb u ara meta tara dik il-banda ffurmata minn nies tar-raħal, li l-istess għamlu missirietna meta bnew it-tempju lil Ommna Marija Assunta, issa qed jibnu banda, banda li bid-daqq tagħha ser tagħti qima lill-Madonna li tant inħobbu aħna l-Imġarrin.

Mingħajr sagrifiċċju ma jsir xejn u dan is-sagrifiċċju qed jagħmluh ħafna nies, ma nistax ma nsemmix lill-President is-sur Giovann Gatt, lis-segretarju s-sur Joseph Caruana li jaħdem bla waqfien għall-banda għażiża tagħna, lill-Kaxxiera Mary Abela u l-membri kollha tal-kumitat li jieħdu ħsieb ħafna affarijiet u tant u tant benefatturi li ma jissemmewx. Grazzi għal dak kollu li qegħdin tagħmlu għall-ġid tat-tixrid tal-akbar kultura fid-dinja, il-kultura Mużikali, li s-Soċjetà tagħna l-għan ewlieni tagħha twaqqfet għalih.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringrazzja lill-kumitat kollu għall-fiduċja li dejjem tagħni, lis-Surmast Tancred Grech li għadu kemm ġie maħtur biex jgħallem l-istrumenti tar-ramm lill-Allievi tagħna. Lilkom ġenituri li afdajtu lit-tfal tagħkom biex jiġu jitgħallmu.

Grazzi lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor tkunu ta' għajnuna biex ikollna banda bħall-irħula oħra. Il-Festa t-tajba lill-Imġarrin kollha. Viva Santa Marija.

*Stitch by Stitch*

*Fr. Edgar Street, Mġarr*
*Mob: 9989 1105*
**Outerwear, Underwear, Footwear, Accessories,**
**Household Goods & Home Furnishings.**

## *Messaġġ mill-Assistent Surmast u Għalliem tal-Istrumenti tar-Ramm*

# Nagħmel dak li nista' biex ngħin



**Mro. Tancred Grech** B.A. (Hons.) Music, L.L.C.M., P.G.C.E.

Kien proprju ftit tal-jiem ilu li avviċinani s-Segretarju u wrieni x-xewqa li l-kumitat għandu interess li jaħtarni bħala għalliem tal-istrumenti tar-ramm kif ukoll assistent surmast ta' din il-banda ġdida f'pajjiżna. Jien ma domtx ma ħadt id-deċiżjoni u aċċettajt din l-istedina sabiex inkun nista' nagħti sehmi wkoll fil-bidu ta' din l-ewwel banda fl-Imġarr.

Jien ser nagħmel dak li nista' biex ngħin ħalli tkompli tikber il-kultura f'dan ir-raħal; dan għax naf li l-poplu Mġarri jixtieq li jkollu l-banda tiegħu.

Nixtieq nirringrazzja lill-Kumitat talli wera l-fiduċja tiegħu fija u għażilni bħala għalliem, kif ukoll assistent surmast ta' din il-banda hekk żagħżugħa u mimlija enerġija. Naf li llum il-ġurnata mhux faċli li żżomm każin ta' banda, kemm minħabba l-ispejjeż, kif ukoll biex issib nies li jaħdmu fil-volontarjat, imma nemmen li bl-għajnuna ta' Alla dan jista' jsir.

Nixtieq nawgura lill-poplu Mġarri kollu l-festa t-tajba u jalla jkollna festa sabiħa kif tixraq li tkun lil Ommna Marija Assunta. Viva Marija Assunta!





Sheet Metal Art Works



Għal xogħol ta' gaġeġ, tilari u affarijiet oħra relatati
Armar tal-festi bħal pilandri u dekorazzjoni oħra
Għal xogħol ta' armar tal-festi u tiswijiet ta' strumenti

*M. Baldacchino*
*"Stamford" 121, Triq San Filippu, Għaxaq.*
*Tel: 2180 6272 • Mob: 9986 1448*


90 sena f'qalbna



# L-Allievi tas-Soċjetà

**Wara mix-xellug:**
**Luca Galea, Samuel Muscat, Andrè Muscat, Kristina Mifsud, Rosemary Abela, Myriah Muscat, Martina Gatt u Nicholas Apap Bologna.**

**Quddiem mix-xellug:**
**Joelle Marie Sammut, Matthew Vella, Jade Marie Falzon, Mro Tancred Grech Assistent Surmast u Għalliem Sezzjoni tar-Ramm, Mro Nicholas Vella Surmast Direttur u Għalliem Sezzjoni Strumenti tal-Qasba, Owen Galea, Maylene Muscat u Andrew Abela.**

## Intom il-futur tagħna

# Grazzi u Kuraġġ...


David WOODWORKS
Specialises in all types of made to measure loose furniture, doors, kitchens, bedrooms, etc...
David Woodworks
Mobile: 79050807
e-mail: dgrech85@gmail.com


DINEWEST
A La Carte & Pizzeria
Take away Pizza
Fisher Road,
Mgarr Malta

*Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Banda*

# Twelid ta' Banda Ġdida – L-Imġarr għandu jkun kburi



**Joseph C. Azzopardi – Segretarju**

Kull meta xi ħadd ikollu twelid, fid-dar ikun hemm ferħ kbir. Kulħadd anzjuż biex jara t-tarbija tikber, jibdew jiffantasizzaw x'għad irid jgħaddi minnha, x'se ssir la tikber, x'se jgħaddi minnha mal-milja tas-snin.

Tingħata isem mixtieq mill-ġenituri u parrini, u l-familjari jibdew resqin lejn id-dar tagħha biex jaraw l-iżvilupp tagħha. Hekk inqabbel din it-tarbija mal-fatt li fl-Imġarr ftit xhur ilu, dilettanti welldu soċjetà ġdida. F'dan il-każ, welldu għaqda mużikali ġdida li jien kelli l-unur nassisti għall-ewwel laqgħa ġenerali u straordinarja li wellditha u li matulha ġie approvat statut biex tkun tista' titmexxa fuqu. U bħal meta titwieled tarbija, hekk ukoll fuq fomm u f'wiċċ id-diriġenti tal-BANDA MARIJA MTELLGĦA S-SEMA, rajt sinjali ta' sodisfazzjon għal fatt li mhux biss l-Imġarr, ukoll bħal diversi rħula Maltin oħra se jkollu l-banda tiegħu, imma hemm ukoll element ta' entużjażmu.

Sodisfatt għall-fatt li d-diriġenti kienu kawti, imxew pass wara pass b'mod meqjus. Ma għamlu xejn li permezz tiegħu ħarbtu dak li l-kumitat tal-festa jew il-Kappillan tar-raħal kienu diġà fasslu mis-sena ta' qabel għall-festa ta' din is-sena. Ma kien ikun ta' ġid għal ħadd kieku s-suppervja ħakmet lil xi ħadd, u hekk, wara li mxejna skont id-digrieti tal-Kurja, inkisbet l-approvazzjoni biex illum, 11 ta' Awwissu 2011, naraw il-magħmudija tat-tarbija ġdida mużikali f'dan ir-raħal. Il-kumitat, li kontinwament, kien iżomm kuntatt magħna u li kien joqgħod għad-direzzjoni u l-pariri tagħna, illum għandu jkun kburi li fi żmien daqstant qasir qed jara l-ħolma tiegħu titwettaq. Però ma kienx trankwill.

Minn dak li jien infurmat, inġabru għadd ta' mseħbin, ġew aċċettati bħala membri ġodda fl-Għaqda Każini tal-Banda u wkoll huma reġistrati mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet tal-Volontarjat. Dan ma jfisser xejn għajr rieda soda daqs l-azzar minn naħa tal-kumitat tat-tmexxija li jibdew joperaw fuq sisien sodi. Hekk imorru l-affarijiet, hekk għandhom jimxu nies li diġà għandhom l-esperjenza f'dan is-settur.

Jien inħossni onorat anke personalment li tajt ftit kontribut biex din il-banda ġdida tkun varata u tibda ħajjitha fuq pedament sod. Nawgura lid-diriġenti jibqgħu diliġenti, jagħmlu l-affarijiet b'kalma u b'passi meqjusa. Każini oħra ħadu snin biex għandhom l-assi tagħhom, u intom ukoll, ħbieb tagħna fl-Imġarr, minn bidu modest u għaqli, taslu wkoll biex issa twettqu l-ħolma li jmiss li jkollkom każin, li jkun attrezzat bil-ħtiġijiet kollha, b'sotto kumitati u b'fondi li permezz tagħhom tagħmlu attivitajiet biex iżżommu l-membri qrib is-Soċjetà.

F'din l-okkażjoni tat-tberik tal-banda u fl-okkażjoni li qed iddoqq il-banda tal-Imġarr għall-ewwel darba, jien ukoll se nagħmel kontribut modest b'marċ li permezz tiegħu jibda jinbena arkivju mużikali għal din is-Soċjetà. Fix-xhur li ġejjin nagħti iktar kompożizzjonijiet u nittama li bejn l-Għaqda Każini tal-Banda u l-banda tal-Imġarr jibqa' jkun hemm koperazzjoni f'livelli differenti għall-ġid tal-baned Maltin.

Awguri.

# IAN Borg

Kandidat għall-Elezzjoni Ġenerali

Ħad-Dingli, Ħaż-Żebbuġ, il-Baħrija, ir-Rabat, l-Imdina, l-Imġarr, l-Imtarfa

Jixtieq Jawgura l-festa t-tajba
lill-poplu tal-Imġarr kollu



7945 6060 | 9961 5380 | ian@ianborg.eu | www.ianborg.eu

Partit Laburista




A NEW ADDRESS
FOR DESIGN & STYLE

MARBLE | GRANITE | TERRAZZO | COMPOSITE STONE | HARD STONE | QUARTZITE

**Showroom:** The Factory, Mosta Road, Lija LJA 9016 - Malta **Tel:** +356 21 433636 **Fax:** +356 21 412499 **E-mail:** info@halmannvella.com

Halmann VELLA®
www.halmannvella.com

## *Messaġġ mill-Għaqda Festi u Kultura Mġarr*

# Ningħaqdu Festa Waħda

**Michael Farrugia – President**

Wasal iż-żmien tal-Festa u fejn kulħadd jibda b'ċertu fervur għall-Patruna tar-raħal. Għandna bżonn li dan l-entużjażmu tal-Festa nġorruh matul is-sena kollha bil-għaqal, bil-kwiet u bl-imħabba lejn xulxin; b'mod speċjali li għandna fir-raħal bidu ta' Banda ġdida biex l-affarijiet jimxu aħjar. Kemm ġejna aħjar issa, għax issa għandna daqsxejn minn kollox. F'xi ftit żmien ilu dawn l-affarijiet kienu kollha ta' piż fuq il-Parroċċa, imma issa dan l-aħħar mal-Kumitat tal-Festa twieldu Kumitati u Għaqdiet oħra u li lkoll l-għan tagħhom hu l-Patruna Santa Marija.

Għalhekk issa hu importanti li naħdmu bil-għaqal, kulħadd fl-għalqa tiegħu, ħalli nikkordinaw il-ħidma tagħna kollha flimkien. Hekk l-Omm tagħna Marija tistenna qima, paċi, għaqda u serjetà, u sinċerament nawgura dawn l-istess erba' kelmiet lil kull kumitat li għandu x'jaqsam mal-Festa. Ejjew ninsew id-differenzi bejnietna u naħdmu għal għan wieħed, il-Festa tagħna.

Bħalissa r-raħal tagħna qed igawdi mill-ħidma ta' diversi kumitati li huma tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema (tal-banda), tas-Soċjetà Spettaklu Marija Assunta (tan-nar), tal-Għaqda Kultura Festi Mġarr (tal-festa) u mill-kummissjoni Liturġika mmexxija mill-Kappillan. Għalhekk nagħlaq dawn il-ħsibijiet tiegħi billi rrodd ħajr lill-erba' kumitati għall-ħidma tagħhom, għas-sagrifiċċji li jkunu 'l bogħod mill-familja tagħhom u mid-delizzji tagħhom biex iwettqu x-xogħol volontarju tagħhom għall-Festa.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-poplu Mġarri kollu li jgħinu lil tal-kumitat tal-Festa ħalli jagħmlu mill-aħjar għas-sodisfazzjon ta' kulħadd.

Insellmilkom u nawgura Festa sabiħa ta' Paċi u Mħabba lejn xulxin. Viva Santa Marija.


L & R Excavations

Tal-Palmier

Mobile: 7947 2898, 9949 8688

*Messaġġ mill-Avukat li mexxiet l-ewwel laqgħa ġenerali tas-soċjetà*

# Titwettaq il-ħolma tar-Raħal



**Dr. Ingrid Fenech** LL.B, LL.D.

L-Imġarr huwa raħal mogħni bi storja twila ta' familji li għal ġenerazzjonijiet sħaħ għexu f'dan ir-raħal imdawrin bi sbuħija naturali liema bħalha. Iżda aktar ma jgħaddi ż-żmien u bil-popolazzjoni ta' dan ir-raħal dejjem tikber, aktar bdiet tinħass il-ħtieġa li tinħoloq soċjetà bil-għan li jitrawwem aktar it-talent mużikali fl-Imġarr biex fil-futur qrib il-ħolma li dan ir-raħal ikollu l-banda tiegħu tkun tista' ssir realtà.

Din il-ħolma llum issarfet fis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema Mġarr A.D. 2011, għaqda mużikali li tixhed il-ħidma kontinwa ta' numru kbir ta' nies li qed jiddedikaw ħinhom u ħidmiethom biex il-kapaċitajiet mużikali fl-Imġarr isibu benniena fejn jiżviluppaw.

Inħossni kburija li jien ukoll rajt dan il-proġett jitwettaq meta f'Ottubru li għadda ġejt avviċinata mill-President tas-Soċjetà s-Sur Giovanni Gatt, li wara li fissirli x-xewqa tiegħu li l-Imġarr, għall-ewwel darba, jkollu l-banda stabbilità tiegħu, talab l-għajnuna legali tiegħi biex din il-ħolma tibda titwettaq.

Meta rajt l-entużjażmu ta' dawk kollha involuti f'dan il-proġett, jien ukoll bil-qalb tajt l-assistenza tiegħi biex, flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv, b'mod partikolari b'kollaborazzjoni mas-Segretarju Ġenerali s-Sur Joseph Caruana, fassalna statut li permezz tiegħu ġie stabbilit l-għan ta' din is-soċjetà mużikali, kif ukoll il-funzjoni li din l-għaqda għandha taqdi fit-tixrid tal-kultura permezz tal-mużika, li huwa rwol tassew importanti fil-qalba tal-komunità Mġarrija.

Huwa ta' unur għalija li ġejt mistiedna biex inkun preżenti għall-ewwel Laqgħa Ġenerali tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema Mġarr, propju fit-13 t'Ottubru 2011, għaliex matul din il-laqgħa kien approvat l-istatut li kellu jirregola din il-Soċjetà u b'hekk twieldet l-ewwel banda tal-Imġarr, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Nicholas Vella u l-Assistent Surmast Tancred Grech.

Għalhekk huwa tassew bi pjaċir u b'sodisfazzjon li llum nara din is-Soċjetà tiffjorixxi fil-ħidma biex it-tagħlim tal-mużika jkompli jissaħħaħ fl-Imġarr, hekk kif il-banda saret parti integrali mill-ħajja kulturali ta' dan ir-raħal, bit-tberik uffiċjali tal-banda fil-11 t'Awwissu 2012.

Waqt li nixtieq festa mill-isbaħ lil kulħadd, nawgura lill-Banda tagħna ħajja twila b'ħafna suċċessi.

Din is-sena qed niċċelebraw il-

## 100 sena

mit-tqegħid tal-ewwel ġebla
tal-knisja parrokkjali tal-Imġarr

*2 ta' Ġunju 1912*





*Every little detail...*

The freshness of a sheet, the softness of a towel, the whiteness of a napkin...
as discerning customers, we all decide on that little detail which matters to us!
At Swan, we strive to provide this detail which distinguishes us from all the others.

Our advanced technology, our technical expertise, our impeccable service... have all been enhanced
to offer our clients the possibility of providing their own customers with that 'every little detail'...

**Proven Standards | Proven Satisfaction**

SWAN®
LAUNDRY & DRY CLEANING CO. LTD.

BLB 044 Industrial Estate Bulebel ZTN 3000 Malta Tel: +356 2169 1414 Email: admin@swanlaundry.com.mt

Il-Kunsillier

# GIOVANNI GATT

*Jixtieq jawgura kull suċċess*
*lill-banda tal-Imġarr u l-Festa t-Tajba*
*lil Kulhadd.*

Giovanni Gatt ilu membru fil-Kunsill Lokali tal-Imġarr
sa minn meta ġie stabilit fl-1994 u għandu
dawn ir-responsabbiltajiet:
**Servizzi Pubbliċi (dawl, ilma, drenaġġ,**
**telefon, telecare etc.) Skart Goff, Bozoz u Dwal**
Responsabbli mill-applikazzjonijiet
ta' servizzi ġodda tat-telecare u bozoz fit-toroq

***Mob: 99441502***



# Il-PERIT CHARLES BUHAGIAR

u l-Familja tiegħu jawguraw

**il-FESTA T-TAJBA**

lill-Imġarrin kollha

## ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJI

It-Tlieta - 8:00-9:30pm
**MOSTA**
Triq it-Tabib Chetcuti
Tel: 21417850

L-Erbgħa - 8:00-9:30pm
**ĦAD-DINGLI**
Triq Pawlu Ebejer

Il-Ħamis - 8:00-9:30pm
**ĦAŻ-ŻEBBUĠ**
Triq il-Knisja
Tel: 21466970

Il-Ġimgħa - 8:00-9:30pm
**RABAT**
1D, Triq San Pawl
Tel: 21451051





21 220010 peritcb@gmail.com www.charlesbuhagiar.com

## *Profil*

# Mro Nicholas Vella ALCM

### *Surmast u Għalliem tal-Allievi Sezzjoni Strumenti tal-qasba*



Is-Surmast Nicholas Vella twieled fil-21 ta' Ġunju 1974. Hu miżżewweġ lil Rita Vella neè Attard u għandhom tifel Nicolai li għandu 7 snin.

Beda jitgħallem il-mużika fl-eta ta' 8 snin fil-Każin tal-Banda San Nikola tas-Siġġiewi raħal twelidu, taħt is-Surmast Karmenu Vella.

Nicholas ħareġ idoqq għall-ewwel darba bil-klarinett fl-età ta' 10 snin mal-istess Banda.

Wara kompla l-istudji tiegħu fl-iskola tal-mużika Johann Strauss u mbagħad kompla bil-privat taħt is-Surmast Ronnie Debattista għat-tagħlim tat-teorija u taħt Mro Alfred Debattista għat-tagħlim tal-prattika tal-klarinett.

Fl-1999 Nicholas gradwa fid-Diploma tal-ALCM.

Is-Surmast Nicholas Vella kkompona diversi marċi brijużi u funebri. Hu kkompona wkoll diversi innijiet. Riċentament għadu kemm kiteb il-mużika tal-innu tal-banda tar-Residenza San Vincenz de Paul u l-innu "Lil Kbir Nikola" għall-Banda tas-Siġġiewi.

Is-Surmast Nicholas Vella daqq ma' diversi baned Maltin u Għawdxin u għallem bosta allievi.

Fil-karriera tiegħu hu kien Assistent Surmast mal-Banda San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq u mal-Banda Melita Banda San Ġużepp tal-Imsida.

Fl-2009, inħatar Surmast Direttur tal-Banda San Nikola tas-Siġġiewi fejn għadu f'din il-kariga. Fl-2010, inħatar Assistent Surmast mal-Banda tal-Karmnu tal-Balluta fejn għadu jagħti sehmu sal-lum. F'Awwissu ta' din is-sena Mro Nicholas Vella ġie maħtur Surmast Direttur tal-Banda l-ġdida li twaqqfet fl-Imġarr, is-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema".


**ADD & ALT**

**Ironmongery & Household Goods**

Fisher Street, Mġarr • Tel: 2157 7334

# TAL-BOMMER



Għal kull xogħol ta' twaqqiegħ ta' Bini,
Tħammil u Tqattiegħ ta' Blat

**Mob: 9945 8945**

Għal kull xogħol ta' tħaffir b'inġenji żgħar,
Ħitan tas-sejjieħ, trinek u xogħol ta' drenaġġ

**Mob: 9943 4977**




App Store | Google play | FREE DOWNLOAD

BOV Mobile
fast, simple and secure

Your success is our goal.

BOV MOBILE BANKING
2131 2020 | bov.com

Terms and conditions apply.
Android is a registered
trademark of Google Inc.

Issued by Bank of Valletta p.l.c.
58, Zachary Street
Valletta VLT 1130 - Malta

BOV
Bank of Valletta




AutOmax
PANEL BEATING & SPRAY PAINTING

Gudja Industrial Estate,
Tarxien Road,
Gudja
**Tel: 2166 1149**
**Mob: 9947 2196**

## *Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema L-Imġarr A.D. 2011*

# Kif bdejna u wara

**Kitba ta' Joseph Caruana** **Dip Opr.Mgt**

Sa minn meta bdejt niffrekwenta l-Imġarr ħsibijieti bdew itambru biex xi darba nagħmlu banda. Li nifforma parti minn Kumitat li jinkariga ruħu biex iwaqqaf banda, ma kinitx se tkun l-ewwel esperjenza għalija għax fl-1990 jien kont wieħed mill-Fundaturi tas-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa.

Hekk kif għaddiet il-festa ta' Santa Marija tas-sena l-oħra x-xewqa li nagħmlu banda fl-Imġarr aktar kompliet tikber. Hekk kif beda Ottubru ddeċidejt li nagħmel sforz sabiex insib xi nies biex flimkien niffurmaw Kumitat proviżorju ħalli jinkariga ruħu mill-preparamenti tat-twaqqif tal-Banda. Bil-għajnuna ta' Ommna Marija, fl-4 t'Ottubru 2011 għamilna l-ewwel laqgħa ta' dan il-Kumitat f'post fi Triq il-Kurat Chetcuti l-Imġarr. Għal din il-laqgħa attendew Giovanni Gatt, Clayton Gauci, Silvio Camilleri, Victor Mifsud, Paul Said u jien, Joseph Caruana. Inħoloq il-Kumitat proviżorju b'dawn il-karigi: Giovanni Gatt – President, Silvio Camilleri – Kaxxier u jien – Segretarju. Ftehemna li nibdew niġbru l-membri ħalli kif ikollna numru konsiderevoli nsejħu laqgħa ġenerali u b'hekk titwaqqaf uffiċjalment is-Soċjetà. Giovanni Gatt mill-ewwel deher li se jkun pedina importanti f'dan il-kumitat tant li offra donazzjoni ta' €500. Waqt din il-laqgħa l-President issuġġerixxa li s-soċjetà tiġi msemmija għal Santa Marija Mtellgħa s-Sema. Għalhekk kien hemm qbil biex l-isem tas-soċjetà jkun: Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema L-Imġarr A.D.2011.

L-aħbar mill-ewwel ġriet li fl-Imġarr se titwaqqaf banda u r-reazzjonijiet kienu diversi. Kien hawn min ħa pjaċir u kien hawn min offra reżistenza. Aħna bqajna mexjin il-quddiem u fil-11 ta' Ottubru 2011 saret it-tieni laqgħa tal-Kumitat proviżorju, din id-darba fil-limiti tar-Ragħad f'Ta'Swiegel F/Hse fi Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr. Għal din l-laqgħa attenda Christ Vella biex mela l-post battal li ħalla Silvio Camilleri li ma xtaqx ikompli fil-kumitat. Sadanittant kienu diġà nġabru diversi membri u x-xogħol fuq l-istatut kien kważi lest. Is-Segretarju proviżorju kien ħa ħsieb jikteb dan l-istatut. Biex l-istatut ikun kif suppost saru konsultazzjonijiet mal-Għaqda Każini tal-banda, mal-uffiċċju tal-Kummissarju tal-għaqdiet volontarji u mal-Avukat Ingrid Fenech li ħadet ħsieb il-verifika ta' dan l-istatut biex kollox ikun konformi mal-Liġijiet ta' Malta.



**Tas-Swiegel F/Hse il-post li fih isiru l-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv**

Għalhekk ladarba kienu nġabru numru konsiderevoli ta' membri u l-istatut kien tlesta ġie deċiż li fit-13 t'Ottubru 2011 tinżamm l-ewwel laqgħa Ġenerali tas-Soċjetà li matulha tiġi mwaqqfa s-Soċjetà uffiċjalment. Għalhekk tqasmet ċirkulari lill-membri kollha. Il-kumitat

ħa ħsieb li jiġu mistiedna biex jattendu għal din il-laqgħa l-Avukat Ingrid Fenech biex tmexxi l-laqgħa u s-Segretarju tal-Għaqda Każini tal-Banda s-Sur Joseph C. Azzopardi, bħala rappreżentant.

Il-jum tat-13 t'Ottubru 2011 wasal u l-membri attendew bi ħġarhom għat-twaqqif tal-banda tal-Imġarrin. Kien għall-ħabta tat-8pm meta fil-bini tal-Kunsill Lokali twaqqfet din is-Soċjetà u ġiet imsemmija għall-patruna Santa Marija Mtellgħa s-sema. Hekk kif l-Avukat Fenech iddikjarat it-twaqqif tal-banda uffiċjali dawk preżenti taw aplaws kbir.



**L-ewwel laqgħa ġenerali tas-Soċjetà fit-13 t'Ottubru 2011**

Waqt din il-laqgħa ġie approvat l-Istatut tas-Soċjetà u nħatar l-ewwel Kumitat Eżekuttiv li se jibqa' jservi sas-sena 2013. Il-Kumitat Eżekuttiv ġie maħtur hekk:

| | |
|---|---|
| President | Giovanni Gatt |
| Segretarju Ġenerali | Joseph Caruana |
| Kaxxiera | Mary Abela |
| Viċi President | Clayton Gauci |

Dawn huma l-uffiċjali tas-Soċjetà.

Anġela Muscat, Victor Mifsud, Paul Said u Christ Vella membri fil-kumitat.

Fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv li nżammet f'Tas-Swiegel F/Hse nhar it-Tlieta 18 t'Ottubru 2011 ingħataw dawn il-karigi - Asst Segretarju Paul Said, Assistenta Kaxxiera u Rappreżentanta Nisa Anġela Muscat, P.R.O. Victor Mifsud u Rappreżentant Żgħażagħ Chris Vella. Il-Kappillan Fr Antoine Borg inħatar bħala Direttur Spiritwali tas-Soċjetà.

Jien u l-President konna niltaqgħu kuljum f'Ta'Swiegel biex nippjanaw kif nistgħu nimxu 'l quddiem. Ta' min jinnota li hekk kif il-blat li ntuża għall-pedamenti tal-Knisja Parrokkjali tal-Imġarr inqata' min tar-ragħad hekk ukoll is-soċjetà tagħna, il-pedamenti tagħha ssaħħu bil-laqgħat li saru fir-razzett tas-swiegel li jinsab fil-limit tar-Ragħad.

Il-Kumitat mill-ewwel ħaseb biex jibda jgħallem il-mużika lill-Imġarrin. Wara li intlaħaq ftehim mat-tmexxija tal-Oratorju "Qalb Bla Tebgħa ta' Marija" sabiex nibdew nużaw l-oratorju biex ngħallmu t-tfal u jsiru l-laqgħat tal-kumitat. Il-Kumitat ħaseb biex jaħtar Surmast Direttur. Is-Segretarju kien nnomina tliet surmastrijiet biex jieħdu t-tmexxija tal-banda. Iżda malli delegazzjoni tal-Kumitat ltaqgħet mas-Surmast Testa mill-ewwel jaqdi u ħatret lilu bħala Surmast Direttur tal-banda. Madankollu minħabba ċirkustanzi li ħadd ma kellu kontroll fuqhom, spiċċa minn direttur tal-banda u floku nħatar Nicholas Vella biex jaqdi dmirijietu u ma' dik ta' għalliem tas-sezzjoni tal-injam. B'din il-bidla kbira kien meħtieġ li Mro Tancred Grech jinħatar bħala assistent surmast u għalliem tal-istrumenti tar-ramm. Dan pass ieħor importanti għall-ġid ta' ulied l-Imġarr. Fit-12 ta' Novembru saret l-ewwel attività f'Tal-Qiegħa Recreation Bar, Triq Fisher, l-Imġarr.

Ftit jiem wara bla telf ta' żmien saret stedina lir-residenti Mġarrin biex min irid jiġi

jitgħallem il-banda bla ħlas, minn nhar l-Erbgħa 23 ta' Novembru 2011 jattendi l-Oratorju bejn il-5pm u s-7pm għal-lezzjonijiet. Mill-ewwel deher li kien hawn rispons tajjeb għax min meta tqassmet l-istedina sa dakinhar tal-lezzjonijiet it-telefonati ma naqsux biex tinkiseb iktar informazzjoni.

Il-jum wasal u l-oratorju kien mimli bit-tfal u ż-żgħażagħ. Lanqas ridt nemmen għax min raħal ċkejken attendew madwar 40 persuna biex jibdew jitgħallmu l-banda.

Sadanittant jien bħala Segretarju kont diġà applikajt biex is-Soċjetà tikseb ir-reġistrazzjonijiet meħtieġa. Fit-30 ta' Novembru 2011 is-Soċjetà tagħna saret l-ewwel għaqda fl-Imġarr reġistrata bħla NGO (Għaqda Volontarja). Din ir-reġistrazzjoni tippermetti li niġbru donazzjonijiet għal għanijiet stabiliti fl-istatut. In-numru tar-reġistrazzjoni tas-soċjetà tagħna hu VO/0577. Ftit ġranet wara s-Soċjetà ġiet ukoll reġistrata bħala Persuna Ġuridika. Dan b'ċertifikat mogħti lilha datat 20 ta' Diċembru 2011. Barra minnhekk il-Kumitat kien ħa ħsieb li jinforma lill-Kappillan, lill-Kurja u l-awtoritajiet kollha li fl-Imġarr twaqqfet banda.

Il-lezzjonijiet tal-banda baqgħu mexjin 'il quddiem. Il-Kumitat baqa' miexi bil-ħidma tiegħu u ħaseb biex ikollu l-logo uffċjali tiegħu. Bord maħtur apposta għażel il-logo tad-disinjatur Albert Borda. Kif ġie deċiez l-logo saru l-*letteheads* uffiċjali tas-soċjetà u xi stationery oħra meħtieġa. Il-Kumitat ħaseb ukoll biex jordna l-istrumenti tal-perkussjoni.

Il-finanzi kienu limitati għas-Soċjetà. Fil-fatt biex jinġabru aktar fondi l-President Giovanni Gatt ħareġ bl-idea li jitqassmu l-envelopes fi djar u jinġabru triq triq. Skema li rnexxiet u s'issa dejjem inġabret is-somma neċessarja biex jitħallas is-surmast. L-ewwel ġabra saret f'nhar il-Milied 2011 mill-President.

Fi Frar 2012 waqt laqgħa tal-Kunsill tal-Għaqda tal-Każini tal-Banda, is-soċjetà tagħna dakinhar rappreżentata minni, ġiet affiljata bħala membru f'din l-assoċjazzjoni tal-baned Maltin u Għawdxin.



**Stationery uffiċjali tas-Soċjetà**

Imma x-xitan m'għandux ħalib u meta kollox kien miexi 'l quddiem, il-kumitat sab quddiem wiċċu problema. F'ittra datata 11 t'April 2012 mibgħuta mill-Kumitat tal-Oratorju "Qalb bla Tebgħa ta' Marija" ġejna mgħarrfa li b'effett immedjat is-Soċjetà kellha tieqaf minufih li tuża l-oratorju. Ma tħallejniex nużawh għall-ebda skop, jiġifieri la għat-tagħlim, la għal-laqgħat u wisq anqas għall-attivitajiet. Ir-raġuni mogħtija fl-ittra kienet li dan għaliex l-użu tal-oratorju għandu jkun għall-formazzjoni spiritwali u reliġjuża. Il-Kumitat fehem il-pożizzjoni tal-kumitat tal-Oratorju u bagħatlu ittra ta' ringrazzjament u donazzjoni ta'€50 talli ġentilment kienu tawna l-permess nużaw l-oratorju għall-operat tas-Soċjetà min-Novembru 2011 sa' April 2012. Din ma kinitx l-unika donazzjoni li tajna l-Oratorju. Konna nagħtu donazzjoni kull meta nagħmlu xi attività. Sakemm domna nużaw l-oratorju saru żewġ attivitajiet li għenu fil-ġbir ta' fondi. Flimkien mal-iskema ta' ġbir mid-djar il-kotba finanzjarij tas-Soċjetà bdew juru l-ħidma impenjattiva tal-kumitat. Għalhekk kien jeħtieġ li nsibu post fejn ngħallmu l-banda



Ikla organizzata mis-Soċjetà fl-oratorju fil-21 ta' Jannar 2012

għal-laqgħat. F'dan iż-żmien Paul Said irreżenja mill-Kumitat minħabba raġunijiet personali.

Il-President mill-ewwel offra l-post tiegħu, ta' Swiegel F'Hse sabiex nagħmlu l-laqgħat hemm u l-Kunsill lokali offra wkoll li sakemm insibu post nistgħu ngħallmu l-banda fil-Kunsill. Kulma kien jonqos kien li nsibu post fejn nagħmlu l-attivitajiet.

It-tagħlim tal-mużika baqa' miexi u ma waqaf qatt minn meta bdejna ngħallmu l-banda, għad li f'Novembru l-allievi naqsu u mbagħad żdiedu kif normalment jiġri. F'April numru sabih ta' allievi kienu waslu għall-istrument. Il-ġenituri tal-allievi ġew bejn ħaltejn jixtrux strument lit-tfal jew le. Dan ġara għax xi ruħ tajba bdiet tmexxi x-xnieha li l-banda se tieqaf. Il-kumitat iddeċieda li jagħmel laqgħa għall-allievi u l-ġenituri. F'din il-laqgħa spjegajna li l-kumitat deċiż li nibqgħu mexjin 'il quddiem. Il-ġenituri fehmu lill-kumitat u emmnu fih tant li bdew jixtru l-istrumenti.



Il-bandisti li ħadu sehem fit-tifkira tal-Vittmi tal-gwerra organizzata mill-Kunsill Lokali

Il-Kunsill Lokali min dejjem kien dispost li jgħin lis-Soċjetà tagħna. Fis-6 ta' Mejju 2012, il-kunsill fakkar il-vittmi Imġarrin tal-gwerra. Għal din l-okażjoni talab l-għajnuna tas-Soċjetà biex tieħu ħsieb li ssib bandisti hi ħalli jieħdu sehem f'din l-attività. Dan ma kienx biżżejjed għax il-kumitat tal-futbol tal-Mgarr United FC xtaq li għal waqt il-logħba deċisiva li lagħbu biex jitilgħu fit-tieni diviżjoni, is-Soċjetà tagħna ssib xi bandisti. Dan kien nhar il-Ħadd 6 ta' Mejju 2012 filgħaxija. Minkejja l-limitazzjonijiet tagħna aħna tajna s-sehem tagħna kif stajna u nittamaw li fil-futur inkunu f'pożizzjoni li dan nagħmluh bil-bandisti Imġarrin, frott l-għaqda tagħna.

Fil-bidu ta' Ġunju s-soċjetà tagħna kompliet timxi 'l quddiem u tissoda t-tagħlim tagħha. Dan jidher ċar anke bil-fatt, li l-Bord tal-Kwalifiki, aċċetta li t-tagħlim li jieħdu l-allievi fis-Soċjetà tagħna jiġi mniżżel fiċ-ċertifikat ta' *School Leaving*. Din żgur hi opportunità importanti għall-allievi li timliehom b'kuraġġ kbir.

Bil-għajnuna tal-għaqda Każini tal-baned u wara diversi konsultazzjonijiet ġie deċiż li ninawguraw u nbierku l-banda nhar is-Sibt 11 t'Awwissu 2012. Id-deċiżjoni finali ttieħdet fil-bidu ta' Ġunju u min dakinhar il-ħidma ma qatgħet xejn. Saru diversi attivitajiet biex jinġabru l-fondi u nġabru ħafna *sponsors* sabiex is-soċjetà ppubblikat dan il-ktieb ta' tifkira fl-okkażjoni tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda. Donazzjonijiet oħra kienu essenzjali sabiex is-Soċjetà

jkollha l-istandard tagħha li se jiġi rregalat mill-President is-Sur Giovanni Gatt, standard ieħor ta' Malta regalat mill-President Onorarju Louis Vella, standard tal-Imġarr irregalat mill-President Onorarju t-Tabib Godfrey Farrugia u l-President Onorarju u Nutar tal-Każin Tony Abela se jirregalalna z-zinninatri. Fil-bidu ta' Lulju 2012, is-Sinjura Maria Vella ġiet mtellgħa fil-Kumitat u ngħatat il-Kariga ta' P.R.O. Ftit ġranet qabel is-Sur Victor Mifsud ma baqax jifforma parti mill-Kumitat Eżekuttiv.

Matul Ġunju u Lulju saru żewġ attivitajiet biex jinġabru fondi għas-Soċjetà. Waħda saret fid-Dine West u l-oħra l-Bennej *Restaurant* fiż-Żebbiegħ. Iż-żewġ attivitajiet kienu suċċess u minn darba għal oħra, in-nies dejjem żdiedu.

Fil-bidu ta' Lulju 2012 tqassam *flyer* lir-residenti Mġarrin li fih ingħata tagħrif dwar is-Soċjetà u biex nuru t-trasparenza ngħata rendikont finanzjarju. Dan il-*flyer* kien effettiv ħafna tant li għal-lezzjonijiet tal-banda li saru ġimgħa wara reġgħu ġew allievi ġodda biex jitgħallmu l-banda. Il-Kumitat Eżekuttiv li minn dejjem ta priorità lit-tagħlim tal-banda ddeċieda li ma jitlifx iktar żmien. Oriġinarjament il-pjani kienu li wara l-festa tal-inawgurazzjoni tal-banda, jinħatar għalliem tal-istrumenti tal-qasba. Din il-ħatra kienet neċessarja peress li numru konsiderevoli ta' allievi bdew jipprattikaw bl-istrument u anke billi l-ammont ta' allievi kiber.



**L-ewwel attivita soċjali organizzata mis-Soċjetà – Pasta Night Tal-Qiegħa Recreation Bar fit-12 ta' Novembru 2011**

Biex il-banda ddoqq teħtieġ il-partituri tal-mużika, ħsibna li nagħmlu sett ta' marċi brijużi. Għal darb'oħra erġajt għamilt wiċċi u ma għamiltux għalxejn tafux. B'sodsifazzjon kbir nista' ngħidilkom li s-sett ta' marċi li se ndoqqu ġie rregalat kollu lilna bla ħlas mill-kompożituri u l-familjari tagħhom. B'hekk il-flus li ffrankawlna dawn il-qlub tajba nistgħu nutilizzawhom sabiex inkomplu ngħallmu l-banda. Is-Surmast Mario Testa ħa ħsieb il-kompożizzjoni tal-Innu tal-banda. Il-versi ta' dan l-Innu nkitbu mill-Kavallier Ġorġ Bianchi. Ma' dawn il-marċi, il-Kumitat tal-Għaqda Festi u Kultura Imġarr ġentilment tawna l-permess li ndoqqu l-Innu tant għażiż għall-Imġarrin, "L-Imġarr Iben Marija" li għandu mużika tas-Surmast Vincenzo Ciappra u lirika tas-Surmast Gianni Cilia.

Kif stajtu taraw l-kumitat hu determinat li jibqa' miexi 'il quddiem bit-twettiq tal-ħidma tiegħu biex ir-raħal ikun bħall-bqija u jkollu l-banda tiegħu. Is-sapport li sibna mingħandkom kien inkredibli u l-entużjażmu tat-tfal ħerqana li qed jitgħallmu l-banda jagħtina spinta kbira 'l quddiem u jimliena b'kuraġġ. Nemmnu li bl-għajnuna u l-ġenerożità tagħkom nistgħu nibqgħu mexjin. Ninsab ċert li ma ndumux ma jkollna d-dar tagħna u b'hekk inkomplu nevolvu iktar 'il quddiem. Bħallissa moqdijin imma meta jkollna d-dar tagħna nkunu nistgħu nagħmlu passi ferm ikbar 'il quddiem għax jonqsulna l-limitazzjonijiet. Minn qalbna għalhekk nappellalkom sabiex tgħinu lil din is-soċjetà u tgħinuha ssib id-dar tagħha. B'hekk ikunu jistgħu jiżdiedu d-dilettanti tal-festa u titkattar il-kultura, opportunitajiet li rħula oħra ilhom snin twal igawdu u aħna sa issa dejjem konna nieqsa u mċaħħdin minnhom.

# Beautiful Marbles

**We Also Offer water Jet Cutting On Any Kind Of Material**

## Marble, Granite & Quartz Works







- staircases, kitchen tops, vanity units, fireplaces, floors, facades, integrated sinks with tilted drain boards, monuments, sculptures, statues. memorials and more




**You've got the vision, we've got the tools**




Beautiful Marbles,
Triq Mro Giuseppe Camillieri, Qasam Industrijali,
Tal Handaq, Qormi QRM 4000
**beautifulmarbles@gmail.com**

**99448184**

**79276840**


Il-Festa t-Tajba mid-Deputat
u Whip tal-Grupp
Parlamentari Nazzjonalista
DAVID AGIUS
u l-familja tiegħu
P. N.
Jekk tixtieq tiltaqa' mad-Deputat David Agius tista' tagħmel dan
mingħajr bżonn ta' appuntament kull nhar ta' TNEJN
wara l-4.00 p.m. f'187, Triq Santa Katerina, H'Attard jew
ċempel fuq 7942 3101 jew 2141 75 07 għal appuntament fil-ġranet l-oħra
E-mail: david.agius@gov.mt Website: www.davidagius.org
Ħidma b'Lealtà ... Dejjem għas-Servizz Tiegħek

*Profil*

# Mro Tancred Grech B.A. (Hons.) Music, L.L.C.M., P.G.C.E.

## *Assistent Surmast u Għalliem tal-Allievi Sezzjoni Strumenti tar-Ramm*



Tancred Grech bandist min-Naxxar, beda l-istudji tal-*euphonium* ta' 9 snin mal-Banda Peace taħt Mro. Lawrence Bonnici u ħareġ idoqq mal-banda għall-ewwel darba meta kellu 13-il sena. Wara kompla ma' Dr. Philip Ciantar li ppreparah għall-eżamijiet tal-*Victoria College*. Aktar tard, kompla jistudja taħt Mro. Paul Borg, li flimkien ma' Mro. Lawrence Borg ippreparawh għad-Diplomi ta' A.L.C.M. u tal-liċenzjat tal-*London College of Music* (L.L.C.M.). Huwa ħa wkoll lezzjonijiet tal-armonija u l-orkestrazzjoni mis-Surmast Ray Sciberras. Tħarreġ fid-direzzjoni taħt Mro. Joseph Sammut. Aktar tard kompla l-istudji tiegħu fil-mużikoloġija fl-Università ta' Malta minn fejn iggradwa għall-B.A. (Hons.) fil-mużika fl-2007 u sena wara ħa l-P.G.C.E. Diploma. Huwa kellu l-opportunità li jattendi diversi *Master Classes* fosthom mat-trombunista Ian S. Davies u mal-ewfonista internazzjonali Steven Mead.

Fl-1996 iddebutta bħala solista mal-Banda Peace. Minn hemm baqa' jdoqq ma' diversi gruppi u ħa sehem f'diversi kunċerti u *musicals* ma' baned u gruppi differenti bosta drabi bħala solista. Mro. Grech kien ukoll mistieden idoqq ma' baned barranin li taw kunċerti f'pajjiżna.

Mro. Grech huwa Assistent Direttur tal-Banda Peace fejn jgħallem ukoll is-sezzjoni tar-ramm. Huwa għandu f'idejh ukoll il-*Peace Brass Ensemble*. Fl-2007 ħa l-kariga ta' Assistent Direttur u għalliem tal-istrumenti tar-ramm mal-Banda Beland taż-Żejtun u fl-2011 beda jgħallem is-sezzjoni tar-ramm mal-Banda Santa Marija ta' Ħad-Dingli. Huwa għalliem fi Stella Maris College, il-Gżira.

Mro. Grech hu miżżewweġ lil Katya Deguara.


**Jimmy**

Fruit & Vegetable

**Għajn Tuffieħa Road**
**Żebbiegħ**
**L/o L-Imġarr**
**Mob: 9980 2443**

***For fresh fruit and vegetables***

**Open daily from 10am till late**


Awguri
Il-Ministru Joe Cassar jawgura l-festa t-tajba lir-residenti kollha tal-Imġarr
Dr Joe Cassar jiltaqa' mal-kostitwenti tas-7 distrett
(Ir-Rabat, Ħaż-Żebbuġ, Ħad-Dingli, l-Imġarr u l-Imtarfa)
u tal-11-il distrett (H'Attard, Ħal Balzan, il-Mosta u l-Imdina)
kull nhar ta' Tnejn u Ħamis mill-4:00pm sas-6:00pm.
Għal appuntament ċempel fuq 2299 2418



## N. Montebello Excavation Works

- For all type of excavation (rock cutting)
- Jack Hammer Works
- Demolition Works • Drainage Connections
- Trencher Works • Rottary Cutter Works

Bien Amiee, Incoronation Street,
Mosta. MST 1627 Malta - EU
Tel: 21414960 Fax 21416835
Mob: 79448023
E-mail: nmexcavations@yahoo.com

# Mġarr *Daily Fresh*

**Vjal ir-Riħan San Ġwann SGN 9020**
**Tel: 2137 8282**

**For daily fresh fruit & vegetables**

*Opening Hours:*
*Mon to Sat from 7am to 7pm*
*Wednesday Half Day*

# Il-Kappella tal-Madonna tal-Itria (Binġemma)

**Kitba ta' Joe Brincat**

F'parti mill-isbaħ tal-Imġarr f'Malta, kollha ħdura, bis-siġar tal-frott u b'raba' mill-aqwa, bi ftit irziezet qodma għad-dell tal-għolja tan-Nadur u mxabbta magħha, fin-naħa tax-Xlokk, hemm iż-żona msejħa ta' Binġemma.

Fit-tarf tal-irdum insibu kappella ħelwa, pittoreska bl-isem stramb tal-Madonna ta' Itria. Xi wħud isejħulha bħala "Il-Madonna tal-Ittra", imma mhux il-każ għaliex propjament din il-kappella hija ddedikata lill-Madonna ta' Hodegitria.

## Binġemma

Binġemma huwa post pittoresk ħafna u l-parti fejn hemm din il-kappella hija wkoll sit storiku u arkeoloġiku. Fil-wied ta' Binġemma li hemm jaqsam dan il-lokal, insibu diversi oqbra Puniċi Rumani, u għerien fejn kienu jgħixu n-nies primittivi. Iktar 'il fuq insibu l-fortizza Binġemma, li kienet mibnija fil-bidu ta' żmien l-Ingliżi. Taħt l-għelieqi ta' faċċata tal-kappella huwa maħsub li hemm xi fdalijiet Rumani għaliex fil-ħamrija għammiela ta' dawn l-għelieqi, wieħed jista' faċilment isib biċċiet tal-fuħħar.

Minbarra dawn, f'dan il-lokal jeżistu fdalijiet aktar antiki, li huma l-kanali fil-blat magħrufin bħala l-"*cart ruts*". Dawn imorru lura għal żmien preistoriku u għalkemm jeżistu diversi teoriji ta' kif setgħu saru u għal xiex kienu jservu, xejn mhu ppruvat.

## L-Istorja tal-Kappella



Din hija l-kappella tal-Madonna ta' Hodigitria jew tal-Itria li hemm fuq l-Għolja ta' Binġemma barra l-Imġarr.

L-ewwel kappella li kien hemm f'dan il-lokal inbniet fl-1600 min-nobbli Giovanni Maria Xara f'waħda mill-artijiet tiegħu. Din il-knisja, li kienet iddedikata lill-Beata Verġni Marija ta' Itria (Hodegitria), kellha ċimiterju żgħir quddiemha u kienet miżmuma kif jixraq.

F'din il-kappella kien hemm artal wieħed tal-ġebel, u fuqu kien hemm kwadru tal-Madonna ta' Kostantinopli. Kellha qanpiena tal-bronż, imma kienet nieqsa minn kull ħaġa oħra. Kienet issir il-festa tal-Madonna fit-tielet Ħadd wara l-Pentekoste. L-Isqof ordna li jsirilha bieb u li tiġi mgħammra b'kulma kien meħtieġ biex fiha jkun jista' jsir il-quddies għall-bdiewa u r-raħħala li kienu jgħixu f'dak il-lokal. Il-werrieta ġew imwissija biex ikomplu l-obbligi li kellhom fil-wirt.

Din il-knisja ġiet xi ftit ittraskurata u qdiemet għal kollox, kienet ser taqa' u fl-1658, l-Isqof Molina pprofanaha. Iżda fl-1680, in-neputi ta' Giovanni, il-Baruni Stanislaw Xara, li kien il-kaptan tal-Virga tal-Imdina bejn 1671 u l-1673, iddeċieda li minn butu jħott din il-knisja ċkejkna

u bl-istess ġebel u xi ġebel ieħor jibni oħra ikbar; u hekk inbniet din il-kappella ħelwa li hemm illum ftit akbar mill-oħra, u ftit ’il bogħod minn fejn kienet il-knisja ta’ qabel.

Il-Baruni Stanislaw Xara ntrabat u waqqaf benefiċċju ta’ ġuspatronat, marbut mal-knisja l-qadima, u rabat il-ġid kollu tiegħu f’Malta u Għawdex biex jagħmel tajjeb għal dan. Huwa ntrabat li jekk il-knisja taqa’ u tinbena oħra minflokha bl-istess titolu u qrib l-istess post, il-benefizzju u t-tagħmir kollu jgħaddi għal din il-knisja l-ġdida. Huwa żamm biss il-kundizzjoni li din il-knisja u kull waħda oħra minflokha tkun meħlusa minn taħt idejn il-Kappillan u l-parroċċa, u tkun soġġetta biss għall-Isqof tad-djoċesi.

Din il-kappella ġiet iddedikata lill-Madonna ta’ Itria, jew kif tfisser bil-Malti, il-Madonna tat-Triq (“li turina t-Triq”), titlu li f’dawk iż-żminijiet kien popolari ħafna. Fil-fatt kien hawn diversi kappelli ddedikati hekk, fosthom il-kappella tal-Griegi li kienet tinsab ħdejn il-bieb tal-Griegi fl-Imdina. Maż-żmien, din id-devozzjoni ntilfet, u llum kulma baqa’ hawn Malta hija biss din il-kappella li ġġib dan it-titlu.




**Dan hu kwadru ex-voto (tal-wegħda) li jinsab ġewwa l-kappella**

Fl-1722, l-Isqof Gori Mancini sab il-knisja l-ġdida mgħammra tajjeb ħafna bl-istess kwadru li kien hemm qabel u bil-lampier jixgħel quddiemu. Il-fundazzjoni tal-quddies magħmula mill-Baruni Stanislaw Xara kienet qiegħda ssir regolarment. Wara din il-knisja huwa mar jara l-fdalijiet tal-knisja l-qadima li skont il-liġi kanonika, kellhom ikunu mdawrin b’ħajt tal-ġebel b’salib tal-injam f’nofsha.

Il-kappella baqgħet dejjem tinżamm tajjeb mis-sinjuri Xara u l-werrieta tagħhom, u baqgħet tiġi moqdija minn saċerdot għall-quddiesa fil-Ħdud u l-festi. L-isqfijiet kienu jagħmlu żjara lil din il-knisja fil-viżti Pastorali minħabba li kienet knisja marbuta ma’ benefiċċju. Dejjem sabu miżmuma tajbin l-affarijiet meħtieġa għall-quddiesa u r-reġistri tal-quddies, kif ordnat mill-Isqof Cocco Palmieri.

Fl-1870, il-Kontessa Marija Antonia Sant waqqfet l-istazzjonijiet tal-Via Sagra bl-approvazzjoni tal-Papa, mogħtija b’digriet tat-28 ta’ Diċembru 1870.

## Il-Kappella

Il-Kappella tikkonsisti fil-knisja, sagristija żgħira mibnija mal-ġenb tal-knisja, u li għandha bieb għal barra, u kamra żgħira fuq is-sagristija, li kienet isservi bħala post fejn jistrieħ il-qassis li kien imur iqaddes f’din il-kappella. Jidher ċar li s-sagristija u l-kamra li hemm fuqha nbnew wara, għax it-travi tas-soqfa huma tal-ħadid.

Din il-Kappella qiegħda mibnija fuq xifer il-blat, fejn taħtha hemm għaddej il-Wied ta’ Binġemma. Eżatt taħt din il-kappella hemm qabar Puniku mħaffer fil-blat, li l-parti ta’ barra tiegħu, xi żmien ilu, ġiet imċarrta min-nies tal-inħawi biex saret forma ta’ għar. Dan l-għar kien iservi biex il-qassis li kien jitla’ mill-Mosta fuq il-ħmar mis-Sibt filgħaxija, ikollu fejn iserraħ din il-bhima għal matul il-lejl. Fil-fatt, fl-għar tidher ukoll fejn kien jorbot il-ħmar.

Il-knisja għandha zuntier żgħir ħelu ħafna, b’erba’ tarġiet fin-nofs, li minnhom tidħol fil-knisja. Fil-bieb prinċipali tal-kappella hemm żewġ twieqi waħda f’kull bieba. Il-faċċata hija sempliċi, bit-tarf imqabbeż ftit ’il barra forma ta’ disinn. Fuq il-bieb hemm tieqa tonda, u fuq

din it-tieqa hemm arma ġentilizja bi tliet siġriet tal-Baruni Stanislaw Xara, li bena din il-knisja. Fuq il-knisja hemm kampnar forma ta' arkata b'salib fuqu. Fil-kampnar hemm qanpiena tal-bronż.

Il-Kappella minn ġewwa hija sempliċi ħafna f'dik li hi arti sagra, bħall-knejjes l-oħra ta' qalb il-kampanja, iżda hija ħelwa ħafna. Għandha artal wieħed tal-ġebel, u quddiemu hemm artal żgħir f'forma ta' mejda tal-injam. Hemm ukoll il-Via Sagra u hemm ukoll pittura eksvoto. Fuq it-tieqa tonda ta' fuq il-bieb insibu lapida li fuqha hemm miktub bil-Latin: "*Aedem in honorem bvm de Itria Gio Maria Xara Alibi Aedificatam 1600 Baro. Stanislaus Xara nepos dotavit 1680 ed ad hvnc transtulit locum ac amplioriem formam a fudamentio erexit*". Il-Knisja għandha saqaf troll u ħdejn il-gwarniċun tal-kwadru titulari hemm żewġ twieqi żgħar ħafna, biex ikomplu jagħtu d-dawl lil din il-kappella.

Il-kwadru titulari li jinsab fil-kappella llum huwa sempliċiment ritratt, kopja stampata ta' dak oriġinali li kien tpitter minn Stefano Erardi fl-1681. Dan il-kwadru jirrappreżenta lill-Madonna u lil Ġesù Bambin li qegħdin fuq tron li qiegħed miżmum fil-parti t'isfel mill-qaddisin San Pawl, San Franġisk t'Assisi, San Ġakbu, San Duminku, Sant'Antnin ta' Padova u Santa Roża, li huma qaddisin kbar li mxew wara Ġesù fit-triq it-tajba. Il-pittura oriġinali tinsab fil-mużew ta' Sant'Agata. Jidher li dan il-kwadru tneħħa minn din il-kappella minħabba l-biża' li dan jista' jinsteraq, kif sfortunatament ġara lill-pitturi oħra f'kappelli oħrajn tal-kampanja.

## Attivitajiet fil-Kappella

Fis-sena 2000 fl-okkażjoni tal-bidu ta' millenju l-ġdid, fl-għalqa ta' quddiem il-knisja tpoġġiet statwa tal-Madonna b'Ġesù Bambin f'dirgħajha, imlaqqma l-Istatwa tal-Millenju. Din saret b'wegħda.

Il-Festa titulari ta' din il-kappella għadha tiġi ċċelebrata bil-kbir fl-aħħar Ħadd t'Ottubru. Il-festi jinkludu anki tlett ijiem ta' tridu, biex imbagħad is-Sibt lejliet il-festa, issir ħuġġieġa tradizzjonali



**Dan ir-ritratt juri l-arma tal-Familja Nobbli Xara. Din tinsab fuq il-bieb tal-kappella mal-faċċata tagħha.**



**Dan ir-ritratt juri l-kappella minn ġewwa, bl-altar u l-prospettiva**




**Dan ir-ritratt juri kitba fuq l-irħama li tinsab fuq in-naħa ta' ġewwa tal-kappella fuq il-bieb. Hija tfakkar il-bini tal-ewwel kappella minn Giovanni Maria Xara fl-1600 u l-bini għal kollox mill-ġdid u b'mod akbar tat-tieni kappella f'post ieħor minn neputih il-Baruni Stanislaw Xara fl-1680**



**Il-kwadru titulari: Dan hu l-kwadru titulari tal-kappella. Hu xogħol ta' Stefano Erardi. Fil-kappella hemm kopja tiegħu. Il-kwadru oriġinali jinżamm fil-Mużew tas-Soċjeta Missjunarja ta' San Pawl f'Sant' Agata fir-Rabat. Tidher il-Madonna bil-Bambin f'ħoġorha bilqiegħda fuq sħaba u merfugħa fuq podium minn żewġ patrijiet eremiti. (hekk tfisser il-kelma Hodigitria) Fuq ix-xellug jidhru San Pawl, San Franġisk t'Assisi u San Ġakbu, waqt li fil-lemin jidhru San Duminku, Sant' Antnin ta' Padova u Santa Rożalija. Fin-naħa t'isfel tidher ukoll l-arma tal-Familja Xara. Dan billi kien il-Baruni Xara li ħallas għall-kwadru**

quddiem il-kappella. F'nhar il-festa l-kappella tkun miftuħa l-ġurnata kollha, biex imbagħad wara nofsinhar issir purċissjoni żgħira akkumpanjata minn banda fejn jitkantaw Innjiet Marjani u tingħad it-talba tar-rużarju. Wara hemm tradizzjoni fejn kulħadd iġib xi ħaġa tal-ikel miegħu biex imbagħad isir festin żgħir li jagħlaq il-festa.

Il-kappella hija miżmuma tajjeb ħafna u llum qiegħda f'idejn is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Ir-Rettur preżenti tagħha huwa Fr. Gerald Bonello MSSP. Fiha jsir quddies kull nhar ta' Ħadd u fil-festi kmandati fis-7.00 ta' filgħodu għall-bdiewa u raħħala li għadhom joqogħdu f'dawn l-inħawi.

Dan l-artiklu ttieħed bil-permess tal-awturi tas-sit www.kappellimaltin.com. Jekk trid tkun taf iktar fuq il-kappelli li hawn madwarna żur is-sit www.kappellimaltin.com.


# CUSTOMISED SOLUTIONS









**Leading Sippliers and Stockholders of:**

- All types of hydraulic, industrial, medium & high pressure hoses
- Hydraulic & pneumatic custom made cylinders and power units
- Various types of hydraulic pumps, motors, oil coolers and control valves
- Pressure seals and o rings
- Lifting chains & belts, wire ropes/slings, ratchet, straps, etc…
- Computerised testing machinewith certification printout of wire slings, chains, etc…
- Truck Parts, air brake components, engine parts, clutch parts, gaskets, etc…
- Repairs of truck gearbox
- Custom made mechanical cables for various cars and trucks

VMS

Vella Mechanical Services Co Ltd

t: (+356) 21 413 178
m: (+356) 99 428 729
f: (+356) 21 418 882
e: vella.jimmy@gmail.com
a: Triq Ta'Torba, Lija LJA 2041
Opening Hours:
Mon – Fri 7.30am – 5pm
Sat 7.30am – Noon
www.vmsmalta.com



# Il-Knisja parrokkjali ta' Santa Marija tal-Imġarr

Chev Mario Coleiro OSJ

Ir-Raħal pittoresk tal-Imġarr sar parroċċa fil-1896 u kien imqiegħed taħt il-patroċinju ta' Marija Assunta. Dak iż-żmien ir-raħal kien iżgħar milli huwa llum u r-residenti tiegħu kienu kollha bdiewa. L-ewwel knisja li serviet bħala parroċċa kienet daqsxejn ta' kappella li kienet tinsab fl-istess post fejn naraw il-knisja tal-lum. Din il-knisja kienet iddedikata lil Santa Marija. Il-poplu Imġarri kien ilu snin jitlob biex il-knisja tiegħu ssir parroċċa għax din kienet imbiegħda wisq mill-Mosta u mill-Imdina. Meta t-talba tagħhom intlaqgħet u l-Imġarr sar parroċċa, il-poplu mill-bidu beda jaħseb biex jibni knisja aħjar u akbar minn dik li kellhom. Fil-1912 inbeda l-bini tal-knisja preżenti u din inbniet madwar il-knisja l-qadima, li d-disinjatur tal-pjanta tagħha kien Ġamri Camilleri mill-Mosta. Sakemm inbniet il-knisja l-ġdida l-poplu baqa' jinqeda fil-knisja l-antika. Il-fatt li l-popolazzjoni ma kinitx waħda kbira ħafna u n-nies kienu fil-maġġoranza tagħhom bdiewa x-xogħol mexa kemxejn bil-mod. Meta x-xogħol kien kważi lest kien jonqos li tinħatt il-knisja l-qadima. Din bdiet tinħatt fil-1918 biex b'hekk tkun tista' tibda tintuża l-knisja l-ġdida. Wara l-gwerra l-knisja tlestiet minn kollox billi kien fadal tinbena l-lanterna tal-koppla u l-parti ta' fuq tal-kampnari. Matul il-gwerra, ix-xogħol kien waqaf kompletament.

Din il-knisja għanda arkitettura sabiħa u oriġinali fil-fatt hija ovali kemxejn żengulija. Meta saret il-pjanta kienet ġiet ispirtata mill-knisja tal-Lunzjata tal-Karmelitani tal-Mdina.



Il-koppla ssaqqaf il-knisja kollha u minn barra fil-faċċata għandha portiku sabiħ u kbir li jistrieħ fuq erba' kolonni. Fil-ġnub tal-koppla naraw żewġ kampnari mislutin u sbieħ. Fil-fontispizju tal-faċċata naraw możajk li juri xbieha tal-Assunta minn fuq. Il-pittura hija ta' Guido Reni u din kienet irregalata lil din il-knisja mill-kappillan Salamone u tbierket mill-Arċisqof Gonzi fil-1945. Quddiem, il-knisja għandha wieħed mill-ikbar zuntier li nsibu f'pajjiżna. Dan prattikament ikopri kważi l-pjazza kollha ta' quddiem il-knisja.


**Dehra tal-altar tal-kurċifiss li jinsab fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr**

Minn ġewwa, il-knisja fija daqqa ta' għajn u wieħed jista' jammira arkitettura sabiħa u eleganti. Mad-dawra nsibu sitt artali u l-artal maġġur jinsab ġewwa apside fonda. Mal-mgħodija taż-żmien il-knisja bdiet tiġi ddekorata u fija bdew isiru proġetti li komplew isebbħuha.

Il-paviment ta' din il-knisja huwa wkoll biċċa xogħol tajba ħafna u artistika. Dan sar fuq disinn ta' Ganni A. Cilia u fih tispikka l-ġometrija. Ix-xogħol sar kollu mid-ditta *Sare' Brothers*. Fil-parti ċentrali naraw l-M tal-Madonna flimkien ma' Salib.

Fil-knisja nsibu seba' artali li kollha għandhom kwadri tajbin fuqhom. Ħafna mix-xogħol tal-pittura f'din il-knisja huwa tal-pittur Ramiro Calì. Fost ix-xogħlijiet tiegħu naraw il-kwadru fuq l-artal tal-Madonna tar-Rużarju. Fuq artal ieħor insibu l-kwadru ta' San Ġużepp patrun tal-Knisja Universali. Tal-istess artist huma l-kwadri tal-Madonna tal-Isperanza li huwa kwadru sabiħ ferm u l-kwadru ta' San Ġwann. Kwadru ieħor huwa dak ta' San Franġisk ta' Assisi, kif ukoll il-kwadru ta' Kristu msallab u ta' San Ġwakkin. Insibu artal ieħor li fuqu naraw kwadru li juri lill-qaddisin Patruni ta' Malta li huwa xogħol ta' Guido Calì. L-iktar kwadru interessanti huwa l-kwadru titulari li huwa xogħol tal-pittur Lazzru Pisani. Dan pittru fil-1920 u huwa meqjuż bħala wieħed mill-aqwa xogħlijiet ta' dan il-pittur. Fih naraw lil Marija Santisima tiela' s-sema filwaqt li l-Appostli qegħdin jassistu. Tidher ukoll figura ta' Mara u l-qabar mimli bil-fjuri.


**L-Istatwa ta' Santa Rita**

Fil-knisja nsibu wkoll diversi statwi sbieħ li jgawdu ċerta devozzjoni, dawn huma ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù u ta' Santa Rita. Dawn iż-żewġ statwi nġiebu minn Ruma. L-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri ħadem l-istatwa ta'

San Ġwann l-Evanġelista u l-Kurċifiss sabiħ li fil-jiem tar-randan jintrama fuq il-presbiterju u jintuża għall-Eżerċizzi u l-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa. Il-Vara ħelwa ta' Marija Addolorata nġiebet minn Lecce fl-Italja u hija maħduma mill-kartapesta. Il-vara oriġinali ta' Ġesù Redentur inħadmet mill-istatwarju Għawdxi James Azzopardi fis-sena 2009.

Bla dubju ta' xejn l-iktar vara għażiża għall-Imġarrijn hija l-vara titulari ta' Santa Marija. Din il-vara nġiebet minn Marsilja fi Franza fil-1922 u swiet is-somma ta' 91 lira. Propju din is-sena din il-vara sabiħa tagħlaq 90 sena mill-miġja tagħha fir-raħal tal-Imġarr. Jingħad li kienu ndaħlu biex iħallsuha ħdax il-bidwi mill-Imġarr stess. Il-konti Manduka ħallas għall-istellarju li jinsab madwar ras il-Madonna. Il-vara titpoġġa fuq pedestall indurat u fil-kantunieri naraw erba' gastri bil-bukketti tal-ganutell. Il-Bradella u l-Bankun inħadmu mill-Mosti Ċensu Mifsud. Fil-1949 kienet indurata u mżejna kif għadha sal-lum. In-niċċa l-antika tagħha tħallset mir-reffiegħa li kienu jerfgħuha fil-bidu li waslet fl-Imġarr. Din it-tradizzjoni għadha sal-lum ħajja u naraw li r-reffiegħa jħallsu somma ta' flus li tagħmel tajjeb għall-ispejjes tal-festa biex ikunu jistgħu jerfgħu fil-vara. Fil-knisja, il-vara tintrama taħt pavaljun tal-bellus ikħal li sar riċentament. Is-sena l-oħra, iżżanżnet niċċa ġdida għall-vara titulari biex b'hekk il-vara tkun aktar gawduta u venerata matul is-sena kollha.

Bħal kull knisja oħra din il-knisja fil-jiem tal-festa tilbes il-libsa tal-festa. L-artali kollha jkunu armati bil-gandlieri tal-festa kif ukoll l-artal maġġur jintrama bi tnax-il gandlier u Kurċifiss. Fih ukoll sett ta' sitt appostli u erba' gastri bil-bukketti tal-ganutell. Mad-dawra tal-knisja jintrama sett linef tal-kristal xogħol antik u prezzjuż li kienu nxtraw għal din il-knisja mis-Santwarju u Bażilka tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta. Fin-nofs



**Dehra tan-niċċa l-ġdida ta' Santa Marija li żżanżnet fil-festa 2011**



Dettall tal-Vara tad-Duluri



Il-knisja parrokkjali tal-Imġarr

tal-knisja naraw imdendel lampier tal-fidda verament artistiku li sar riċentament. Dan sar fuq disinn ta' Renzo Gauci minn Ħal Tarxien u nħadem minn Tarċisju Farrugia taż-Żejtun. Dawn flimkien ma' diversi oġġetti oħra li jkomplu juru l-imħabba li l-Imġarrin għandhom għall-knisja tagħhom.

Il-Knisja minn barra għandha laqta pittoreska l-aktar meta wieħed iħares minn fuq l-għoljiet ta' Binġemma. Hija tidher tiddomina r-raħal u din il-veduta kienet użata kemm-il darba għal reklamar ta' pajjiżna fejn jintwera l-pajsaġġ Malti. Kienu diversi l-artisti li l-veduta tal-knisja tal-Imġarr laqtitilhom l-imaġinazzjoni artistika tagħhom u poġġewha fuq it-tila bħala xena tipika Maltija.





INT EXT
LANDSCAPING
the complete landscaping solution
Sun Island Nurseries Ltd
Triq il-Palma, Mgarr
MGR 2900
www.intext.com.mt
info@intext.com.mt
21 577 436




NENU THE ARTISAN BAKER
ST. FREDERICK
MERCHANT'S STREET
ST. PAUL'S STREET
ST. URSULA STREET
ST. DOMINIC STREET
WE ARE HERE
Nenu The Artisan Baker is a unique outlet serving traditional Maltese Dishes using fresh ingredients, in the ambience of an original restored bakery.
Go back in time and get a feel of how the bread was produced in the old days. One can also participate in practical demonstrations to prepare the Ftira, baked in an authentic stone oven.
Nenu the Artisan Baker is part of MAYPOLE group
Nenu The Artisan Baker - 143, St. Dominic Street, Valletta T: 22581535
E: info@nenuthebaker.com www.nenuthebaker.com


Traditional Barn Reared
Ballut Farm
We offer fresh local graded eggs, packed Small, Medium & Large
Available at Supermarkets & Retail Shops. We also supply Catering Establishments
Local Product Quality Guaranteed
Tel/Fax: 21573488 - Mob: 9980 1719 / 9947 5648
www.ballutfarm.com - ballut.farm@maltanet.net
Ballut Farm, Ghajn Tuffieha Rd, Ghajn Tuffieha, Malta


Hair-a-Holic
Unisex Hair Salon
by Adèle City & Guilds Qualifications
15, Fisher Road, Mġarr - Malta.
Tel: 2157 0949 • Mob: 9986 5219
We ❤ your hair!



# Il-Każini tal-Banda fis-Soċjetà Maltija

**Kitba tas-Sur Daniel Vella**
***Preżentatur Marċifest Radju Malta***

Il-każini tal-banda f'pajjiżna għandhom rabta kbira mal-festi tradizzjonali li jsiru fil-lokalitajiet ta' gżiritna. Dawn igawdu appoġġ u popolarità fis-soċjetà Maltija. It-twaqqif tagħhom beda madwar 150 sena ilu. Kienu grupp ta' mużiċisti li kienu jinkrew biex jallegraw f'okkażjonijiet partikolari, u dawn baqgħu magħrufin popolarment bħala l-'Banda t'Indri'. Tajjeb insemmi li proprja każini tal-banda ma kinux jeżistu fil-bidu. Lejn nofs is-seklu 18, fil-gżejjer tagħna, permezz tal-miġja ta' numru ta' refuġjati Taljani fostna, welldu fina l-ideat ġodda li kienu jinfirxu f'diversi oqsma, kemm edukattivi kif ukoll kulturali.

Mal-waqfien tagħhom, il-każini tal-banda saru soċjetajiet sekolari importanti fl-ibliet u fl-irħula tagħna. Dan jixhed it-tixrid ta' tagħlim tal-mużika kif ukoll dak kulturali mal-irħula rispettivi tagħhom. Barra minn hekk jixhed ukoll l-attivitajiet li jkollhom matul is-sena, apparti l-festa li hija l-attività prinċipali annwali ta' kull każin. Tajjeb wieħed isemmi l-involviment u l-impenn, kemm dak mużikali kif ukoll kulturali. Hawn insemmu l-kunċerti sinfoniċi, strumentali vokali, li jsiru f'diversi swali u teatri, fejn tindaqq bosta mużika impenjattiva.

Mill-aspett kulturali nsemmi wkoll il-wirjiet li jsiru fl-istess każini, b'mod speċjali fi żmien il-Milied u fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa. Hawn insibu l-ħidma ta' bosta kumitati, fergħat u kummissjonijiet imwaqqfin fi ħdan l-istess kumitati ċentrali li jmexxu dawn il-każini tal-baned. L-involviment taż-żgħażagħ u tan-nisa huwa forsi l-aktar aspett li jservi bħala spalla importanti f'kull fergħa ta' soċjetà tal-banda.

Fatt importanti ieħor marbut mal-ħajja tradizzjonali tal-każini tal-baned f'pajjiżna huwa l-kultura tal-marċi. Minn żmien għal żmien, numru ta' baned joħorġu numru ta' *recordings* fuq *cds* li fihom insibu numru kbir ta' kompożizzjonijiet li bosta minnhom huma mill-pinna ta' kompożituri magħrufa sew fil-qasam tal-kitba tal-marċ tradizzjonali ta' pajjiżna. Wieħed ma jistax ma jsemmix lill-Maġġur Anthony Aquilina, Vincenzo Cappiara, Luigi Bongailas, Andrew Coleiro, Archibald Mizzi, David Agius, John Theuma, Emmanuel Bugeja, David Caruana, Mario Testa, Ġużeppi Azzopardi, John J. Pace, Paul Schembri u ħafna oħrajn li nsibuhom imniżżlin f'diversi settijiet ta' marċi brijużi li minn sena għal sena kull soċjetà mużikali toħroġ fl-okkażjoni tal-festa tar-raħal jew tal-belt.

La qiegħed insemmi l-marċi brijużi, insemmi wkoll il-marċi funebri. Dawn jindaqqu l-aktar fiż-żminijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, fejn numru kbir ta' baned qegħdin jagħtu l-parteċipazzjoni fil-jum tal-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Interessanti ngħid li fil-kitba ta' dawn il-marċi funebri, minbarra d-diversi kompożituri Maltin, insibu bosta kompożizzjonijiet ta' surmastrijiet barranin li huma mfittxija ħafna mill-baned tagħna. Fost dawn insibu: U. Nicoletti, U. Manfredi, A. Mellili, G. Giumarra, A. Miruzzi, kif ukoll bosta surmastrijiet oħra li ħallewlna diversi marċi funebri sbieħ li jpaxxu tant dilettanti ta' żmien il-Ġimgħa Mqaddsa.

Barra l-kitba tal-marċi, numru ta' baned huma wkoll magħrufa għall-valzi tal-Għid,

eżempju t-tliet baned Qormin. Insibu wkoll il-marċi proċessjonali bħalma jdoqqu l-baned tar-raħal ta' Birkirkara, kif ukoll diversi għanjiet tradizzjonali għaż-żmien sabiħ tal-Milied.

Fil-fehma tiegħi u ta' ħafna ammiraturi tal-baned Maltin, l-għaqdiet tal-mużika f'pajjiżna huma l-benniena tal-kultura mużikali Maltija. Fil-fatt, grazzi għal din il-kultura naraw li maż-żminijiet ħarġu diversi mużiċisti u surmastrijiet li għamlu isem kemm f'pajjiżna kif ukoll barra minn xtutna. Tajjeb wieħed jgħid li l-każini tal-baned iservu wkoll bħala post ta' rikreazzjoni, diskussjoni kif ukoll laqgħat soċjali. Il-baned għandhom importanza kbira fiż-żamma tat-tradizzjonijiet festivi tagħna l-Maltin. Huma ta' allegrija, ferħ u attrazzjoni anke fil-qasam turistiku.

Biex nikkonkludi dan l-artiklu tiegħi dwar il-baned Maltin fis-soċjetà tal-qalba ta' pajjiżna, nawgura lill-każini tal-baned biex ikomplu jagħrfu jkunu konxji sew taż-żminijiet li qegħdin fihom: permezz ta' sehem sħiħ fl-edukazzjoni kulturali u ċivika lejn is-soċjetà Maltija.

Nieħu l-okkażjoni biex nawgura ħafna suċċess lill-banda l-ġdida "Marija Mtellgħa s-Sema", paġna ġdida u storika fir-raħal tal-Imġarr. Awguri għall-ġejjieni sabiħ ta' din il-banda f'ġieħ Maria Assunta .

IL-FESTA T-TAJBA !




Fresh local produce from
Mgarr's leading mushroom
cultivator and wholesaler
Mgarr Mushrooms
Mushroom Cultivators
Brooklyn Cottage,
Triq il-Vanilja, Żebbiegħ
Mobile:9940 9838
Fax: 21 521 226



John Bray & Son
Funeral Directors Est.1981
Moderate Prices
24 hour Service
Garage / Office
Funeral Service
Lampuki Street,
St Paul's Bay, SPB3061
Residence
117, Our Lady of Fatima,
Parades Street,
St Paul's Bay, SPB3431
Contact
Tel: 21585716, 21573588
21571260
Mob: 99493479, 79493479
99477153
Fax: 21573588
Email: johnbrayandson@yahoo.com
www.johnbrayandsonmalta.com
Helping you in life's most difficult moments

Tal-Paradise

PARADISE WINES & SPIRITS

**WHOLESALERS OF WINES**

**SPIRITS AND SOFT DRINKS**

Bottle Shop

**TRIQ IL-PITKALI - ATTARD**

9960 5185 - 9926 9375

Warehouse

**20, TRIQ L-ISKOLA - SAFI**

21682125

Also Supplier for EASYGAS

easygas

# Intervista ma' Rosemary Abela, allieva tas-Soċjetà



1. *X'kienet l-ewwel reazzjoni tiegħek meta smajt li fl-Imġarr qed jagħmlu banda?*

Il-banda ġor-raħal tagħna hija opportunità għat-tfal u għażżgħażagħ Imġarrin, opportunità biex ikollhom żvog u biex jitgħallmu suġġett extra-kurrikulari.

2. *X'ħajrek tibgħat lit-tifel jitgħallem il-banda mas-Soċjetà tagħna?*

Meta lit-tifel għednielu li ser jagħmlu banda l-Imġarr stess, huwa mill-ewwel wera interess. Qalilna li jixtieq idoqq strument.

3. *Kif tħajjart int u bdejt int ukoll titgħallem il-banda?*

Diversi persuni ħajruni biex nibda nitgħallem jien ukoll. Is-Surmast tal-banda u l-membri tal-familja ħeġġewni biex nibda ndoqq. Domt ftit intella' u nniżżel għax ħsibt li biex titgħallem iddoqq trid tkun għadek żgħir u moħħok frisk.

4. *Kif sejra fit-tagħlim tal-banda. Naf li diġà qed tipprattika bl-istrument u x'wasslek li tagħżel il-flawt?*

Sejra tajjeb. Kull strument huwa partikulari u kienet diffiċli biex nagħżel minnhom. Għall-ewwel kont kważi deċiża li ridt indoqq it-trumbetta għax minn dejjem kienet togħġobni. Fl-aħħar bdilt il-ħsieb u ddeċċidejt li nagħżel il-flawt għax rajtu li kien iżjed addattat għalija.

5. *Int mara tad-dar u taħdem ukoll. It-tagħlim tal-banda tħossu jirrilassak jew inkella jżidlek l-impenji tal-ġurnata peress li trid tistudja u tipprattika matul il-ġimgħa?*

Nipprattika nofs siegħa kuljum. Normalment, ma tkunx problema biex insib dan il-ħin. Xi drabi jkun iżjed diffiċli, imma peress li huwa ħin ta' gost u rilassament inkun qed nistenna dan il-ħin partikolari.

6. *X'inhi x-xewqa tiegħek fl-ambitu tal-banda u l-festa?*

Nixtieq li l-banda tkompli tikber u li iżjed żgħar u kbar jitħajru jingħaqdu mas-Soċjetà. B'hekk, fil-ġejjieni qarib, il-banda tkun tista' tikkontribwixxi lejn il-festa u r-raħal tagħna.

**It-tagħlim tal-mużika jkattar il-kultura għalhekk ħajjar lil uliedek jitgħallmu strument mal-banda tal-Imġarrin – Il-Banda l-ġdida**


Vehicle
AIR-CONDITIONING
REPAIRS & SERVICING
CALL US ON
9944 3588
VZ Lines Ltd.
Garage 95 St George's Road
St Paul's Bay, SPB 3475
M: +356 99443588
VZ Lines Ltd.
Servicing and Repairs of Air-conditions


maltatransfer.com
Get on board
Hotel Transfers directly to the
doorstep of your accommodation
Airport
Shuttle
Hotel
€5
Prices starting from only €5
per person / each way
Tel: +356 21332016 • Mob: +356 79646481
E-mail: sales@maltatransfer.com • Web: www.maltatransfer.com


KopTaCo
Coaches Cooperative
Airport transfers
Point - Point transfers
School transport service
Day outings
Tours
Contact us on
79338667
21338667
info@koptaco.com


VZ Lines Ltd.
Coaches, Mini Buses & Chauffeur Driven Cars
Point - Point transfers, Airport transfers,
Tours, School transport service, Day outings
VZ Lines Ltd.
Garage 95 St George's Road
St Paul's Bay, SPB 3475
M: +356 99239663


KIKKU
IRON WORKS
43, Triq l-Inġinerija,
Mrieħel, BKR 300
Tel: 21480900 - Fax: 21441024
Mtel: 99433111 - 99878999
www.kikkuironworks.com
info@kikkuironworks.com
Specialising in wrought iron works
Wrought iron accessories
Outdoor & Indoor Stairs Gates & Railings

# Staġun pożittiv ieħor għall-Imġarr United

**Kumitat Mġarr United F.C**

Reġa' għadda staġun ieħor li fih kellna ħafna affarijiet pożittivi kif ukoll negattivi.

Bħala pożittiv nistgħu nsemmu żewġ promozzjonijiet dik tat-tim tal-kbar u dik tat-tfajliet. Dawn ovjament tawna sodisfazzjon kbir. Bħala dik negattiva hija t-telfa tal-kowċ li tant ħadem għall-futbol fl-Imġarr Salvu Caruana li t-telfa tiegħu ħasdet lil kull min hu involut fil-klabb.

It-tim tal-kbar minkejja d-diffikultajiet bl-*injuries* xorta waħda kiseb il-promozzjoni għat-2 Diviżjoni wara li spiċċa fit-3 post tal-klassifika. Kien staġun diffiċli ħafna fejn ħames timijiet kienu biċ-ċans tal-promozzjoni sal-aħħar mumenti tal-kampjonat. Nixtiequ nirringrazzjaw speċjalment lil Vesko Petroviċ u l-plejers li sal-aħħar baqgħu jissieltu biex finalment wasal is-suċċess.

L-Istaġun 2011/12 kien wieħed ta' sodisfazzjon kbir għat-tim tat-tfajliet ukoll. Ikkompetejna fit-tieni diviżjoni, bl-għan li nerġgħu nitilgħu fl-ewwel diviżjoni għax ħassejna li il-plejers kienu jistgħu jikkompetu u jistgħu jkomplu jiksbu aktar esperjenza fl-ogħla diviżjoni. Kien hemm għaxar timijiet jikkompetu fil-kampjonat fosthom Naxxar, Melità u Ħamrun li ġejjin minn klabbs stabbiliti.

It-tmexxijja tat-tim kienet



Tim tat-tfajliet



It-Tfajliet premjati mill-M.F.A wara l-logħba kontra Naxxar Lions lit-tim Imġarri rebaħ 8-0



It-Tim tal-kbar

f'idejn il-kowċ Raymond Vella mgħejjun minn martu Mariella u Sandra Sammut. B'Tim mimli ħeġġa u serjetà stajna nħarsu lejn l-istaġun b'aktar entużjażmu. It-Tim mhux talli ħa l-promozzjoni iżda rebaħ il-kampjonat b'punti massimi.



It-tim tal-Kbar jiċċelebra t-tielet gowl waqt il-logħba kontra Mdina

Il-klabb jixtieq jirringrazzja lill-Kowċis u lil Mary Muscat tad-dedikazzjoni li għandha biex tieħu ħsieb dan it-tim. Nieħdu l-okkażjoni biex nawguraw lil Brenda Borg li rebħet l-aqwa skorer tat-tieni diviżjoni kif ukoll ġiet it-tielet l-aħjar plejer ivvutata mill-klabbs fil-kompetizzjoni li tagħmel l-M.F.A.

Fl-aħħar nixtiequ nirringrazzjaw ukoll lis-supporters tal-attendenza matul l-istaġun, fl-istess waqt nieħdu l-okkażjoni biex nirringrazzjaw il-Banda l-ġdida tal-Imġarr tal-kooperazzjoni billi ħadet sehem waqt il-logħba tat-Tim tal-Kbar meta rebaħ 3-1 fuq l-Imdina liema logħba waslitna għas-suċċess tal-promozzjoni.

Fl-aħħar nett nixtiequ nħeġġu lil kulħadd biex ikompli jissapportja lit-timijiet tal-Imġarr United li fl-istaġun li ġej ser ikunu ħafna impenjattivi.

www.mgarrutd.com




# MARLENE FARRUGIA



**Tawgura
l-Festa t-Tajba
lin-nies kollha
tal-Imġarr
fl-okkażjoni
tal-Festa ta’
Santa Marija**

**marlenep@onvol.net**
contact: 99432407

# Marmico Marbles

*Marble, Granite & Quartz Works*

We specialize in:
Staircases,
Kitchen tops,
Vanity units,
Fireplaces,
Floors,
Facades,
Monuments,
Sculptures,
Statues,
Memorials
and more



5, Corradino Hill, Paola
Mob: 9903 4996 • Tel: 2703 0606
marmicosales@gmail.com



# Tliet Ave Marijiet lill-Madonna

**Joe Chetcuti**
***Preżentatur tal-Programm 'Marċi u Bandalori' fuq Radju 101***

Din id-devozzjoni antika fil-Knisja Kattolika tista' tgħid li din bdiet fil-Medju Evu u kienu bdewha l-Franġiskani. Sant'Antnin ta' Padova kien jirrakkomanda din il-prattika, infatti waħda Soru Benedittina, Santa Matilda (1241-1298) kellha rivelazzjoni privata mill-Verġni Marija fejn qaltilha li dawn it-tliet Ave Marijiet jonoraw it-Tliet persuni tat-Trinità Qaddisa: Il-Madonna qalet:

**L-ewwel Ave Marija** tingħad ad unur ta' Alla l-Missier li tant għamel miegħi ħwejjeġ kbar. Tani s-setgħa fis-sema u fuq l-art. Fil-punt tal-mewt jien nuża din is-setgħa li tani Alla biex tirbaħ l-għedewwa ta' ruħek.

**It-tieni Ave Marija** tingħad ad unur tal-Iben t'Alla u ibni li mlieni bil-għerf tas-sema. Fil-punt tal-mewt jien nagħtik minn dan il-għerf li jneħħilek id-dubji, l-injoranza u l-erruri.

**It-tielet Ave Marija** tkun ad unur ta' Alla Spirtu s-Santu li mlieli lir-ruħi bil-ħlewwa, bil-ħniena u bl-imħabba. Waqt il-punt tal-mewt jien inbiddel l-imrar ta' minn ikun se jħalli lid-dinja bi ħlewwa u konsolazzjoni tas-sema.

Santa Geltrude (1256- 1301) wkoll kellha rivelazzjoni mill-Verġni Mbierka dwar it-Tliet Ave Marijiet. Qaltilha: Lil dik ir-ruħ li tipprattika bil-qalb id-devozzjoni tat-tliet Ave Marijiet jien inkun ħdejha fil-punt tal-mewt u nimlieha bil-konsolazzjoni tas-sema. Mela l-prattika tar-reċita tat-tliet Ave Marijiet tassigura s-salvazzjoni u huwa sinjal ċar ta' predinstinazzjoni.

Il-Qaddis, San Leonardu ta' Portu Maurizju qal hekk: Nirreċitaw it-tliet Ave Marijiet kemm filgħodu kif ukoll filgħaxija. Filgħodu sabiex il-Madonna tagħtina grazzja li ma nagħmlux dnub matul il-jum, ta' filgħaxija sabiex tagħtina l-grazzja li ma nidinbux matul il-lejl.

Qaddis ieħor li xerred bil-kbir ir-reċita tat-tliet Ave Marijiet kien San Alfonz Liguori, Duttur tal-Knisja li għex fl-1697-1787. Huwa kien jgħid lill-ġenituri sabiex idarru 'l uliedhom jgħidu tliet Ave Marijiet filgħodu u filgħaxija. Dan San Alfonz kien iħobb jgħid: 'Devot fidil tal-Madonna ma jintilifx, isalva żgur'. San Alfonz kien iħobb jagħti bħala penitenza lil dawk li kienu jmorru jqerru għandu r-reċita tat-Tliet Ave Marijiet u anke jirrakkomanda li wieħed ma għandux iħalli barra tul il-bqija ta' ħajtu l-prattika tat-tliet Ave Marijiet.

Il-Qaddisa li semmejna qabel Santa Geltrude tgħid li kellha rivelazzjoni mis-sema waqt li kienet qed tkanta l-Ave Marija fl-għodwa tal-festa tal-Lunzjata. Hija qalet li kienet rat il-Missier forma ta' raġel avvanzat fl-età, rat l-iben ta' Alla (raġel żgħażugħ) u l-Ispirtu s-Santu (taħt forma ta' ħamiema) u minn dawn il-persuni ħarġu tliet raġġi qawwijin ta' dawl u ppenetraw il-Qalb tal-Verġni Mbierka. Wara din il-penetrazzjoni, Santa Geltrude semgħet vuċi li qalet: Wara l-Qawwa u l-Omnipotenza tal-Missier, il-Għaref tal-Iben ta' Alla u l-Ħniena tal-Ispirtu s-Santu, xejn ma jilħaq il-qawwa, l-għerf u l-ħniena kbira tal-Verġni Marija.

Il-Papa Benedittu XV ried ukoll ikattar din id-devozzjoni fost l-Insara. Diġà kienet teżisti l-Konfraternità tat-Tliet Ave Marijiet, imma dan il-Papa għoġbu jgħolli l-Konfraternità u

jagħmilha ‘Arċikonfraternità. Il-Papa Benedittu ta’ wkoll bosta indulġenzi prezzjużi lil din l-Arċikonfraternità u anke Papiet oħra li ġew wara Benedittu XV żiedu l-indulġenzi. Il-Papa Ljun XIII żied l-indulġenza ta’ 200 jum kull darba li jingħadu t-tliet Ave Marijiet u 300 jum lill-membri tal-Arċikonfraternità. Il-Papa Ljun X tal-Benedizzjoni Apostolika tiegħu lil din l-Għaqda.

Mela la nafu li l-Madonna stess talbet il-prattika ta’ din id-devozzjoni, l-ebda nisrani konvint mir-reliġjon tiegħu Kattolika ma għandu jonqos li jgħid it-Tliet Ave Marijiet għallinqas darba kuljum, l-aħjar f’darbtejn mal-qawmien u darba qabel l-irqad tal-lejl.

Id-devozzjoni tat-tliet Ave Marijiet itaffi l-inkwiet kbir li ġġib magħha l-mewt. Anzi skont ir-rivelazzjoni lil Santa Matilda nsibu miktub hekk:

Filwaqt illi Matilda kienet qed titlob lill-Glorjuża Verġni Marija biex ikollha mewta tajba, il-Madonna dehritilha u qaltilha ‘Ċertament ngħinek waqt il-mewt. Imma jien nixtieq illi inti ma tħallix barra it-tliet Ave Marijiet kuljum’.

Ejjew ilkoll kemm aħna nagħmlu fehma li ma għadna nonqsu qatt u qatt li ngħidu Tliet Ave Marijiet. Jekk jista’ jkun ngħiduhom darbtejn kuljum filgħodu u filgħaxija, u taraw xi privileġġi kbar hemm marbuta ma’ din id-devozzjoni.

**Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema.**

GORMINA
BAKERY & CONFECTIONERY

Gormina Co. Ltd., Mosta Road,
St. Paul’s Bay SPB 3111, Malta
**Tel: 2758 5786**
e-mail: gorminabakery@gmail.com



SCS
Sammut Concrete Supplies
READY MIXED CONCRETE,
BRICKS MANUFACTURING,
CONCRETE PUMP HIRE,
&,
PROPERTY NEGOTIATION.
CIFA
MARSASKALA
4TH FLOOR 3 BEDROOM APARTMENT
FULLY FINISHED WITH EXTRA ORDINARY SEA VIEWS.
AT ONLY LM 79,000
GROUND FLOOR 2 BEDROOM MAISONETTE –
SHELL FORM, IN QUITE PART OF B'KARA
AT ONLY LM 47,000
BIRKIRKARA
QAWRA
3RD FLOOR 3 BEDROOM APARTMENTS –
FULLY FINISHED, JUST OFF TRIQ IT TURISTI.
STARTING AT ONLY LM 70,000
WIED IL– GHASEL, BURMARRAD,
L/O NAXXAR — MALTA.
Phone: 21 575 680, Mob: 9949 2755, Fax: 21 423 595
E-Mail : matsam@keyworld.net
FOR MORE INFORMATION REGARDING YOUR PROPERTY NEEDS CONTACT US ON : 79492755 / 70002755



Newwes Garage
Prop. Horace Spiteri
A Wide range of Wedding Cars for Hire • Taxi Service • Mini Bus Service 24 Hours a Day • Rent Cars
Triq Alfred Cachia Zammit, Żejtun Tel: 21 693247 / 21 694212 • Mobile: 9949 8829



# L-Imġarr lejn l-Ewwel Nofs is-Seklu Għoxrin

**Mario Fenech**

Ir-raħal tal-Imġarr minn dejjem kien wieħed pittoresk b'veduti mill-isbaħ li huma l-għira ta' ħafna nies minn bliet u rħula oħrajn.

Il-ftit nies li kienu jgħixu fir-raħal lejn il-bidu tas-seklu għoxrin kienu l-parti l-kbira minnhom bdiewa jew sajjieda. Nies umli li kienu jaqilgħu l-għajxien tagħhom b'tant xogħol iebes fir-raba' u fuq il-baħar.

Fir-raħal dak iż-żmien diġà kien hemm żewġ knejjes u ħafna kienu tal-ħsieb li r-raħal għandu jitwaqqaf parroċċa għalih peress li għall-Mosta kien hemm ftit tal-bogħod mhux ħażin. Saret talba għal dan l-għan u r-raħal sar parroċċa għalih b'digriet tal-Isqof Pietru Pace nhar it-12 ta' Ottubru 1898.

L-ewwel Kappillan kien Dun Ġlormu Chetcuti li ħa l-pussess tiegħu nhar it-13 ta' Awwissu tas-sena 1903 wara kien serva ta' Vigarju Kurat għal numru ta' snin.

Mal-ewwel snin tat-twaqqif tal-parroċċa nibet il-ħsieb li tinbena knisja akbar minn dik li kien hemm u wara ħafna tħabrik tal-Kappillan Ġlormu Chetcuti tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-bini tal-knisja nhar it-2 ta' Ġunju 1912.

Is-sagrifiċċji tan-nies tar-raħal ma kinux ftit biex dan il-proġett tal-bini tal-knisja wasal lejn it-tmiem tiegħu. Wara ħafna taqtigħ il-qalb u waqfien il-knisja ġiet imbierka mid-Delegat tal-Arċisqof Mons. Don Mauro Caruana, Mons. Ġlormu Chetcuti li kien l-ewwel kappillan tal-parroċċa tal-Imġarr, nhar is-26 ta' Frar 1946.

Matul l-ewwel snin mill-ftuħ tal-knisja bosta kienu dawk l-għaqdiet reliġjużi li kienu jorganizzaw pellegrinaġġi lejn ir-raħal u wara li jkunu jżuru l-knisja kienu jqattgħu ftit tal-ħin għall-arja tal-kampanja li l-Imġarr huwa tant magħruf għaliha.

Ir-raħal kellu wkoll l-importanza tiegħu post straġetiku ta' difiża tant li l-Gvern Kolonjali Ingliż kien ħa ħsieb jibni diversi batteriji u fortizza għad-diviża tal-inħawi.

Ir-raħal beda jikber bil-bini ta' numru ta' djar ġodda kif ukoll bil-bini tal-iskola tal-Gvern f'tarf ir-raħal li tbierek minn Mons. Ġlormu Chetcuti nhar id-19 ta' Settembru 1923.



Kienet ġiet ippubblikata kartolina sabiħa li turi xena panoramika tar-raħal bil-bini ta' madwar il-knisja u l-pjazza ta' quddiemha, bl-istatwa titulari ta' Santa Marija tħares fuq ir-raħal iddedikat lilha.

F'dan ir-ritratt wieħed jinnota d-differenza fil-kulur tal-ġebla kemm taż-żewġ kampnari kif ukoll il-parti ta' fuq tal-koppla tal-knisja. Dan

jixhed id-dewmien li kien hemm bejn studju u ieħor tax-xogħol tal-bini tal-knisja.

Ir-raħal tal-Imġarr matul is-seklu għoxrin baqa' jiżviluppa b'attività kemm kummerċjali kif ukoll sportiva.

Mal-bidu tas-seklu l-ġdid din l-attività żdiedet bit-twaqqif tal-banda tal-post. Kien jixraq li r-raħal tal-Imġarr ikollu wkoll il-banda tiegħu.

Dan il-pass 'il quddiem fil-qasam kulturali tar-raħal ikompli jgħolli 'l fuq l-isem ta' dan il-lokal tant sabiħ fil-gżejjer Maltin.

**Il-festa t-tajba lil kulħadd.**

## Il-festa tiegħi titlob is-sehem tiegħi!

Ma ngergirx, imma nkun pożittiv meta nitkellem fuq il-festa
Ngħin b'mod finanzjarju bl-aħjar mod li nista'
Ngħin jekk nista' b'mod manwali
Inħajjar nies biex jiġu għall-festa
Nipprepara ruħi sewwa bi Qrara u Tqarbina
Nattendi għall-funzjonijiet li jsiru fil-knisja fil-ġranet tal-festa

***B'hekk il-festa tiegħi niċċelebraha s-sena kollha.***






# QLED™ 1.5W

## Decorative Ball Shape LED Lamps



FULLY WATERPROOF

- Consumes only 1.5W while producing the same illumination of a 15W incandescent lamp
- Average lifetime 30,000 hours
- Vivid Warm White, Cool White, Red, Blue, Yellow and Green colours
- Fully Waterproof
- Available in B22 (Bayonet) and E27 (Edison Screw) base cap



**Available from all leading Hardware Stores and Light Shops**

Another product brought to you by:
Trade Enquiries: 7900 0369 / 7901 3878

your light source



# Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema L-Imġarr A.D.2011

# Programm tat-tberik u l-Inawgurazzjoni tal-Banda



## Il-Ħamis 9 t'Awwissu 2012

**7.30pm** Rużarju quddiem l-istatwa titulari ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema fil-Knisja Parrokkjali.

## Il-Ġimgħa 10 t'Awwissu 2012

**7.00pm** Nieħdu sehem fil-quddiesa għall-għaqdiet lokali fil-Knisja Parrokkjali tal-Imġarr.

**8.15pm** Buffett Pasta Night fil-Barri Bar & Restaurant,Wesgħat il-Ġublew, L-Imġarr. Kulħadd mistieden jattendi. Biljetti limitati.

## Is-Sibt 11 t'Awwissu 2012
## Jum it-Tberik u l-Inawgurazzjoni tal-Banda

**7.00pm** Quddiesa ta' radd il-Ħajr lil Alla fil-Knisja Parrokkjali Santa Marija Mtellgħa s-Sema, L-Imġarr.

**7.45pm** Jindaqq l-Innu Popolari 'L-Imġarr Iben Marija'. Mużika ta' Mro.Vincenzo Ciappara u Versi Surmast Ganni A. Cilia.

Tberik tal-Banda mill-Kappillan u Direttur Spiritwali Rev. Antoine Borg.

Jindaqq l-Innu tal-Banda li għandu mużika ta' Mro Mario Testa u Versi tal-Kavallier Ġorġ Bianchi.

Wara l-Banda Marija Mtellgħa s-Sema ddoqq għall-ewwel darba fit-toroq tal-Imġarr u tgħaddi minn dawn it-toroq: Wesgħat il-Ġublew, Triq il-Kbira, Triq Vitale, Triq San Pawl, Triq Dun Edgar, Wesgħat il-Ġublew, Triq Sir Harry Luke, Triq San Pawl, Triq Santa Marija, Triq Fisher u Wesgħat il-Ġublew.

*Kulħadd Mistieden Jattendi*

**VIVA SANTA MARIJA MTELLGĦA S-SEMA PATRUNA TAGĦNA L-IMĠARRIN**

**Il-Kumitat jappella biex jintramaw u jinxtgħelu l-gallariji minn fejn se jgħaddi l-marċ.**

# Tliet standardi għas-Soċjetà u opri oħra

Fl-okkażjoni tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda, is-Soċjetà tagħna se żżanżan tliet standardi. Dawn l-istandardi huma: l-istandard ewlieni tas-soċjetà, standard ta' Malta u standard tal-Imġarr.

L-istandard tas-soċjetà sar fuq disinn tas-Sur Albert Borda mill-Birgu. Il-ħjata saret mis-Sur Antoine Farrugia tal-Belt Valletta. Il-pittura u l-isfumar tiegħu saru mid-disinjatur Albert Borda stess. Il-lasta u l-arpa ta' fuq il-lasta nħadmu mis-Sur Twanny Zammit ta' Ħal Qormi u saru fuq disinn oriġinali ta' Albert Borda. L-ispiża ta' dan l-istandard laħqet is-somma ta' €650. Dan l-istandard se jiġi rregalat lis-soċjetà mill-President is-Sur Giovanni Gatt.




Id-Disinn tal-Arpa tal-Istandard tas-Soċjetà



Il-ħajjat Antoine Farrugia jagħmel il-ħjata tal-istandard tas-Soċjetà.



L-Artist Anoine Farrugia jpitter l-istandard tal-Imġarr

L-istandard ta' Malta se jinħadem l-Amerika u se jiġi rregalat lis-soċjetà mill-President Onorarju, is-Sur Louis Vella, li hu wkoll il-Konslu ta' Malta fl-Amerika. Il-lasta u s-salib tal-Kavallieri, li se jlaħħqu s-somma ta' €200 inħaddmu mis-Sur Marcell Baldacchino ta' Ħal Għaxaq u saru fuq disinn tiegħu stess. Dawn se jitħallsu mis-soċjetà.

L-istandard tal-Imġarr sar fuq disinn tas-Sur Antoine Farrugia tal-Belt Valletta. Il-ħjata u l-pittura saru wkoll mill-istess artist Belti. Il-lasta u l-kruċetta ta' dan l-istandard saru fuq

disinn tas-Sur Marcell Baldacchino ta' Ħal Għaxaq u nħadmu minnu stess. Dan l-istandard sewa s-somma ta' €450 u se jiġi rregalat lis-soċjetà mill-President Onorarju, it-Tabib Godfrey Farrugia.

Is-Segretarju, is-sur Joseph Caruana, ħa ħsieb il-koordinament tax-xogħol li sar fuq dawn it-tliet standardi li se jkunu jistgħu jitgawdew mill-Imġarrin waqt is-servizz mużikali li tagħmel il-banda tagħna.



Wieħed mis-sett ta' sitt leġiji li xtrajna

## Leġiji

Minħabba li numru sabiħ ta' allievi fi ħdan is-Soċjetà tagħna bdew jipprattikaw bl-istrument, inħasset il-ħtieġa li jinxtraw xi leġiji. Dawn il-leġiji jintużaw sabiex waqt il-lezzjonijiet jitpoġġew il-partituri tal-mużika fuqhom. Għalhekk inxtraw sitt leġiji. 'Il quddiem se jkollna bżonn nixtru iktar leġiji bħal dawn sabiex inkunu nistgħu nagħmlu l-kunċerti u l-programmi mużikali. Kull leġiju jiswa €35 u kull min jixtieq jirregalalna xi leġiju hu mitlub jikkuntatja lil xi membru tal-kumitat.

## Zinninati (Platti)

Strument importanti fil-banda huma z-Zinninati jew aħjar kif inhuma l-iktar magħrufa l-Platti. Dan is-sett platti se jiġi rregalat lis-Soċjetà mill-President Onorarju, in-Nutar Tony Abela u sewa s-somma ta' €400.





Iz-Zinninnati (Platti)

## L-uniformi tal-bandisti

Kien xieraq li għall-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-banda, tinħadem uniformi għall-bandisti. Għalhekk inħadmu par spalletti u faxxa ta' kulur ikħal biex jintlibsu mill-bandisti waqt is-servizzi mużikali. L-allevi tas-soċjetà li waqt il-marċ tal-inawgurazzjoni se jakkumpanjaw mal-banda se jilbsu wkoll din l-uniformi.

Ix-xogħol tal-ħjata fuq din l-uniformi sar mis-Sinjuri Odette Muscat u Lili Sammut, li huma ġenituri ta' żewġ allievi tas-soċjetà tagħna.

Hi x-xewqa tagħna li nkomplu nsebbħu l-uniformi billi nordnaw sett ingravajjet bl-arma tas-soċjetà, arma għal fuq il-brieret tal-bandisti u lazz li jgħaqqad l-ispalletti mal-ingravata. B'hekk l-uniformi tkun kompluta, imma kif tafu l-ispejjeż huma kbar u jkun iktar għaqli li nagħmlu pass meqjus wara l-ieħor biex dak li jsir ikun tajjeb mill-ewwel.



Ph.Borg Ltd
FUEL & LPG Supplier
Diesel
Kerosene
Heating Gas Oil
BioDiesel
Bulk LPG
LPG Transporter for LIQUIGAS Malta Ltd.
Mob: 9949 1177
Fax: 2152 3215;
Email: phiborg@go.net.mt




Mifsud Philip (Perit)
Membru Parlamentari Partit Nazzjonalista
Għamel Kuntatt Magħna......
Ħaż-Żebbuġ Arch Building, Triq l-Imdina
Nhar ta' Ħamis bejn il-5:00pm u 7:00pm
Rabat 22, Triq San Kataldu
Nhar ta' Tlieta bejn il-5:30pm u 6:30pm (Kull ħmistax, l-ewwel u t-tielet Tlieta ta' kull xahar)
Dingli 19, Triq iċ-Ċiefa
Nhar ta' Tlieta bejn il-5:30pm u 6:30pm (Kull ħmistax, it-tieni u r-raba' Tlieta ta' kull xahar)
philip mifsud
9942 5403
info@philipmifsud.com
www.philipmifsud.com


Mġarr Farmers
Cooperative Society Ltd
Il-bidwi li b'għożża qed jindokra
l-ambjent rurali u l-pajsaġġ Malti
Ħaxix frisk, bnin... u ġenwin
Frott il-ħidma tal-bdiewa Maltin


"Il-festa t-tajba"
DAVID VASSALLO PERIT
KANDIDAT GĦALL-ELEZZJONI ĠENERALI
9943 6306
perit.davidvassallo@gmail.com



# Messaġġ mingħand ħutna l-emigranti Mġarrin fl-Amerka

**Louis Vella**
***President Onorarju u Konslu għal Malta fl-Amerka.***

Grazzi tal-istedina biex nibgħatilkhom l-awguri sbieħ tiegħi u tal-familja għal din l-okkażjoni storika f'dan iż-żmien sabiħ tal-festa tal-patruna tal-Imġarrin kollha. L-isbaħ xewqat lill-Banda l-ġdida, "Marija Mtellgħa s-Sema" tal-Imġarr u nħeġġiġkom li tagħmlu kuraġġ u tqawwu l-qalb ta' dawk il-voluntiera li dejjem jitħabtu biex il-banda tkompli tkattar it-talent u l-kultura fl-Imġarr tagħna.

Mhux faċli li tinħoloq, tinżamm u titkabbar għaqda mużikali ta' bandisti f'raħal żgħir bħalma hu l-Imġarr. L-intoppi u l-mewġ ikrah tal-maltemp żgur mhumiex se jonqsu, imma bil-kooperazzjoni, bir-rieda tajba, perseveranza u ħidma sħiħa, ċert li m'għandkhomx tfallu milli ssarrfu din l-opra ta' fejda kulturali f'sodisfazzjon u suċċess għal ħafna snin fil-futur tal-*Imġarr Iben Marija*.

Nifraħ lill-banda Marija Mtellgħa s-Sema u nawgura l-festa ta' Santa Marija mill-isbaħ u ta' suċċess kbir, specjalment mill-att spiritwali kif ukoll dak kulturali u socjali.

Viva Santa Marija.



## Messaġġ minn Mrs. Ġina Gonzales minn "Tal-Orbu"

"Jien Gina Gonzales née Deguara minn "Tal-Orbu". Nixtieq il-festa t-tajba lill-ħuti Mġarrin kollha. Nixtiequ wkoll kull suċċess lill-banda l-ġdida tal-Imġarr u lit-tfal li qegħdin jitħarrġu u l-ġenituri tagħhom.Viva Santa Marija tal-Imġarr."

## Messaġġ mingħand Pawlu Mifsud "Tat-Trilla"

" Nifirħilkom u jalla jkollkom festa sabiħa u l-banda tkompli miexja 'l quddiem. Il-festa t-tajba lill-Imġarrin kollha. Viva Marija Assunta tal-Imġarr."

## Messaġġ mingħand Pete Vella "Tal-Paxakk"

"Awguri lill-banda tal-Imġarr. Nixtiqilkom suċċessi kbar fil-futur. Għamlu kuraġġ u taqtgħux qalbkom. Inselli għall-Imġarrin ħuti kollha filwaqt li nixtiqilkhom il-festa t-tajba.

Viva Santa Marija."



## Messaġġ mingħand Joe Vella "Tal-Aħmar"

"Awguri sbieħ għall-festa ta' Santa Marija tal-Imġarr. Nawguralkom festa sabiħa miġburin madwar il-patruna qaddisa tagħna. Awguri mill-isbaħ lill-banda tal-Imġarr u jalla tkomplu fit-triq it-tajba mimlija b'suċċessi u sodisfazzjon. Viva Santa Marija."

**Messaġġ mingħand Marry Schembri née Zammit "Tas-Sagristan"**

"Kemm ferħet qalbi xħin smajt l-aħbar sabiħa li tani Louis Vella li twaqqfet banda fl-Imġarr. Nawguralkom kull suċċess fit-twaqqif tal-banda lokali. Jalla jkompli jikber it-talent Imġarri, f'kull individwu biex nagħtu gloria lil Alla u lil Marija Santissima, il-patruna tal-Imġarr. Awguri sinċieri. Viva l-Assunta tal-Imġarr u l-festa t-tajba"





Debono CAR CENTRE
Your Car Your Way
Carmel Str., Fgura FGR 2109 - Malta
(Opp. Bulebel Industrial Area)
Tel: 2189 5775 - Mob: 9949 0775 - 79278232
Email: info@debonocarcentre.com
WWW.DEBONOCARCENTRE.COM
At Debono Car Centre we specialise in high-graded UK Imports. A vast range of vehicles at fantastic prices guaranteeing you will receive Great Value for money.
We stock a variety of types of second hand vehicles for every use, always in excellent condition and reasonably priced. Whether you want to part-exchange your car or purchase a high quality second hand vehicle a visit at our showroom should not be missed where stock is received on regular basis.




HBR
HAIRDRESSING
ROSE MARIE CAMILLERI
opening hours:
mon-wed from 9.00-14.00
thur-sat from 9.00-19.00
TRIQ IL-MAJJISTRAL
MGARR MGR1050
21570810/99879263
CELEBRATING TEN YEARS EXPIRIENCE
IN HIGH FASHION IDEAS
THAT PROVIDE ART INTO
COLOUR AND RESTYLE
FORMING A HAIRDO
COMPLIMENTING WITH
LUXORIOUS EXTENSIONS
AND KERATIN TREATMENTS

CARE & ELDERLY

CONSTRUCTION & REAL ESTATE

CATERING

BESPOKE FURNITURE

VASSALLO GROUP ~ 65 YEARS OF SUCCESS

ARCHITECTURE

HOSPITALITY

INFORMATION TECHNOLOGY

EDUCATION

# BUILDING ON OUR SUCCESS

With a heritage spanning over six decades, the Group is one of Malta's most well established and successful employers, with a staff complement of 1,300 and investments in a large variety of key macro sectors - Construction & Real Estate, Elderly Care, Bespoke Furniture, Hospitality, Catering, Education, Information Technology, and Landscaping.

VASSALLO GROUP
SINCE 1946

Vassallo Group, The Three Arches,
Valletta Road, Mosta
info@vassallogroupmalta.com
www.vassallogroupmalta.com
Tel. +356 21 432 333

**ANNA MART JOE FALZON UNDERTAKER**

**TAL-FUNERALI TAL-MOSTA**

**NIGHT & DAY SERVICE**

Garage Hire Service: 10, 14, Bridge Street, Mosta.
Undertaker Service: 29, 31, 33, Bridge Street, Mosta.
Residence: Rosemarie, 35, Bridge Street, Mosta.
Office: 39, Bridge Street, Mosta.

Telephone: 21411207 - 21411828
Fax: 21420877
Mobile: 99490142 - 99498056



# Ġanni A Ċilia u ħidmietu fl-Imġarr

**Kitba ta' Mario Vassallo**

(Partijiet minn din il-kitba nkitbu flimkien mas-Sinjura Victoria Grech u kienet inqrat għall-*feature* dwar Ġanni Cilia. Il-*feature*, li kien sar fis-sala tal-iskola tal-Imġarr nhar il-5 ta' Frar 2012 fl-okkażjoni ta' Ġieħ l-Imġarr imtella' mill-Kunsill Lokali. Dakinhar, is-sala tal-iskola kienet issemmiet għall-Ġanni A. Cilia.

## Daħla

L-Imġarr sar parroċċa fl-1898 u bħala l-ewwel kappillan intbagħat Dun Ġlormu Chetcuti. Dak iż-żmien ir-raħal kien jikkonsisti f'numru ta' rziezet imdawrin ma' kappella antika ddedikata lil Marija Assunta. Sa mill-ewwel snin fit-tmexxija tiegħu Dun Ġlormu daħal għall-proġett ta' bini ta' knisja kbira biex taqdi aħjar il-ħtiġijiet tar-raħal.



Ġanni A. Cilia

Kien fl-1921 li wasal fostna l-qassis żagħżugħ Dun Edgar Salomone biex jgħin fil-ħidma lil Dun Ġlormu. Minbarra l-proġett tal-bini tal-knisja, Salomone sab li ma kien hawn xejn aktar bħala tagħlim u għajnuna għall-ħajja ta' kuljum għan-nies ta' dawn l-inħawi. Għalih dan ir-raħal kien post ta' waħx u griebeġ.[1] Dun Edgar mill-ewwel beda jaħseb biex tinbena skola għat-tagħlim għax sab li minn popolazzjoni ta' 1277 ruħ, 4 % biss kienu jafu bil-Malti u 1 % bl-ingliż.[2] Infatti sentejn wara l-wasla tiegħu jiġifieri fl-1923 inbniet l-iskola primarja tal-gvern. Bħala l-ewwel surmast kien intbagħat is-Sur Salvu Cardona minn Raħal Ġdid u sena wara kien intbagħat Dun Sander Zammit minn Ħaż-Żebbuġ li dam sentejn fil-kariga. Fl-1926 wasal fostna surmast żagħżugħ ta' 22 sena minn Ħaż-Żebbuġ ukoll, is-Sur Ġanni Amante Cilia. Is-Sur Ġann dam surmast tal-iskola tal-Imġarr sakemm irtira bil-pensjoni fl-1964, jiġifieri 38 sena. Imma minn kien dan Ġanni Cilia?



il-Kappella tad-Dawl, Ħaż-Żebbuġ

## Tfulija u ...

Ganni Cilia twieled Ħaż-Żebbuġ fl-inħawi tal-Kappella tad-Dawl u fl-istess triq tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila, fis-6 ta' Jannar 1904 minn Ġużeppi u Marija-Grazzja mwielda Zerafa. Ta' 4 snin beda jmur l-iskola primarja ta'



Ġanni Cilia u Mikielanġ

Ħaż-Żebbuġ fejn mill-ewwel beda juri ħerqa kbira għat-tagħlim. Hekk insibu li meta kien fi standard 2 kien ingħata midalja talli qatt ma falla ġurnata skola dik is-sena.[3]

Fl-istess żmien hu kien imur għat-tagħlim tad-duttrina ma' tal-Museum. Din l-għaqda ġdida kienet għadha kif fetħet fergħa f'Ħaż-Żebbuġ u Ġanni Cilia tant kien imur tajjeb fit-tagħlim li s-Superjur Ġenerali Eugenio Borg kien għamlu mal-'Magħżulin'. Ta' tnax-il sena kien diġà beda jgħallem id-duttrina lit-tfal.[4]

Għal xi żmien daħal fid-*Dockyard School* bħala '*plumber apprentice*'. Wara kompla l-istudji tiegħu fit-*Teachers Training School* u kompla fis-*St Mary's College* tal-Università ta' Londra.

F'Ottubru 1920, ta' 16-il sena, beda jgħallem fl-iskola ta' Ħaż-Żabbar u sena wara fl-iskola ta' Ħal Qormi. Fl-1923 nħatar għalliem tal-matematika fis-*Central School* tal-Belt. Sentejn wara, fl-1925, laħaq surmast u ntbagħat ix-Xewkija Għawdex. Kien hawnhekk li ltaqa' mal-mara futura tiegħu Mikielanġela Azzoppardi.

Sena wara fl-1926, intbagħat fir-raħal tagħna l-Imġarr u kien joqgħod fid-dar (illum) numru 51 Triq Fisher. Wara mar joqgħod fi Triq Fr Edgar fid-dar numru 5 u wara f'dar oħra fl-istess triq imma kantuniera ma' Triq San Pawl. Wara l-gwerra fl-1949 mar joqgħod f'dar ġdida. Bl-isem ta' San Filep, fi Triq Sir Harry Luke kantuniera ma' Triq San Filippu. Is-surmast, kif kien magħruf magħna l-Imġarrin, rabba familja ta' erba' wlied; Jane, Josephine Grace u Emanuel. Ġanni Cilia ħalla din id-dinja nhar l-4 ta' Lulju 1999 fl-età ta' 95 sena u għalkemm kien għex fostna



Id-dar tas-surmast



Il-qabar tal-familja Cilia. Warajh tidher il-kappella fuq il-qabar ta' Dun Karm Psaila.

għall-72 sena, fuq ix-xewqa tiegħu, jinsab midfun Ħaż-Żebbuġ fil-qabar tal-familja li nzerta biswit ta' Dun Karm Psaila.

## Milied 1927

Għalkemm fl-1926, intbagħat bħala surmast tal-iskola primarja, Ġanni Cilia mill-ewwel beda juri interess fil-ħajja soċjali ta' dan ir-raħal. Fil-Milied tal-istess sena sar jaf li għall-prietka tat-tifel fil-funzjoni ta' nofsillejl kien jinġieb tifel mill-Mosta. Din il-biċċa xogħol ma setax jaċċettaha għax deherlu li kellu jsib xi tifel mir-raħal li kien kapaċi jitgħallem il-prietka bl-amment. Hekk ħaseb u hekk ġara għax fil-Milied ta' wara, fl-1927, il-prietka saret minn tifel Imġarri Majsi Galea (tas-Sufarin) ta' għaxar snin u kien fi standard 3 fl-iskola primarja.

Mhux hekk biss, imma minħabba li kien soċju tal-Museum ta' Ħaż-Żebbuġ, introduċa fl-istess sena wkoll il-purċissjoni tal-bambin għat-tfal li ssir fil-lejl tal-Milied. Għal din il-purċissjoni kien xtara bambin, armah fuq bradella biex jerfgħuh erbat itfal, għaqqad kor ta' madwar għoxrin tifel u bħala solist għamel lil Ċensu Abela. (ta' Żuba) Fis-sentejn ta' wara s-solist kien Xandru Muscat. (tal-Qamar)[5]

## Kumpannija Teatrali 'Tal-Kruxxun'

Fl-1931, is-sur Ġanni Cilia nħatar mill-Isqof Caruana bħala segretarju tal-Ġunta Finanzjarja tal-knisja tal-Imġarr. Dan ġara fl-istess żmien li saret il-ħatra tal-qassis żagħżugħ Dun Edgar Salomone bħala Kappillan. Minn hawn 'il quddiem ix-xogħol tal-bini tal-knisja ħa spinta bil-ġbir ta' aktar fondi li s-sur Ġann kien jieħu ħsieb jorganizza.



Is-surmast jaqra r-riżultat tal-Ġurija f'xi wieħed mill-konkorsi teatrali

Kienu l-istess attivitajiet tal-Milied li semmejna aktar qabel u l-bżonn ta' dawn l-istess fondi li ħajru lis-surmast biex fl-1932 titwaqqaf il-kumpanija drammatika msejjħa "Tal-Kruxxun". L-ewwel serata saret fil-bitħa tal-iskola nhar Ħadd il-Karnival ta' dik is-sena. Bil-ħidma ta' Karmnu Calleja mill-Mellieħa (ta' Belagħhom) l-atturi kienu akkumpanjati mill-Banda Imperial tal-Mellieħa.

Is-surmast kien id-direttur, is-suġġeritur u l-kittieb ta' bosta drammi u fares.[6] Għall-istess kumpanija, is-surmast kiteb innu li kien jitkanta meta qabel xi serata, l-istess atturi kienu jinġabru fejn l-għassa tal-pulizija u jimxu lejn l-iskola fejn kienet tittella' s-serata. Il-kumpanija "Tal-Kruxxun" damet imwaqqfa għal madwar għaxar snin, sakemm bdiet il-gwerra, u dejjem kien ikun hemm udjenza numeruża.

Imma jekk il-kumpanija waqfet, ix-xogħol tas-surmast f'dan il-qasam ma waqafx hawn. Insibu li meta nbniet is-sala tal-Oratorju, Sala Dun Edgar fl-1952, hu ġie maħtur bħala membru tal-ġurija għall-Konkorsi Teatrali li kienu damu jsiru fl-istess sala għal ħamsa u għoxrin sena konsekuttivi u li kienu magħrufin ma' Malta u Għawdex.

## L-Azzjoni Kattolika

Fl-istess żmien il-kappillan stieden lil Oscar Vella, membru fil-kumitat djoċesan ta' Malta, biex titwaqqaf fergħa tal-Azzjoni Kattolika fl-Imġarr. Wara din iż-żjara, Il-kappillan kompla bil-ħsieb tiegħu u għamel kumitat proviżorju nhar is-17 ta' Frar 1932 fejn Ġanni Cilia nħatar bħala segretarju. Ħamest ijiem wara twaqqfet il-fergħa tal-irġiel u l-ġuvintur, li ssemmiet għall-Venerabbli Injazju Falzon, fejn għall-bidu Ġanni Cilia kien jagħmel il-laqgħat. Fl-1946 Dun Ġużepp Vella ħa f'idejh it-tmexxija tal-fergħa tal-ġuvintur li ġiet mifruda minn tal-irġiel. Fuq talba tas-surmast il-fergħa tal-irġiel ġiet imsemmija għal San Sidor. Dan l-isem intgħażel minħabba li dan il-qaddis kien bidwi u l-biċċa l-kbira tal-membri kienu bdiewa.[7]

## Lettur

Bħalma rajna aktar qabel, is-surmast kien ingħata x-xogħol biex jieħu ħsieb il-kotba finanzjarji tal-knisja meta ġie biex jinbidel il-kappillan fl-1931. Minħabba li tax-xogħol ma riedx ħlas, Dun Ġlormu tah ktieb li kien għadu kif ħareġ mill-Akkademja tal-Malti, fejn il-kittieb Ġużè Muscat Azzoppardi kien qaleb għall-Malti mil-Latin, Taljan jew Ingliż il-quddies tal-Ħdud u l-festi. B'dan il-ktieb f'idejh, Ġanni Cilia ġieħ il-ħsieb li waqt il-quddiesa jaqra bil-Malti, lill-kongregazzjoni, dak li jkun qiegħed jgħid il-qassis bil-Latin. Il-ħsieb ġie aċċettat mill-kappillan Salomone u hekk, 32 sena qabel il-konċilju, l-Imġarrin kienu diġà qegħdin jifhmu l-epistola u l-kumplament tal-quddiesa bil-Malti.

## Il-Bini tal-Knisja

Fis-snin tletin il-ħajja fir-raħal tagħna kienet l-aktar iffukata fuq il-bini tal-knisja. Is-sur Ġann kien jieħu ħsieb il-ħlas kemm tal-ħaddiema tal-barrieri kif ukoll tal-bennejja tal-knisja. Barra minn hekk kien ukoll jorganizza l-ġarr tal-ġebel mill-barriera tal-Mosta sal-knisja. Kien ftiehem ma' persuna jew tnejn minn kull naħa tal-Imġarr biex jiffurmaw gajjijiet ħalli dawn jitqassmu bejniethom fil-ġarr tal-ġebel, kulħadd meta jmissu. Ix-xogħol kien isir b'xejn imma s-surmast kien jikteb kull vjeġġ li jġibu, imbagħad meta jagħmlu għoxrin vjeġġ kien jagħtihom rigal żgħir bħal xi lampa jew sitt platti.[8]

B'dan l-inkoraġġament fil-ġarr tal-ġebel u bir-ritmu tal-ġbir ta' fondi mingħand il-familji, ix-xogħol tal-bini kien qabad rittmu tajjeb. Hekk il-knisja kompliet tinbena u x-xogħol kien wasal fit-tieni ordni, fejn jinsabu t-twieqi l-kbar. Cilia nduna li l-ġebel kien qiegħed idum xi seba' minuti u nofs biex jittella' mill-krejn imdawwar minn sitt irġiel, mill-art sa fejn kien qiegħed isir ix-xogħol. Għalhekk talab lill-Kappillan Salomone biex jitwaħħal mutur mal-krejn ħalli x-xogħol jitħaffef. Wara diskussjoni ngħata l-permess u fuq parir u għajnuna mingħand Salvu Rambaba miż-Żebbiegħ, il-krejn ġie armat b'mutur tal-petrol biex b'hekk il-ġebel beda jdum tiela' minuta u nofs.[9]

Meta ġiet biex tinbena l-koppla tal-knisja nqala' l-inkwiet għax wara li kienu talbu lil tliet periti differenti biex jagħmlulhom il-pjanta tal-koppla, l-ebda wieħed minnhom ma ndaħal għal dan ix-xogħol. Biex tħażżeż pjanta ta' koppla fuq bażi ovali jidher li ma kinitx xi ħaġa daqshekk faċli.

Fuq proposta ta' wieħed mill-periti stess reġa' daħal għal dan ix-xogħol is-Sur Ganni Cilia. Ta' kull nhar ta' sibt kien imur il-Biblioteka u jistudja l-Vinjola u kotba oħra tal-arkitettura biex jitgħallem jippjanta l-koppla tal-knisja. Fil-ġranet l-oħra kien imur fid-dar tal-Imgħallem Ġamri Camilleri s-Saqqafi (Imġarri) biex jiddiskutu kif l-aħjar li jaħdmu.

Dan ix-xogħol ġieli dam sejjer anke sa tard billejl fid-dawl bati tal-lampa tal-pitrolju għax id-dawl elettriku kien għadu ma wasalx fir-raħal tagħna. Wara ħafna xogħol ta' ppjantar fuq skala żgħira, is-surmast u l-imgħallem Ġamri ddeċidew li jħożżu l-pjanta *a grande* fil-wisa' li kien hemm fil-pjazza li kienet għadha kif ġiet iffurmata wara li twaqqgħu l-erba' rziezet li kien hemm fin-nofs.



**Wara ħafna qisien u mudelli, il-koppla tal-knisja setgħet tinbena filata, filata.**

B'dan il-mod huma mmarkaw il-qies ta' kull ġebla u kull filata. Dwar dan ix-xogħol huma talbu l-opinjoni ta' diversi bennejja fosthom Salvu Zahra tal-Mosta li ħażżlu kif għandu jsir il-qtugħ tal-ġebel tal-koppla. Il-Perit Mifsud Ellul approva dan kollu.[10] B'dan l-ippjantar u qisien kollu f'idejhom seta' jitkompla l-bini tal-koppla.

## Innu

Waqt li kien għaddej dan ix-xogħol kollu, fl-1938, is-surmast, imrawwem fir-reliġjon sa minn ċkunitu, imgħallem tajjeb fil-Lingwa Maltija u fiċ-ċirkustanzi ta' dawk iż-żminijiet, jiġifieri bil-biża ta' xi gwerra dejjem jikber, kiteb innu lil Santa Marija "L-Imġarr Iben Marija" innu li għadu jitkanta b'tant ħerqa sal-ġurnata tal-lum.



L-IMĠARR BIN MARIJA

Kliem tas-Surmast ĠANNI CILIA
Musica tas-Surmast ĊENSU CIAPPARA

Wara l-ħidma qalb dar-raba'
Ix-xjuħ tagħna Lilek faħħru,
Għira u ħelwa Omnna Marija;
Bnewlek Dar u biha ssaħħru
Fl-Imġarr żgħir li Int ħarist
U b'imħabbitek lis wennist.

Lilek Omnna nqimu
Wasal faraġ fruħna
Żommna sħaħ fil-Fidi
Bżżan drawwiet artna
Ħelwa saltan [redacted] fuqna
Issa u għala dejjem.

Fejn ta' Pawlu l-Gżira tilmaħ
L-Aħħar raġġ imut fil-baħar
In-nies sotru u ziedu l-qima
Lejk Sultana kollok faħar
Kull il ħdura Ċelsija bnew
Għal barkitek bla għadd jew

Lilek Omnna nqimu
( bħal fuq )

L-għadu jaħtaf minna jrid
Dan il-ħajr li għandna Lejk;
B'riġlek irfes ras il-lifgħa
Twarrab qatt lilna minn ħdejk
Mit-tigrib li jiġi sħiena
U b'qawwitek Int ħbbisna.

Lilek Omnna nqimu
( bħal fuq )

Awwissu, 1938.

NIHIL OBSTAT.
Valletta, die 5 Junii 1940.
P. … O.F.M.
Cens. Theol.

IMPRIMATUR.
Datum in Curia Epali. Melit.
Die 7 Junii 1940.
Ca. P. Galea,
Vig. Gen.

**L-innu lil Santa Marija kif miktub bil-malti tas-snin tletin**

## Fil-Gwerra

Fl-1940 faqqgħet il-gwerra. Fl-Imġarr ġew jistkennu mill-qilla tal-bombi tal-għadu madwar 700 refuġjat l-aktar Żabbarin. Is-surmast Cilia ġie maħtur Spettur tal-i*Special Constables* biex jgħin fiż-żamma tal-ordni fil-*black-out* bejn ir-refuġjati u l-Imġarrin. Kien inħatar ukoll *Protection Officer* biex jieħu ħsieb ir-refuġjati u anke jgħin fit-tqassim tal-ikel bis-sistema tar-razzjon.[11] Kien ħa ħsieb ukoll jgħallem lil tal-ħwienet kif għandhom iżommu r-reġistri tar-razzjon.

Fl-1942 il-qamħ kien beda jiskarsa sewwa u l-awtoritajiet għamlu talba lill-bdiewa Maltin biex issir ġabra ta' qamħ. Fl-Imġarr is-surmast, li fil-pożizzjoni tiegħu kien midħla ta' kulħadd, għamel l-appell tiegħu lill-bdiewa u beda jmur hu personali għand il-bdiewa biex jiġbor il-qamħ. Dan kien jinġieb mill-bdiewa fuq il-karettuni u kien jitqiegħed fir-remissa li kellu mad-dar tiegħu fi Triq Dun Edgar. Hu magħruf li mill-Imġarr biss inġabar qamħ biex jitma' l-poplu Malti għal jumejn sħaħ.[12]

## Wara l-Gwerra

Wara l-gwerra, il-knisja kompliet tinbena u tlestiet fl-1948. Imma l-ħidma tas-surmast fil-knisja tal-Imġarr ma waqfitx hawn. Insibu li fl-1954, il-Kappillan Salomone għadda t-tmexxija tal-parroċċa lill-qassis żagħżugħ Imġarri Dun Orazju Vella. Dan kompla fejn ħallew ta' qablu. Bil-knisja mibnija, issa kien imiss li jitkompla t-tiżjin ta' ġewwa. Fl-1957 Dun Oraz qabbad lis-surmast biex iħożżlu disinn għall-irħam tal-presbiterju u l-kor. Cilia, wara li dar diversi knejjes, ħażż wieħed li ntogħġob u finalment sar mid-ditta *Sare' Brothers* ta' Raħal Ġdid.[13]

Wara dan kien imiss l-irħam tal-paviment tal-knisja. Insibu li ħafna snin qabel, Ġamri Camilleri s-Saqqafi kien diġà ħażżeż disinn li jiftaħ bħal raġġiera mal-knisja kollha mqassam abjad u iswed bi rħam indaqs f'kull indana u disinn fin-nofs.[14] Jidher li minħabba li Ġamri kien nesa l-punti tad-disinn, fl-1963, Dun Oraz qabbad lil Ġanni Cilia biex jirrimedja. Dan, kompla fuq id-disinn Ġamri imma ppropona xi alterazzjonijiet billi daħħal flieli dojoq bejn il-wiesgħin biex tinħoloq armonija bejniethom. B'hekk, bl-għajnuna ta' ibnu Emanuel, Ġanni Cilia ħażżeż disinn ġdid. Dan intgħoġob u nħadem mid-ditta R. Ceccotti ta' Pietra Santa l-Italja. Kien l-istess Ġanni Cilia li sentejn wara mar Pietra Santa biex jara l-paviment *a grande*. Dan il-paviment tqiegħed fl-1966.[15]



**Dehra ġenerali tal-paviment tal-knisja fuq disinn ta' Ġanni Cilia. Id-disinn ċentrali (rużun) hu tad-ditta R Ceccotti. Jidher ukoll il-paviment tal-presbiterju li hu wkoll disinn tas-surmast**

## Konklużjoni

Din kienet ħarsa lejn ħidmet Ġanni Cilia fl-Imġarr. Minbarra dawn ix-xogħlijiet l-aktar magħrufa, min jaf kemm kien hemm ħidma oħra siekta li ma tidhirx, bħal ngħidu aħna pariri lill-ġenituri, tagħlim lill-persuni li kienu ser jemigraw f'artijiet imbiegħda, lezzjonijiet tal-privat lit-tfal u studenti. Għalkemm kien Żebbuġi u kien is-surmast tal-iskola, dejjem ta' sehmu fejn kien mitlub. Hu jgħid li kulma għamel kien biex jobdi lill-kappillani li kien hemm matul is-snin li dam l-Imġarr u kulma għamel kien bl-għajnuna ta' nies sinċieri, patrijottiċi u effiċjenti li dejjem sab madwaru.[16]

© Mario Vassallo 2012

Ħajr lil kull min għaddieli xi tagħrif dwar dan is-suġġett. Ritratti 1, 3, 5 u 6 bil-permess tal-Familja Cilia.

**Referenzi**

[1] Herbert Ganado, (1984) Jien Inħobb Nitkellem Magħkom, Maxprint ltd, Malta pg 228
[2] Ganni A. Cilia, (1998) L-Imġarr Matul iż-Żminijiet, X'naf u Niftakar Dwaru, Colour Image Mġarr pg 46
[3] Lina Deguara, (1998) Ganni A. Cilia fil-Migbha nru 7, pg 18
[4] Ibid, pg18
[5] Ganni Cilia, (1992) Qratas tal-Karamelli, intervista għal Radju Malta minn Peter Paul Ciantar
[6] Ganni A. Cilia, (1998) L-Imġarr Matul iż-Żminijiet, X'naf u Niftakar Dwaru, Colour Image Mġarr pg 58
[7] Ibid. pg 61,62
[8] Bord Editorjali Dawl il-Punent, (1992) Niltaqgħu mas-Surmast Cilia, intervista minn Dun Lino Grech, Dawl il-Punent nru 50
[9] Bord Editorjali Dawl il-Punent, (1993) Is-surmast jgħid tal-aħħar, intervista minn Dun Lino Grech, Dawl il-Punent nru 52
[10] Ganni A. Cilia, (1998) L-Imġarr Matul iż-Żminijiet, X'naf u Niftakar Dwaru, Colour Image Mgarr pg 75
[11] Lina Deguara, (1998) Ganni A. Cilia fil-Migbha nru 7, pg 21
[12] V. Vassallo, (1992) Ħamsin Sena Ilu.. f'Dawl il-Punent nru 48
[13] Ganni A. Cilia, (1998) L-Imġarr Matul iż-Żminijiet, X'naf u Niftakar Dwaru, Colour Image Mġarr pg 85
[14] Mons Alwig Deguara, (1999) L-Imġarr il-Ħajja u l-Ħidma ta' Niesu mill-Qedem sal-lum, Colour Image Mġarr pg 257
[15] Ganni A. Cilia, (1998) L-Imġarr Matul iż-Żminijiet, X'naf u Niftakar Dwaru, Colour Image Mġarr pg 87
[16] Bord Editorjali Dawl il-Punent, (1992) Niltaqgħu mas-Surmast Cilia, intervista minn Dun Lino Grech, Dawl il-Punent nru 49



# L-ewwel festa bil-Banda Tagħna



**Kav. Ġorġ Bianchi**

Insellem lill-imsieħba u lill-Imġarrin Kollha,

Apprezzajt l-istedina li għamilli dan l-ewwel kumitat ta' din is-Soċjetà Filarmonika li twaqqfet fl-Imġarr bl-isem hekk sabiħ ''Marija Mtellgħa s-Sema'' Bħala l-awtur tal-versi tal-innu tal-Banda talbuni biex nikteb f'din l-ewwel rivista tax-xorta tagħha f'dan ir-raħal pittoresk. Xtaquni nħażżeż xi ħaġa b'rabta ma' dan l-innu u nsemmi wkoll xi xogħlijiet li għamilt qabel. F'dan il-qasam ma twelidx ilbieraħ għalhekk nista' ngħid li għandi għadd mhux żgħir. Ilkoll tawni sodisfazzjon kbir. Qatt ma nasal ngħid liema l-isbaħ li ktibt għax ilkoll nistħajjilhom bħala wliedi u f'kull biċċa xogħol dejjem tajt l-aħjar tiegħi. Ilkoll għandhom dik ix-xi ħaġa li tolqtok.Qabel ngħaddi biex nifli biċċa biċċa l-lirika tal-innu, nixtieq irrodd ħajr lill-kumitat speċjalment lis-Sur Joseph Caruana li bi qbil ma' Mro. Mario Testa fdaw din il-biċċa xogħol f'idejja. Tabilħaqq inħossni kburi u nittama li dak li ktibt jinżlilkom għasel daqskemm ħadt gost niktbu jiena. Erba' strofi u jgħaqqadhom ir-refrain, jidhirli li fihom ġbart kollox li jsawwar innu ta' banda. Fil-fehma tiegħi għad li fqajra dan għandu jkun ħafif, mexxej u qasir biex jitgħallmuh l-imseħbin u jieħdu gost ikantawh.

Meta wieħed jiġi biex jikteb innu għal xi Għaqda ġdida, tkun liema tkun, l-awtur irid iżomm quddiem għajnejh li dak li jikteb irid jibqa' jgħodd tul ħajjitha. Jipprova jimmaġina kif sa tkun tiswa għan-nies tal-post u x'se jkun ix-xogħol tagħha fir-raħal. Kullimkien il-banda għandha titqies bħala l-qroqqa bil-flieles, omm tal-abitanti kollha mżejnin b'diversi fehmiet tagħhom. Tkun il-ġabra fejn bosta minn ulied ir-raħal isibu l-kenn fi ħdanha. Mhux il-banda li tagħmel il-festa? Mhux hi li tferraħ u tiġbed in-nies lejn kull attività? Nifhimha kollox irid ikun bħal tiżjin, armar u l-ħsejjes tal-murtali u l-bqija. Dawn kollha ingredjenti meħtieġa bħal ħwawar fl-ikel, imma fil-fehma tiegħi, fil-festa, il-banda hija l-qofol ta' kollox anke f'kull attività li tiġi organizzata. Festa bla marċi ferrieħa tkun qisha funeral. Naħtaf l-okkażjoni u nifirħilkom minn qalbi li fl-aħħar tistgħu tgħidu bħal ħaddieħor li għandkom il-banda tagħkom ukoll. Jalla l-Madonna żżomm bħal dejjem ħarsitha fuq ir-raħal kollu tal-Imġarr. Bil-għajnuna tal-Verġni Imberka u tagħkom l-Imġarrin billi ssostnuha f'kull ħtieġa, għandha timxi 'l quddiem. Xkora vojta ma tieqafx.

Fl-ewwel żewġ strofi ġbart il-ferħ li jħossu dawk li jduru mal-banda u jħollu lsienhom bl-innijiet ta' tifħir mad-daqq ferrieħi tagħha lejn l-Omm tagħna, 'Marija Mtellgħa s-Sema' li huwa wkoll l-isem sbejjaħ li dawk li waqqfuha għammduha bih. Nies bil-għaqal tassew. L-ewwel ma tiekol l-għajn.

Fit-tieni grupp taż-żewġ strofi fissirt li l-Imġarr bil-banda tiegħu għandu jħossu aħjar għax uliedu jibdew isibu l-kenn fi ħdanha, dik l-Għaqda li tmexxihom. Magħha kbar u żgħażagħ minkejja kull differenza li teżisti, jiltaqgħu bħal aħwa b'għan wieħed. Minkejja kull tfixkil li jingħaqdu lkoll flimkien. Jagħrfu kemm ġid jista' joħroġ minnha. Il-frott li tħalli ikun dejjem imbierek mis-sema għax ikun mogħni mill-Ġawhra ta' qalbkom, il-ħarriesa tal-Imġarrin, Ommna Marija li tħares lilkom u lill-banda f'kull ħin.

Bir-ritornell ridt ngħaqqad u niġbor kollox billi ngħid li permezz tal-leħen anġeliku tagħha xxerred il-kultura fostkom bir-riżultat li l-banda tidħol f'qalb l-Imġarrin kollha u b'isimha sabiħ tfakkarkom fil-Verġni Mbierka.

Dan l-innu tal-Banda tagħkom jidħol ma' dawk li għandi mxerrdin li kif semmejt aktar 'il fuq, huma lkoll xogħlijiet għal qalbi ħafna. Fil-fergħa poetika nsiġt għadd ta' innijiet popolari, reliġjużi u ta' xejra oħra mifruxin ma' gżiritna b'rabta mal-baned bħal 'Peace' u 'La Vittoria' tan-**Naxxar**, 'Beland' taż-**Żejtun, '**San Ġużepp' ta' **Ħal-Għaxaq** , 'Stella Maris' f'**Tas-Sliema,** 'San Ġużepp' f'**Ħal Kirkop**, Madonna Tal-Karmnu fil-**Balluta**, Madonna tal-Ġilju fl-**Imqabba**, 'Kristu Re' (De Paule) u 'Kristu Sultan' **f'Raħal Ġdid, '**San Mikiel' ta' **Ħaż-Żabbar** 'San Pietru' ta' **B'Buġia,** 'Il-Madonna ta' Pompei' **f'Marsaxlokk,** 'San Bert' **fil-Għargħur,** u l-Innu taċ-Ċentinarju ta' 'La Stella Levantina' ta' **Ħ'Attard.** Magħhom ukoll għanja għal **Tax-Xagħra** f'Għawdex, flimkien ma' dak ta' **Toronto, fil-Kanada** għall-Għaqda Festa San Ġorġ Association u ieħor għas-'St. George's Association Inc.1988' ta' **Sydney, fl-Awstralja.** Ktibt ukoll l-innu tal-Kunsill Lokali tal-**Kalkara** u innu għal San Bert għar-Residenza ta' **San Vinċens de Paule.**

Għall-**Belt Pinto** fejn rajt l-ewwel dawl tax-xemx ktibt għadd ġmielu ta' xogħlijiet lil diversi għaqdiet f'Ħal Qormi u tajjeb jiġu analizzati fuq fuq:

***Banda San Ġorġ Martri:*** L-Innu tal-Banda fuq talba tal-kumitat, il-Kantata 'Ġawhra Prezzjuża'*, 'L-Għaxqa Tagħna'*, 'Bik Ġorġi Kburin', 'Omaġġ lill-Banda Werqista' u 'Is-Seba' Duluri'. Għall Kummissjoni Żgħażagħ Tal-Werqa: l-innu-marċ tagħhom 'Iż-Żgħażagħ Werqisti' flimkien mal-kanzunetta 'Fi Qlubna l-Werqisti'.

***Kumitat Festi Esterni:***Il-ħajja ta' San Ġorġ Martri f'għamla ta' għanjiet bl-isem 'Il-Kbir Martri ta' Lidda'* flimkien ma' erba' innijiet proċessjonali f'ġabra oħra 'Ma' Ġorġi Rebbiħin' u 'Ħlewwet l-Għenba' li huwa l-innu tal-Festival tal-Inbid. Magħhom żid l-innijiet 'Kumitat Festi Esterni' u 'Liż-Żgħażagħ Ġorġjani'

***L-Għaqda tan-Nar 23 ta' April:***'Tislima lill-Għaqda Tan-Nar' (Dis-sena ċċelebrajna l-25 anniversarju tiegħu)

***L-Għaqda Teatrali Qawmien:*** 'Innu Qawmien'.

***Kunsill Lokali Qormi: '***Ġieħ lil Ħal Qormi' l-innu uffiċjali tal-Belt Pinto wara konkors li tnieda mill-Kunsill fis-sena 2002, u l-aħħar biċċa xogħol 'Omaġġ lill-Belt Pinto' b'dedika lill-President ta' Malta Dr. George Abela, Qormi bħali, fl-ewwel żjara tiegħu f'Jum Ħal Qormi.

*Inkitbu b'tifkira tas-sbatax-il ċentinarju mid-dħul fil-ġenna ta' San Ġorġ Martri, il-patrun ta' belt twelidi.

* * *

Nagħlaq din kitbieti, bl-Innu tal-Banda tagħkom, li mlibbes b'melodija kif jaf jikkoponi s-surmast ħili Mro. Mario Testa għandu jidħol fil-qalb ta' kull wieħed u waħda minnkom. Nixtiqilkom festa mill-aqwa lil Santa Marija kif tagħmlulha kull sena, b'illum bil-ferħ doppju għax bil-banda tagħkom.

Filwaqt li mill-ġdid irrodd ħajr lilkom, ħbiebi ġodda Mġarrin u nżid magħkom lis-surmast Mro. Nicholas Vella nixtiqilkom kull suċċess f'ħidmietkom. Afdaw f'Marija kull ħin imma l-aktar meta jinbet xi maltemp, id-dinja mrar biss taf tisqi. Taqtgħux qalbkom. Kuraġġ u bil-għajnuna ta' Omm Alla tirbħu żgur.

# Soċjetà Filarmonika 'Marija Mtellgħa s-Sema'

F'jum li jnissel ferħ u hena,
F'nisġa sħiħa magħqudin,
Waqt li b'fommna ġieħ illisnu,
Tleħħen noti sbieħ ħelwin.

U b'Marija Mtellgħa s-Sema,
Lilek għammdu n-nies għaqlin,
Isem sbejjaħ ferm għal qalbna,
Għasel bnin għall-imseħbin,

Ritornell:
**Dakkar ħiltek f'leħen l-anġli,**
**Hawn fl-Imġarr niftaħru bik,**
**Bħala l-ewwel banda fostna,**
**L-ulied kollha moħħna fik.**

**Għax tfakkarna fl-Omm tas-Sema,**
**Biex ngħannulha ferħanin:**
**Sliem għalik O Verġni Mbierka,**
**L-għaxqa w ġieħ tal-Imġarrin.**

Bi twelidek stagħna r-raħal,
M'għadd ta'żgħażagħ tħalltu x-xjuħ,
Dritt fi ħdanek għall-kenn tiegħek,
Għax li twettaq b'ġid jagħrfuh.

Tħarsek sewwa l-'Ġawhra' tagħna,
Il-patruna tul iż-żmien,
Tgħani lilek, tieqaf miegħek,
B'dik l-imħabba bla waqfien.

Ritornell:
**Dakkar ħiltek f'leħen l-anġli,**
**Hawn fl-Imġarr niftaħru bik,**
**Bħala l-ewwel banda fostna,**
**L-ulied kollha moħħna fik.**

**Għax tfakkarna fl-Omm tas-Sema,**
**Biex ngħannulha ferħanin:**
**Sliem għalik O Verġni Mbierka,**
**L-għaxqa w ġieħ tal-Imġarrin.**

Ħal Qormi — Kav. Ġorġ Bianchi

p.d. **Security** installations

*Sales & Service for:*

Intruder Alarms, Fire Alarms,
Hall porters, Tel. Systems,
C.C. T.V. Systems, Gate
& Door Automation.

Main Street,
Mosta
Malta
Tel: 21 419275
Mob: 9944 5356,
9949 8269

P.D.

# MICHAEL GALEA & SONS LTD.

**Sir Harry Luke Street, Imgarr MGR1501, Malta**

**Tel 21574752, 99844308, 99869987**

**Importers of agricultural machinery, gensets &water pumps. Agricultural sprayers.
Diesel engines for agricultural & industrial use. Hand tillers to tractors at competitive prices.**

**Sales of tractor implements such as;
flail mowers, cultivators, slashers, ploughs, carry boxes, trailers and front loaders.**




***Guaranteed after sales service & parts***



MUSIC LINK

Importers • Wholesalers • Distributors

... the **link** between
**music** and **musician**

**... kindly visit our showroom to view our extensive range of
Brass & Woodwinds Instruments,
Denis Wick & Bach mouthpieces and other accessories**

**262, Fleur De Lys Road, B'Kara**

**Tel: 2148 2796 • Fax: 2131 5022 • E-mail: info@nvgent.com**

**www.nvgent.com**

# Mro Vincenzo Ciappara

***(1890 - 1979)***

**Tagħrif miġbur minn Joseph Caruana**



Is-Surmast Vincenzo Ciappara twieled il-Belt Valletta fis-6 ta' Novembru tal-1890. Missieru kien jismu Carmelo u ommu Pawla Psaila. Ta' għaxar snin, Vincenzo kien student fil-Liceo, iżda ġara li missieru rebaħ vjolin, u hu tħajjar li jibda jitgħallem il-mużika. Fil-fatt ta' għaxar snin beda jistudja l-mużika fl-Istitut Pawlinu Vassallo. Vincenzo Ciappara, ta' erbatax-il sena, kien idoqq fil-knejjes u ngħaqad mal-kappella tas-Surmast Antonio Nani. Fl-1907 beda jdoqq il-vjolin mal-orkestra tat-Teatru Rjal. Hu dam idoqq ma' din l-orkestra sal-1939. Minbarra l-vjolin is-Surmast Ciappara kien idoqq il-vjola. Kien jitħarreġ taħt is-Surmastrijiet Carlo Diacono li kien jgħallmu l-orkestrazzjoni u Aurelio Donecich li ħarrġu fl-istrumentazzjoni tal-banda.

Is-Surmast Vincenzo Ciappara żżewweġ lil Mary Scicluna u kellhom lil Joseph, li laħaq avukat.

Tul il-karriera tiegħu bħala surmast, is-Surmast Ciappara dderieġa dawn il-baned: 'Marija Annunzjata' ta' Ħal Tarxien, 'De Rohan' ta' Ħaż-Żebbuġ, 'La Vittoria' tal-Mellieħa, 'Prince of Wales' tal-Birgu, 'Kings Own' tal-Belt Valletta u tal-'Konti Ruġġieru' tar-Rabat Malta.

Is-Surmast Vincenzo Ciappara huwa magħruf bħala r-"Re tal-marċi brijużi Maltin". Tista' tgħid kull soċjetà mużikali li hawn f'Malta u Għawdex għandha xi marċi minn tiegħu. Huwa kkompona diversi marċi u innijiet funebri, marċi u innijiet reliġjużi, mużika sagra, marċi sinfoniċi, intermezzi, eċċ. Fost dawn il-kompożizzjonijiet insibu l-innu popolari u ferm għal qalb l-Imġarrin. 'L-Imġarr Iben Marija', u l-marċ Victory li flimkien mal-innu 'L-Imġarr Iben Marija' se jindaqq mill-banda tagħna.

Is-Surmast Ciappara miet fid-29 ta' Lulju 1979, fl-età ta' 89 sena. Il-banda Konti Ruġġieru, li tagħha Vincenzo Ciappara kien surmast għal iktar minn ħamsin sena, ipparteċipat fil-funeral tiegħu.

Il-President u l-Kumitat
tas-Soċjetà Filarmonika
"Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr
jixtiequ jawguraw
il-Festa t-Tajba
lill-poplu kollu tal-Imġarr




**P & C Galea (il-Palmier)**

General Excavation & Demolition
Works. Suppliers of Beams
& Old Building Stones.

**99494154**
**99473250**




SOGNO BAGNO
Offers on Bathrooms and Floor Tiles
157, College Street, Rabat, Malta.
Tel. No. 2145 1032
Mobile No. 9947 2750
jg375@maltanet.net


1
PET STATION
Pet Shop
Tel: 2157 9379
Mob: 9928 0082
email: jeffs@onvol.net
39, Fisher Road, Mgarr

# Il-Konvoj ta' Santa Marija

**Kitba ta' Joe Brincat**

Fl-aħħar gwerra dinjija, Malta għaddiet minn kalvarju kbir. Minbarra l-attakki mill-ajru, kien hawn għaks u skarsezza kbira. It-Taljani u l-Ġermaniżi bdew jattakkaw kull bastiment li jkun tal-alleati kemm dawk tal-gwerra, kif ukoll dawk merkantili. Minħabba f'hekk il-provvisti f'Malta bdew jiskarsaw.

Għaddew ix-xhur, xahar wara l-ieħor, u iktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar beda jaħkem l-ġuħ u l-għaks fost il-Maltin. Kien hawn nuqqas ta' kollox. Il-ħobż beda jingħata bir-razzjon. Kwart u nofs kuljum biss għal kull persuna, (daqs tliet mitt gramma tal-lum). Kieku kien hemm ħwejjeġ oħra tal-ikel, kieku dan ir-razzjon tal-ħobż, kien ikun mhux ħażin, iżda meta tikkalkula li l-maġġor parti kbira tal-Maltin dak iż-żmien kienu jieklu biss bil-ħobż, malajr tinduna kemm kien miżeru r-razzjon. Kien hawn min kien lest li jħallas nofs lira, u ġieli anki lira, ta' ħobża li kienet tiswa erba' soldi (cents tal-lum). Issa fit-tħin tal-qamħ, il-qoxra tal-qamħa flok titwarrab biex issir granza jew nuħħala kienu jħalluha titħallat mad-dqiq, u minħabba f'hekk il-ħobż tilef lewnu u sar ismar ħafna. Barra minn hekk il-ħobż bdew iżidulu l-*puré* tal-patata fit-taħlita, u minħabba f'hekk ma baqax tajjeb u bnin daqs qabel.

F'dak iż-żmien tal-ġuħ kien għereq fil-port bastiment bil-qamħ. B'xi mod jew ieħor kien irnexxielhom itellgħu xi xkejjer minn dal-qamħ. Minħabba li kien imxarrab ir-riħa li kellu, ma kontx tissaportiha. Kien jinten verament, iżda min ikun bil-ġuħ jiekol kollox. Għalhekk l-ewwel kienu jnixxfu dal-qamħ fuq il-bjut, imbagħad kienu jitħnuh bil-mitħna tal-kafé, biex jagħmluh dqiq, u wara kienu jagħmluh xi għaġin.

## Is-Sitwazzjoni Tkompli Teħżien

Sadanittant l-ajruplani tal-għadu baqgħu ġejjin iwaddbu l-bombi. Iżda mqabbel mal-ewwel ħames xhur tas-sena, Ġunju ma kienx daqshekk ħażin. Però flok it-tbatija tal-bombi issa bdiet tinħass aktar it-tbatija tal-guħ. Fis-sittax ta' Ġunju, l-Gvernatur il-ġdid, Lord Gort għarraf lill-poplu f'xandira fuq ir-Rediffusion li minn żewġ *convoys* li kienu telqu lejn Malta, irnexxielhom jaslu biss żewġ bastimenti, u convoy ieħor li kien telaq minn Ġibiltà kellu jerġa' lura, wara li safa attakkat bl-aħrax u bla waqfien mill-ajruplani tal-għadu. Għaldaqstant il-provisti tal-ikel issa bdew jiskarsaw ġmielhom u l-Gvernatur qal li kien ser isir kull sforz biex iżidu l-provisti li kien hemm.

Erbat ijiem wara, Sir Edward Jackson il-Logutenent Gvernatur, għamel xandira oħra li fiha fisser x'miżuri oħra kienu ser jittieħdu. Huwa qal li kollox kien jiddependi mill-ħobż, u li jekk jibqa' dan, il-poplu kien iżomm. Huwa qal li l-gvern kien iffissa data sakemm kienu jaħsbu li kien ser jibqa' ħobż u din kienet għadha 'l bogħod. Fost il-miżuri li ħabbar kien hemm il-qtil ta' ħafna mill-majjali, nagħaġ, mogħoż u baqar, peress li ma kienx hemm aktar għalf għalihom.

Il-Logutenent Gvernatur dakinhar stess kiteb lill-kappillani u talabhom biex l-għada, il-Ħadd, jgħarrfu minn fuq l-altar waqt il-quddies li kien meħtieġ li jinġabar il-qamħ kollu li kien hawn u jgħidu lill-bdiewa biex ma jibqgħux jitimgħu qamħ lill-bhejjem tagħhom iżda jgħaddu dak li kellhom lill-Gvern għall-konsum tan-nies. Għalkemm kulħadd tah, xi ftit

ħasbu għalihom ukoll. Minkejja li nġabar ħafna qamħ mill-bdiewa Maltin u Għawdxin, is-sitwazzjoni tal-ikel f'Malta baqgħet gravi ħafna. Tant li il-gvern introduċa l-*Victory Kitchens*. Dawn kienu speċi ta' kċejjen komunali. Kull familja ġiet mogħtija ktieb bil-kupuni, skont kemm ikun hemm membri; imbagħad għal nofsinhar, kulħadd kien imur bil-borma u l-platt f'idu biex iġib il-porzjon li kien imissu. Il-menù kien limitat għall-aħħar. Minestra, fażola, aringi, sardin, brodu, insomma qoffa tielgħa u oħra nieżla.

Sadattant f'Lulju, il-qagħda ta' Malta bdiet issir aktar ħażina speċjalment minħabba li l-provvista tal-qamħ kienet tidher li waslet fl-aħħar. Il-qagħda allarmanti ġiegħlet lill-Gvernatur u lil-Logutenent Gvernatur biex jiltaqgħu mal-Isqof t'Għawdex Mons. Mikiel Gonzi u talbuh biex jidħol hu mal-bdiewa Għawdxin ħalli jipprova jipperswadihom jgħaddu lill-gvern il-qamħ li kienu ġabru dik is-sena. Mons Gonzi rnexxielu jipperswadi lill-bdiewa Għawdxin tant li f'ġurnata waħda jew tnejn intbagħtu Malta żewġ trakkijiet mimlijin xkejjer tal-qamħ. Din il-kunsinna tal-qamħ minn Għawdex għenet mhux ftit biex jittawwal iż-żmien qabel ma Malta ċċedi kif kien ippjanat, iżda l-qagħda xorta waħda xejn ma kienet tajba. Fil-fatt kien ġie kkalkolat li jekk is-sitwazzjoni tibqa' kif kienet, Malta kellha ċċedi bejn l-aħħar t'Awwissu u l-bidu ta' Settembru, meta kienet tispiċċa l-provista tal-ikel.


Il-konvoj ta' Santa Marija

L-Arċisqof ordna li fil-katidral tal-Imdina u fil-knejjes l-oħra kollha, kemm dawk parrokkjali, kif ukoll dawk mhumiex, tal-patrijiet u anke tas-sorijiet, bejn is-6 u l-14 t'Awwissu jingħad ir-rużarju quddiem Ġesù Sagramentat waqt li jkun espost. Huwa qal li n-novena kellha tibda bi tqarbina ġenerali tat-tfal waqt li rrikmanda biex nhar Santa Marija kulħadd jersaq għat-tqarbin.

## Il-Konvoj ta' Santa Marija

Sadattant, il-Gvernatur ta' Malta Lord Gort, bagħat jinforma lill-Gvern Ingliż bis-sitwazzjoni prekarja li kienet tinsab fiha Malta. Lord Gort qal lill-Gvern Ingliż li l-provisti tal-ikel kienu jservu biss sa nofs Settembru. Minbarra hekk Lord Gort informa lill-gvern Ingliż li l-munizzjon kien ukoll qed jonqos, u mingħajr munizjon, Malta xorta kien ikollha ċċedi. Min-naħa l-oħra, il-Prim Ministru Ingliż, Winston Churchill, kien deċiż li jgħin lill-Malta biex ma ċċedix u ma taqax f'idejn l-għadu. Kemm minħabba raġunijiet militari, kif ukoll għal raġunijiet ta' prestiġju, għalhekk iddeċieda li jagħmel sforz enormi biex iwassal konvoj kbir li jkollu wkoll il-petrol għall-ajruplani f'Malta. Hu ordna wkoll li jiġi nfurmat b'dak kollu li jkun qed jiġri minn dan



Il-pjan tal-Operation Pedestal

il-konvoj sakemm jasal Malta.

L-esperiment f'Ġunju ta' konvoj minn Lixandra kien spiċċa fix-xejn. L-Ammiraljat għalhekk iddeċieda li jibgħat l-ikbar konvoj li qatt sar, skont l-ordni ta' Churchill, imma, din id-darba minn Ġibiltà. Din il-biċċa xogħol iebsa, ġiet imsejħa "***Operation Pedestal***". Dal-konvoj kien jikkonsisti f'erbatax-il bastiment merkantili, ħdax minnhom Ingliżi, li kienu: Il-"***Port Chalmers***", ir-"***Rochester Castle***", id-"***Deucalion***", il-"***Glenorchy***", l-"***Empire Hope***", il-"***Wairangi***", il-"***Waimarama***", il-"***Melbourne Star***", il-"***Brisbane Star***", id-"***Dorset***", u l-"***Clan Ferguson***", u l-kumplament tat-tliet bastimenti, l-"***Ohio***", l-"***Almeria Lykes***", u s-"***Santa Elisa***" kienu Amerikani li kienu ġew mislufin lill-gvern Ingliż. Il-bastimenti Ingliżi ta' dan il-konvoj, kienu l-fjur tal-flotta merkantili Ingliża. Filwaqt li l-"***Ohio***", kien tanker kważi ġdid, u li kien ilaħħaq aktar minn 17-il *knot*. L-ekwipaġġ ta' dal-bastiment ġie magħżul apposta għal din il-missjoni speċjali mill-Ministeru tad-Difiża.




**Ir-rotta li għamel il-konvoj qabel wasal Malta**

Dal-konvoj kellu bżonn bħala skorta, flotta kbira u qawwija, minħabba li kien mistenni li jiġi attakkat diversi drabi. L-iskorta Ingliża kienet tikkonsisti f'żewġ flotot enormi ta' bastimenti tal-gwerra. L-ewwel waħda, li kienet tissejjaħ "***Force Z***" kienet tikkonsisti f'erba' *aircraft carriers*, Il-"***Victorious***", l-"***Indomitable***", l-"***Eagle***", u l-"***Furious***"; żewġ *battleships*, in-"***Nelson***" u r-"***Rodney***"; tliet *anti-aircraft cruisers*, is-"***Sirius***", il-"***Phoebe***" u l-"***Charybdis***"; tliet *cruisers*, in-"***Nigeria***", il-"***Kenya***" u l-"***Manchester***"; u xi 20 *destroyer*.

Dawn il-bastimenti kollha l-ewwel iltaqgħu fi Clyde fi Glasgow. Imbagħad fit-2 t'Awwissu 1942, saret laqgħa għall-ekwipaġġ tal-bastimenti kollha li fiha ġew infurmati bid-destinazzjoni tagħhom. F'din il-laqgħa, inqrat ittra mibgħuta mill-Prim Ministru Ingliż, Winston Churchill li kienet tgħid hekk:- "Is-suldati u l-poplu Malti li qegħdin jiddefendu il-gżira tagħhom b'kuraġġ kbir, mill-attakki mill-ajru mill-Ġermaniżi u mit-Taljani, bħalissa jinsabu fi bżonn kbir ta' ikel u munizzjon. Dawn sejrin noħduhomlhom aħna, u jien ninsab ċert li kull uffiċjal u kull baħri ser jagħmel dak kollu possibbli biex iwasslilhom din il-kunsinna qawwija u sħiħa."

Fit-8.00 ta' filgħaxija, ftit qabel inżul ix-xemx, il-konvoj telaq minn Glasgow fl-Iskozja u beda jbaħħar lejn l-ewwel destinazzjoni tiegħu, filwaqt li beda jagħmel xi manuvri, biex jevità li jintlaqat mis-sottomarini Ġermaniżi. Immexxi mill-



**Ohio 1**

cruiser "***H.M.S. Nigeria***", il-konvoj baqa' sejjer għal Ġibiltà. Imbagħad fl-10 t'Awwissu, festa ta' San Lawrenz, skortat tajjeb mill-bastimenti tal-gwerra, telaq minn Ġibiltà fi triqtu lejn Malta. Min-naħa l-oħra, meta l-għadu sar jaf b'dan il-konvoj, il-Kmandanti tagħhom iddeċidew li jattakkawh bl-ajruplani Germaniżi u Taljani li kienu qegħdin f'Sardenja, u jibagħtu wkoll 10 sottomarini fil-fliegu ta' Sqallija. Imbagħad xi bastimenti tal-gwerra Taljani kellhom jagħtuh l-aħħar assalt.

## L-Attakki fuq il-Baħar

Mill-għada stess, 11 t'Awwissu, f'xi nofsinhar, meta il-konvoj kien 'il barra mill-Algeria, ġie attakkat għall-ewwel darba, minn sottomarin Ġermaniż U.73, li rnexxielu jiżgiċċa d-*destroyers* Ingliżi u jispara erba' *torpedoes* ġo l-*aircraft carier* Ingliża l-"***Eagle***". Din wara ftit inqalbet fuq naħa waħda, u f'inqas minn għaxar minuti, għerqet. Magħha għerqu ukoll ħafna mill-ajruplani li kellha fuqha. Din kienet telfa kbira għal dal-konvoj u ħafna baħrin tilfu ħajjithom f'dan l-ewwel attakk. Hu kkalkulat li mietu mgħarrqa magħha mal-mitejn u sittin persuna.

Fit-tmienja ta' filgħaxija l-konvoj reġa' ġie attakkat, din id-darba mill-ajru. Numru kbir ta' ajruplani Taljani tefgħu l-"***motobomba***", invenzjoni ġdida. Din kienet speċi ta' *torpedo* li tinżel bil-*parachute,* u mbagħad tibda ddur tond, b'mod li l-bastiment ma jkunx jaf id-direzzjoni tagħha. Iżda l-bastimenti tal-flotta Ingliża, b'manuvra perfetta, daru 90° *starboard*, u skansaw il-"***motobombe***", sadanittant laħqu telgħu l-ajruplani Ingliżi min fuq iż-żewġ *aircraft carriers* li kien għad fadal, il-"***Victorious***", u l-"***Indomitable***", u bdew jiġru wara l-ajruplani tal-għadu u b'hekk ma għamlu l-ebda ħsara lill-konvoj. L-ajruplani tal-għadu komplew jagħmlu aktar attakki mill-ajru, iżda peress li kienu difiżi mill-ajruplani ta' fuq l-*aircraft carriers*, ma saret l-ebda ħsara lill-konvoj. Iżda iktar tard, it-Taljani irnexxielhom jgħarrqu *destroyer* u jitfgħu bomba enormi fuq l-*aircraftcarrier* "***Victorious***", li fortunatament ma splodietx. Kieku ħadet, kienet tagħmel diżastru.

## L-Attakki jiħraxu

'L għada, tnax t'Awwissu, kienet ġurnata kiefra għal dawn il-bastimenti, għax l-għadu kien ħalef li ma jħallix dal-konvoj jidħol f'Malta. Fit-tmienja ta' filgħodu kien hemm l-ewwel attakk, ħbit mill-ajru, iżda b'xorti tajba, bħall-ġurnata ta' qabel, dan l-attakk ma għamel l-ebda ħsara lill-vapuri merkatili, iżda intlaqat l-*aircraft carrier* "***Indomitable***" li ħa n-nar, iżda dan in-nar ġie kkontrollat mill-ekwipaġġ. Wara dan il-ħbit inbidlet l-iskorta, kif kien ippjanat. Fis-siegħa u nofs u ħamsa reġa' sar attakk ieħor mill-ajru. Numru kbir ta' ajruplani Taljani tefgħu *torpedos* fuq il-bastimenti tal-konvoj. Hawn intlaqat l-ewwel bastiment merkantili id-"***Deucalion***" li għereq. F'dan l-attakk mietu wkoll xi baħrin.

Fit-tmienja ta' filgħaxija, il-konvoj reġa' ġie attakkat mill-ajru. Numru kbir ta' ajruplani Taljani reġgħu tefgħu t-*torpedos* u ntlaqatu l-vapuri merkantili "***Clan Ferguson***" u "***Empire Hope***". Dawn it-tnejn għerqu ftit wara. Sadattant laħqu telgħu l-ajruplani Ingliżi minn fuq iż-żewġ *aircraft carriers* li kien għad fadal, il-"***Victorious***", u l-"***Indomitable***", u bdew jiġru wara l-ajruplani tal-għadu u b'hekk ma komplewx jagħmlu aktar ħsara lill-konvoj.

Ftit wara, il-konvoj reġa' ġie attakkat mis-sottomarini Taljani u Ġermaniżi u hawn intlaqtu tliet vapuri merkantili bit-*torpedoes* tagħhom. Dawn kienu l-"***Clan Ferguson***", li għereq iktar tard, il-"***Brisbane Star***", u l-"***Ohio***", li b'toqba ta' 24 pied bi 23, f'ġenbu, ma għeriqx. Għall-ewwel beda jaqbad u waqaf. Imma kien vapur stupend. Stinkaw il-baħrin

u ma għeriqx. Tfew in-nar u raw kif saddew it-toqba, u kompla fi triqtu lejn Malta. Il-"***Brisbane Star***" kmandata mill-Kaptan Riley, b'toqba kbira fil-pruwa rnexxielha, tgħaddi minn taħt Tuneż, titkaxkar u tidħol Malta. Il-bastiment tal-gwerra Ingliż, l-"***H.M.S. Ithuriel***", irnexxielu jgħarraq wieħed mis-sottomarini Taljani.

Wara dan l-attakk qam pandemonju sħiħ u kien hemm diżgwid kbir bejn il-bastimenti tal-gwerra Ingliżi. Wara, l-konvoj reġa' ġie attakkat mill-ajru u ġie mgħarraq wieħed mid-*destroyers* Ingliżi. Minkejja dawn l-attakki l-konvoj baqa' sejjer fi triqtu lejn Malta skortat biss minn ftit bastimenti tal-gwerra.

Reġgħu saru diversi attakki, kemm mill-ajruplani kif ukoll mis-sottomarini Taljani, li għamlu ħsarat kbar fuq il-bastimenti mekantili, u għarrqu ħafna minnhom, fosthom il-"***Wairangi***", il-"***Glenorchy***", l-"***Almeria Lykes***" u s-"***Santa Elisa***". Il-kaptan tal-"***Glenorchy***" irrifjuta li jinżel minn abbord, u għalhekk għereq magħha. Ir-"***Rochester Castle***", wara li rnexxielu jiżgiċċa ħafna attakki, ġie milqut sewwa, imma ma għeriqx, tant kemm kien vapur tajjeb. Ma' dawn il-vapuri merkantili għereq ukoll il-*cruiser* l-"***Manchester***". Ħafna baħrin tilfu ħajjithom f'dan l-attakk qalil.

Fit-13 t'Awwissu sitt *cruisers* Taljani u ħdax-il *destroyer* kienu niżlin għall-konvoj, megħjunin mill-*fighters* Taljani u Ġermaniżi. Iżda l-*fighters* rrifjutaw li jaħdmu ma' din il-flotta għax sostnew li kien hemm bżonnhom għall-attakk mill-ajru. Mussolini, li ma riedx imur kontra d-deċiżjoni ta' Kesserling, żamm mal-forzi tal-ajru kontra l-flotta. Il-flotta kellha terġa' lura. Il-forzi tal-ajru Nażisti u Faxxisti kienu naqsu li jobdu kmand minn tagħhom. Kien żball kbir għalihom, li salva lill-konvoj u lil Malta.

Xħin raw li l-flotta telqet, l-ajruplani tal-għadu wettqu attakk kbir u feroċi. Fit-8.10 ta' filgħodu l-"**i*Stukas***" bdew jiddajvjaw fuq il-vapuri tal-konvoj li kien għad fadal. Il-"***Waimarama***" ntlaqat, u peress li kellu ħafna *Aviation fuel* f'tankijiet, fuq il-gverta, u munizzjon, ħa n-nar, sploda, u għereq fi ftit minuti. Mill-107 membru tal-ekwipaġġ ġew biss salvati 27 ruħ, fosthom kadett ta' sbatax-il sena li kien qed jagħmel l-ewwel vjaġġ tiegħu. Għal ftit din l-isplużjoni ma laqtitx il-"***Melbourne Star***", u xi biċċiet tal-"***Waimarama***" ġew fuqu. Ħafna mill-baħrin ħasbu li kien il-vapur tagħhom li sploda u qabżu l-baħar, li kien sar ħuġġieġa waħda. Minn dawn mietu 14-il ruħ. Xi biċċiet tal-"***Waimarama***" ġew ukoll fuq l-"***Ohio***" li beda jaqbadlu wieħed mit-tankijiet tiegħu. Iżda l-ekwipaġġ qalbieni ta' dan il-bastiment irnexxielu jitfi n-nar.

L-"***Ohio***", l-uniku tanker li kien hemm fil-konvoj, kien il-mira prinċipali. Xi bombi oħra waqgħu ħdejh, u bil-blast tagħhom waqqfulu l-magni. Li "***Stukas***" iddajvjaw fuq il-vapuri merkantili u d-"***Dorset***", ġiet milquta u għerqet. Ajruplan minnhom intlaqat u waqa' fuq



**L-Ohio mgħejun mid-destroyer u bastimenti tal-mine sweeping squadron biex jidħol fil-Port minħabba l-ħsarat li ġarrab fl-attakki tal-għadu**

l-"***Ohio***", iżda mirakolożament ma splodiex. Id-*destroyer* "***Penn***" sadattant ipprovat tiġbed l-"***Ohio***" li reġa' ġie milqut, u kompla jimtela bl-ilma, u hawn ġie abbandunat, għax ħasbu li kien ser jegħreq. Mingħajru Malta kien ikolha ċċedi.

Sadattant ħarġu minn Malta l-bastimenti tal-*mine-sweeping squadron,* biex jgħinu d-*destroyer* li kienet qiegħda tipprova tiġbed lejn Malta, l-"***Ohio***", l-iktar bastiment prezzjuż tal-konvoj. Iżda l-baħrin tiegħu raw kif għamlu u ġabulu l-magna taħdem, u fl-aħħar beda miexi b'ħames *knots* fis-siegħa. Imma reġgħu ġew għal fuqu l-ajruplani u waħda mill-bombi niżlet fl-*engine room* u splodiet. L-"***Ohio***" ma għeriqx, imma issa kien żgur li ma setax jasal bil-magna tiegħu, u kien għadu xi 70 mil 'il barra minn Malta. Il-kaptan tad-*destroyer* ma qatax qalbu u rabat il-bastiment tiegħu mal-"***Ohio***" u beda jaqdef bih lejn Malta. Fil-post mar ukoll id-destroyer il-"***Branham***" biex jgħin huwa ukoll biex idaħħlu dan il-bastiment fil-Port il-Kbir.

Imma kien hemm problema oħra għal dat-tanker, meta fl-14 t'Awwissu it-Taljani saru jafu li qiegħed ftit 'il bogħod minn Malta, riedu jibagħtu skwadra ta' bastimenti mill-gżejjer ta' Lipari, u qagħdu jistennewh biex jaqbżu fuqu u jgħarrqu lilu u liż-żewġ *destroyers* li kienu qed jgħinuh. Imma kif it-Taljani telqu mill-port ta' Lipari ġew interċettati mis-sottomarin Ingliż "***Unbroken***", li telaq minn Malta, u mar f'dawk l-ibħra aċċidentalment. Huwa kellu biss żewġ *torpedoes*, li iktar tard laqat bihom żewġ *cruisers* mill-iskwadra Taljana, il-"***Bolzano***" u l-"***Muzio Attendolo***". Dan xeħet l-iskwadra f'paniku kbir u waqt li ż-żewġ *cruisers* l-oħra li kellhom, kienu qed ifittxu fil-baħar il-baħrin sħabhom, id-*destroyers* Taljani qagħdu jfittxu lis-sottomarin Ingliż għal tmien sigħat sħaħ. Dan ta ċ-ċans biex iż-żewġ destroyers ikunu jistgħu jġibu Malta dan it-tanker.

## Il-Wasla tal-Konvoj


**L-Ohio hekk kif wasal fil-Port il-Kbir**

Sadattant minn Malta ħarġu xi Spitfires biex jiddefendu dak li kien fadal mill-Konvoj. Hawn f' leħħa ta' berqa, ġriet l-aħbar ma' Malta kollha li kien wasal il-konvoj. Ħafna min-nies telqu bil-mixi lejn il-Belt biex ikunu jistgħu jaraw mill-viċin il-konvoy dieħel fil-port. Għadd kbir ta' nies marru jittawlu fil-barrakka ta' fuq u fil-barakka t'isfel u fuq is-swar kollha ta' madwar il-port il-kbir u laqgħu b'ferħ kbir il-wasla tat-tliet bastimenti b'tixjir ta' bnadar.

L-ewwel ma daħal, kien ir-"***Rochester Castle***", li daħal xi l-5.30 ta' filgħaxija. Warajh, xi s-5.55 daħal il-"***Melbourne Star***", u xi nofs siegħa wara, daħal il-"***Port Chalmers***". Il-banda militari wkoll laqgħet il-konvoj, li mill-Forti Sant'Iermu, daqqew marċi ferrieħa u taw sehemhom fil-festi kbar li saru lin-nies tat-tliet vapuri.

L-għada filgħodu kmieni f'xi l-4.30 daħal ukoll il-"***Brisbane Star***", b'toqba kbira fil-pruwa, iżda bil-merkanzija ntatta, u l-għada, propju nhar Santa Marija, jiġifieri fil-15 t'Awwissu, f'xi 7.00 ta' filgħodu, daħal ukoll t-tanker "***Ohio***", milqut sewwa, u maqlub fuq ġenb wieħed, iżda megħjun minn żewġ *destroyers* Ingliżi, l-"***H.M.S. Penn***" u l-"***H.M.S.***

***Branham***". Kienu rnexxielhom iwassluh sal-port u jħottuh fi żmien qasir, għax ħasbu li kien ser jegħreq. Dan kien mimli petrol, żejt u pitrolju li kienu meħtieġa daqs il-ħobż. Iżda l-"***Ohio***" mfarrak kif kien, ġab miegħu 10,000 tunellata ta' *fuel* li għen mhux ftit lil gżiritna, biex minflok tiddefendi lilha nnifisha, tmur fuq l-offensiva fuq il-kampijiet tal-għadu u ma ċeditx kif kien maħsub.

## Għeluq

Permezz ta' dan il-konvoj, Malta kienet ġiet salvata milli taqa' taħt idejn it-tirannija Faxxista u Nażista, iżda l-prezz kien għoli wisq. Minn 14-il bastiment merkantili ntilfu disa' bastimenti, u mill-iskorta li kellu dal-konvoj, 4 bastimenti tal-gwerra għerqu, u 3 oħra ġarrbu ħsarat kbar, hekk li kellhom jiġu skrappjati. Mill-ħames bastimenti merkantili li rnexxielhom jaslu Malta wieħed biss ma kienx mimsus, il-bqija kollha kienu milquta. Wieħed minnhom, l-"***Ohio***" wara li nħattet il-merkanzija tiegħu minn fuqu, ġie skrapjat, u xi snin wara ġie mgħarraq barra l-port.

Mill-ekwipaġġ tal-bastimenti u l-membri tal-iskorta mietu mhux inqas minn 350 ruħ. Iżda bis-saħħa ta' dawn in-nies u tan-nies kollha li ħadu seħem f'dawn il-battalji, il-provista tal-ikel żdiedet xi ftit, u l-poplu Malti reġa' mtela bil-kuraġġ fil-battalja kontra l-Faxxismu u n-Naziżmu.

**Vella Supermarket**
Triq San Pawl
Tel: 21574800
**Vella Mini Market**
Triq il-Magħkuba
21575559



**Max Farrugia** Dip. LIS.

# Skola Primarja fl-Imġarr, Malta

Bħal ħafna rħula rimoti ta' Malta u Għawdex taħt l-Amministrazzjoni Kolonjali ta' qabel 1921 l-Imġarr u l-rħajjel ta' madwaru ma kellhomx għad skola kif nafuha llum. Imma kien hemm persuna, qed nirreferi għal Dun Edgar Salamone li kien determinat li t-tfal ta' dan ir-raħal jieħdu l-edukazzjoni primarja bħal tfal oħra. Ħadem bis-sħiħ, u rnexxielu li l-Imġarr taħt l-ewwel amminstrazzjoni mmexxija mill-Maltin għall-Maltin li bdiet fl-1921 ikollu l-iskola tiegħu. L-iskola primarja tal-Imġarr insibu li kienet waħda mill-ewwel għaxar skejjel li nbnew bejn 1921 u 1927. Fil-fatt kienet it-tielet waħda li ġiet inawgurata.

Sabiex it-tfal ta' dan ir-raħal u l-madwar jkunu jistgħu jibdew jattendu l-iskola kemm jista' jkun malajr, kemm qabel kif ukoll waqt li kienet qed tinbena l-iskola l-ġdida, il-Ministru tal-Edukazzjoni Monsinjur Franġisku Ferris personalment daħal f'din il-kwistjoni u żar diversi drabi f'dan ir-raħal sabiex jara li tinstab dar adekwata li setgħet isservi bħala skola temporanjament. Strumentali u ta' għajnuna kbira ħafna fil-bini ta' din l-iskola ġdida f'dan ir-raħal kien Dun Edgar Salomone, dak iż-żmien il-viċi-kappillan ta' din il-parroċċa. Dun Edgar kien jiġi ħu Walter Salomone, membru fl-Assemblea Leġislattiva għall-Partit Kostituzzjonali. Il-*Unione Politica Maltese*, li kienet qed tmexxi l-Gvern kellu pressjoni sabiex din l-iskola tinbena kemm jista' jkun malajr minn diversi membri tal-Assemblea Leġislattiva fosthom mill-Partit tal-Ħaddiema kif ukoll mid-D.P.N li kien il-Partit ta' Nerik Mizzi.




**Dun Edgar Salomone**

Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet beda jibni din l-iskola hekk kif ġew approvati l-estimi supplimentari għall-ewwel sena tal-leġislatura.[1] Fil-fatt din kienet waħda mit-tliet skejjel li l-bini tagħha beda fl-1922. Il-Gvern imexxi mill-U.P.M. qabel ma ġew approvati l-estimi finanzjarji għas-sena 1922/1923, ftit li xejn setgħa jibda l-proġetti mwegħda minnu minħabba l-fatt li ma kienx hemm flus ivvutati għalihom fl-estimi approvati fis-sena ta' qabel mill-amministrazzjoni Kolonjali.[2] Bħal f'kull skola oħra x-xogħol kollu fuq din l-iskola nkluż id-disinji, u l-bini sar mill-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet. Id-disinji kienu lesti fit-2 ta' Diċembru tal-1922.[3] Kif wieħed jista' jara x-xogħol kollu neċessarju ta' qabel il-bini sar qabel kienu approvati l-finanzi fl-ewwel baġit tal-U.P.M.

Fil-5 ta' Mejju tal-1922 saru r-regolamenti għat-tfigħ tal-kuntratt tal-bini ta' skola fl-Imġarr u wara li kienu approvati ġew ippubblikati fit-22 ta' Lulju tal-istess sena. B'kollox kien hemm erba' offerti għal dan ix-xogħol iżda minħabba li l-offerti kienu ferm ogħla mill-istima li kien għamel id-Dipartiment tax-Xogħlijiet, il-kumitat tal-għażla fuq parir tal-esperti tad-dipartiment ddeċieda li terġa' ssir sejħa mill-ġdid. Filwaqt li l-istima tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet kienet ta' madwar elf u sitta u tmenin lira, l-orħos offerta kienet ta' elf tliet

mija u tnejn u għoxrin u l-ogħla elf sebgħa mija u tmenin. [4] It-tieni avviż għall-kuntratt tax-xogħlijiet reġa' ħareġ fis-27 ta' Lulju. Din id-darba kien hemm ħames kuntratturi minflok erbgħa. L-irħas waħda kienet dik ta' Salvatore Farrugia li kienet tlaħħaq l-elf u mitejn lira. Il-kumitat talab lil Farrugia sabiex iniżżel il-prezz għal elf mija u tnejn u għoxrin lira. Dan ma aċċettax. Wara trattativi mal-kuntrattur il-kumitat tal-għażla aċċetta din l-offerta. Huwa ħa inkonsiderazzjoni li minn meta kienu għamlu l-istima kważi sena qabel il-prezz tal-ġebel kien ogħla bi ftit. Id-differenza ma kinitx xi waħda kbira. Fl-għoti tal-kuntratt kienet saret klawsola li l-ġebel jittieħed mill-barriera li l-Gvern kellu fil-Mosta. Il-kuntratt kien iffirmat fil-11 ta' Settembru 1922 u x-xogħol tal-bini beda fl-10 ta' Ottubru.[5] L-art li fuqha kienet inbniet din l-iskola tal-Gvern kienet propjetà tal-Baronessa Cafici, xebba Maria Casolani u s-Sinjura Margerita Rutter. Għal-ewwel dawn il-propjetarji tal-art ma aċċettawx il-prezz mogħti lilhom mill-Gvern għal kull tomna raba'. Huma talbu prezz ftit għoli iżda wara negozjati bejn iż-żewġ naħat sar il-ftehim. Il-Gvern Malti wara parir mogħti lilu mill-kappillan kien xtara aktar art milli kien hemm bżonn sabiex meta tkun tista' tiġi żvillupata t-triq ta' quddiem l-iskola li kienet tagħti lejn iċ-ċimiterju l-art tkun f'idejh u b'hekk jkun jista' jsir proġett wieħed. Fil-fatt hekk kien sar.[6]

## Salamone Katalist tal-Edukazzjoni fl-Imġarr

Il-bidu tal-Edukazzjoni fl-Imġarr Malta, nista' ngħid nafuh lil Dun Edgar Salomone, li ftit wara li ġie ordnat saċerdot kien serva f'Tas-Sliema, imma qatta' kważi s-saċerdozju kollu tiegħu fost l-Imġarrin, tant li serva anki bħala l-kappillan ta' dan ir-raħal.

Sakemm fl-Imġarr kien hemm uffiċjalment skola primarja, li tant ħadem u stinka Dun Edgar Salomone sabiex tinbena, huwa kien jgħallem lit-tfal u anki xi ftit żgħażagħ ta' dan ir-raħal ġol-ħanut ta' Pawlu Abela, li kien il-barbier tar-raħal. [7] Dan il-ħanut kien jinsab f'wesgħa li kienet tagħti għall-pjazza ta' quddiem il-knisja parrokkjali.[8] Illum dan il-ħanut ma għadux jeżisti għax kien twaqqa' ma' diversi postijiet oħra bħala parti mill-iżvilupp li sar



**L-iskola primarja tal-Imġarr**

matul iż-żmien f'dan ir-raħal. Il-lezzjonijiet minn Dun Edgar għat-tfal iż-żgħar kien isir wara nofsinhar, xħin Pawlu l-barbier kien ikun magħluq għall-ħin tal-mistrieħ, filwaqt wara nżul ix-xemx kien organizza xi klassijiet għal dawk akbar. Dawn kienu jattendu għall-lezzjonijiet kif jispiċċaw mix-xogħol fl-għelieqi tal-ġenituri tagħhom. Dun Edgar Salomone kien jieħu ħsieb ukoll jorganizza lezzjonijiet filgħaxija fil-lingwa Ingliża, u f'xi suġġetti tekniċi f'diversi xogħlijiet. Kien wieħed minn tal-ewwel li beda jagħti informazzjoni dwar il-kultura tal-pajjiżi fejn il-Maltin kienu qed jagħżlu li jemigraw. F'dak iż-żmien kien hemm diversi Imġarrin li għażlu li jemigraw sabiex jibdew futur aħjar milli seta' joffrilhom raħal twelidhom. Fil-bidu nett kien hemm madwar 40 adult li bdew jieħdu dan it-tagħlim. Jgħin b'mod volontarju l-Dun Edgar f'dan ix-xogħol kien hemm ċertu Salvu Cardona minn Raħal Ġdid, li aktar 'il quddiem insibuh bħala l-ewwel surmast tal-iskola tal-Imġarr. Cardona flimkien ma' Dun Edgar matul l-ewwel snin li bdew il-klassijiet għall-emigranti Imġarrin, kienu ħarġu madwar 135 raġel li kienu qed jippreparaw sabiex jemigraw.[9]


**Monsinjur Enrico Dandria**

Fil-ħidma edukattiva tiegħu Dun Edgar kellu l-appoġġ assolut tal-Ministru Enrico Dandria, li kellu fiduċja għamja f'dan is-saċerdot. Sabiex ikun jista' jkompli b'dawn l-attivitajiet ta' fejda għall-poplu Imgarri l-Ministru Dandria, permess tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni kien ipprovda l-klassijiet fl-iskola li kien hemm l-Imġarr u sa fejn seta' xi għalliema biex ikompli bil-ħidma soċjali u edukattiva li kien qed iwettaq f'dan ir-raħal.[10]

Minkejja li Dun Edgar sab sitwazzjoni mwiegħra ħafna meta mar għall-ewwel darba f'dan ir-raħal, minħabba n-nuqqasijiet ta' tagħlim edukattiv, qatt ma qata' qalbu. Il-bżonnijiet fil-qasam tal-edukazzjoni kienu kbar, minħabba l-fatt li ftit ħafna kienu dawk li kienu jafu jiktbu u jew jaqraw.

F'dan ir-raħal qabel Dun Edgar Salamone, diġà kien hemm xi individwi oħra li ppruvaw jgħinu fil-qasam tal-edukazzjoni elementari, imma s-suċċess ma kienx dak mixtieq. Fost l-ewwel 'għalliema' nsibu l-Carmelo Camilleri mill-Mosta. Dan kien jiġbor numru ta' tfal go remissa viċin ħafna fejn illum hemm l-iskola, u jgħallimhom jaqraw u jiktbu xi ftit bil-Malti. Dun Salv Degabriele kien jgħallem lit-tfal id-duttrina u anki xi ftit tal-iskola. Kien hemm ukoll Ġamri Vella, li wara nżul ix-xema, meta tfal kbar kienu jirrotnaw mix-xogħol kien ilaqqagħhom ġo kamra li kienet tintuża minn Piju l-iskarpan u jgħallimhom jaqraw xi ftit. Kien hemm ukoll żewġ tfajliet kbar li minbarra d-dutrina kienu jgħallmu wkoll ftit tal-iskola. Dawn kienu Karmni magħrufa bħala "Ta' Beżżuna", u Ġużeppa Chetcuti. Dawn it-tfajliet kienu miż-Żebbiegħ.[11]

Sabiex wieħed jagħti eżempju żgħir ta' kemm kienet prekarja s-sitwazzjoni f'dan ir-raħal dak iż-żmien, skont ċensiment li sar fl-1911 fl-Imġarr u l-madwar, kien hemm 914-il persuna minn ħames snin 'il fuq. Minn dawn 132 kien ta' bejn 5 u 10 snin. Dawn ħadd minnhom ma kien jaf jikteb bil-Malti jew b'xi lingwa oħra. Dawk ta' bejn l-10 u l-15 is-sena li kienu lliterati kienu jammontaw 329. Filwaqt li żgħażagħ bejn il-15 u l-25 sena bla skola ta' xejn kien hemm 251. Dawk ta' aktar minn 25 sena sa 45 sena kienu 197. Dawn ukoll ma kinux jafu jiktbu. [12] Dan ifisser li fir-raħal kollu kien hemm biss 5 minn nies taħt il-45 sena li kienu jafu jiktbu bil-Malti. Is-sitwazzjoni bdiet tinbidel xi ftit bis-saħħa ta' Dun Edgar u kompliet malli fetħet skola fl-Imġarr.

L-iskola l-gdida tal-Imġarr kienet disinjata b'mod u manjiera li klassijiet kollha kienu jħarsu għan-naħa tat-triq prinċipali, li llum iġib l-isem ta' Triq Fisher. Oriġinarjament kienet imbniet fuq sular wieħed, u kienet imdawra bl-għelieqi mal-erbat irjiħat tagħha. Wara t-tieni Gwerra Dinjija din l-iskola ġiet imkabbra darbtejn fl-1946 u 1955 sabiex tkun tista' takkomoda lit-tfal kollha Mġarrin u ta' madwar. Illum il-ġurnata parti mill-iskola oriġinali tintuża bħala librerija pubblika. L-bini tal-iskola kien tlesta fis-sajf tal-1923 u ħa ftit aktar minn sena minn meta beda.

L-iskola kienet ġiet inawgurata f'19 ta' Settembru 1923 mill-Gvernatur Lord Herbert Plumer, u l-mara tiegħu, fil-preżenza tal-Ministru tal-Edukazzjoni, Monsinjur Dandria, u l-Ministru tax-Xogħlijiet Adami. It-tberik sar minn Monsinjur Ġlormu Chetcuti, li kien il-kappillan tar-raħal ta' dak iż-żmien. Fid-diskors tal-inawgurazzjoni, Monsinjur Dandria kellu kliem ta' tifħir għal Dun Edgar Salomone li kien il-katalista tal-Edukazzjoni f'dan ir-raħal.[13] L-iskola kellha klassijiet biżżejjed biex tkun tista' tieħu 384 tifel u tifla. Qabel mal-iskola fetħet uffiċjalment, Salvu Cardona, l-ewwel surmast tal-iskola tal-Imġarr, b'għajnuna tal-purtinar, kienu marru jduru l-irziezet kollha tal-madwar u rnexxihom jipperswadu l-ġenituri ta' 120 tifel u tifla sabiex jibdew jibagħtuhom l-iskola. Minbarra t-tfal Imġarrin f'din l-iskola kienu jattendu ukoll dawk minn irħajla oħra fosthom tal-Ġnejna, Bidnija, Żebbiegħ, u Għajn Tuffieħa.

Ta' interess partikulari huwa li fost l-ewwel tfal li attendew f'din l-iskola kien hemm żewġ studenti partikulari li tajjeb wieħed isemmihom. Dawn kienu Orazju Vella, li wara li spiċċa l-istadju elementari f'din l-iskola, daħal is-seminarju u kien ukoll l-ewwel student Imġarri li daħal l-Università ta' Malta. Huwa kompla jistudju u aktar 'il quddiem ordna bħal saċerdot. Kien ukoll l-ewwel saċerdot mill-Imġarr li fl-1954 ngħata l-pussess ta' Kappilllan tal-istess raħal. L-istudent l-ieħor li kien fost l-ewwel studenti ta' din l-iskola u li għamel unur il-Raħal twelidu kien Ferdinandu Galea margħuf aktar b'Randu. Huwa kkontesta l-elezzjoni mal-Partit Nazzjonalista fis-sittinjiet u kien l-ewwel Imgarri li ġie elett fil-Parlament Malti.

Illum il-ġurnata din l-iskola tagħmel parti mill-Kulleġġ San Nikola. Kien f'Marzu tal-1998 li semmiet għal Ganni Cilia, wieħed mis-surmastrijiet li serva żmien twil f'din l-iskola.

Meta saret parti mill-kulleġġ San Nikola din l-iskola sarulha diversi xogħlijiet fosthom rampi u lift u faċilitajiet sanitarji sabiex jiffaċilizzaw il-ħajja ta' tfal bi bżonnijiet speċjali, faċilitajiet sanitarji ġodda għall-użu ta' kulħadd, dawl elettriku ġdid f'ċerta sezzjonijiet tal-iskola u żona ta' rikreazzjoni.

**Referenzi**


1 NAM, Official Report of the Debates of the Legislative Assembly of Malta, Vol. Nru.III, seduta tat-22 ta' Diċembru 1922
2 NAM, GMR 876, Rapport ta' ħidma Ministeru tax-Xogħlijiet Pubbliċi, sena 1922-23
3 NAM, MW 119/21
4 NAM, MW 511/22
5 NAM, MW 511/22
6 NAM, MW 710/22
7 Deguara Monsinjur Alwiġ, L-Imġarr il-Ħajja u l-Ħdima ta' Niesu mill-Qedem sal-lum. (1990) Malta
8 Annalium Scriptor, Imġarr Malta Valletta 1946
9 Deguara Monsinjur Alwiġ, L-Imġarr il-Ħajja u l-Ħdima ta' Niesu mill-Qedem sal-lum. (1990) Malta
10 NAM, Official Report of the Debates of Legislative Assembly of Malta, seduta tat-12 ta' Diċembru 1922.
11 Deguara Monsinjur Alwiġ, L-Imġarr il-Ħajja u l-Ħdima ta' Niesu mill-Qedem sal-lum, (1990) Malta 1990
12 NAM, GMR 601, Census of the Maltese Islands taken on 2nd April 1911.
13 Annalium Scriptor, Imġarr (1946) Malta

# MARIO SAMMUT

*jawgura l-festa t-tajba lil kulħadd u l-għaqda fost l-Imġarrin.*

Kull min jixtieq jikkuntattja lil **Mario Sammut**, hu mistieden jagħmel dan fuq **7928 9301** jew **msam0019@gmail.com**

# Is-Sit Arkeoloġiku Ta' Ħaġrat

**John Saré**

Ftit 'il bogħod mill-Iskola Primarja tal-Gvern fl-Imġarr, kien hemm għalqa li kellha ħotba magħrufa b'Ta' Ħaġrat. Qabel ġie skavat dan is-sit kienu jidhru blokki kbar ta' ġebel ħerġin minn wiċċ l-għalqa. Fin-nofs tal-ħotba kien hemm, kważi midfun għalkollox, ħaġar kbir wieqaf li nsejħulu menħir.

Fl-1923, il-Gvern kien ħa passi biex jikseb l-art. Dan is-sit ra ħafna jdejn f'dak li hu skavar, iżda l-aktar wieħed li ħadem fuqu kien Sir Temi Zammit, li kien ħadu taħt idejh fl-1925, Ta' Ħaġrat għandu storja tal-biki. Il-bidwi, sid il-għalqa, jirrakkonta kif irnexxielu jkisser ħafna megaliti biex bihom bena ħitan tas-sejjieħ u żejjen id-dar li bena b'dan il-ġebel. Ftaħar ukoll li kien ġarr kwantità kbira ta' fuħħar li hu kisser biex għamlu deffun għas-soqfa.

Imma dan is-sit kellu sorpriżi oħra. Ix-xogħol tat-tħaffir beda. Instab ħafna fuħħar, żnied u għodod tal-ħaġar. Il-fuħħar li nstab kien sabiħ, iddisinjat u varjat. Hawn ta' min jgħid ukoll li t-tempji ta' Ħaġrat intużaw minn diversi nies ta' żminijiet differenti.

Ta' Ħaġrat kellu faċċata mibnija fin-nofs tond, kbira maestuża u sabiħa. Biex tidħol fit-Tempju trid titla' tliet tarġiet wesgħin mibnija minn ħaġar imdaqqas. Il-passaġġ kellu megaliti wieqfa fuq kull naħa. Dan hu wkoll tempju qadim ħafna.

L-arkitettura hi sempliċi u primittiva. Il-fuħħar mhux imżejjen. Fost il-kwantità kbira ta' fuħħar li nstab hemm 150 biċċa li għadhom ma ġewx identifikati. Instab saff ta' faħam li l-British Museum jgħid li hu ta' 2700 sena qabel Kristu. Fis-sit Ta' Ħaġrat hemm żewġ tempji fuq art waħda. Tempju żgħir u ieħor akbar minnu. Il-qiegħa ta' dawn it-tempji hi torba. In-nies tal-epoka tat-tempju kienu bdiewa u sajjieda, għax ta' min jgħid li Ta' Ħaġrat hu viċin il-baħar.

Is-sejba l-aktar importanti u interessanti kienet mudell ta' tempju megalitiku magħmul mill-ħaġar. Dan qajjem interess internazzjonali għax il-mudell tat-tempju li nstab f' Ta' Ħaġrat ma nstabx ieħor bħalu, la f'siti arkeoloġiċi f'Malta u lanqas fil-Mediterran. L-ewwel nett hu mudell tri-dimensjonali. Hu mudell ta' tempju maqtugħ għalih waħdu, ovali fl-istruttura. Hu mudell li d-daħla tiegħu hi monumentali, maħduma minn 3 ġebliet magħrufa bħala "*triliton*", jiġifieri għandek żewġ ġebliet weqfin u waħda mimduda fuqhom. Fi ftit kliem id-daħla hi mibnija billi għandek iż-żewġ koxox tal-bieb maħduma minn ħaġriet kbar weqfin u ħaġra oħra li qed taqdi parti tal-blata.

Il-ħitan tat-tempju huma ħaġar megalitiku li fuq in-naħa ta' ġewwa hu lixx. Il-ħitan fuq ġewwa huma poġġuti b'tali mod li joħolqu spazju fit-tond. Interessanti wkoll li kull ħaġra toħroġ 'il barra bħallikieku hi sinjal radjali. Fuq dawn il-ħaġriet, imbagħad hemm ħaġar kbir ieħor li hu mimdud.



Ta' Ħaġrat

Is-saqaf hu enigma għax hu impossibbli li f'dak iż-żmien kienu jeżistu teknoloġiji li bihom kapaċi titpoġġa blata ta' 2 metri bħala saqaf. Mill-banda l-oħra anqas ma nstabu fdalijiet ta' injam.

Il-mudell li nstab hu biss 4.5ċm x 3.7ċm. Meta wieħed jikkalkula dan il-qies tal-mudell mal-qies tad-daħla tal-bieb li għandna fil-preżent f'Ta' Ħaġrat, li hu 2 metri għoli u 1.7 metru wiesgħa, tasal għall-figura ta' madwar 13-il metru tul. Dan id-daqs hu ta' wieħed mit-tempji li hemm fl-Imnajdra fuq in-naħa tal-Lvant. Punt ieħor interessanti fil-mudell hu li għandu għoli mhux ħażin. Għax jekk il-mudell għandu 4 saffi, allura kien mill-anqas tliet sulari għoli. Hawn terġa' tidħol il-problema tas-saqaf. Jekk nieħdu l-mudell bħala ritratt tat-tempju, allura ma nifhmux kif dan is-saqaf hu maqsum f'7 traversi, kif rappreżentati fil-mudell. Biex kien imsaqqaf għadu misteru sal-lum. Li hu żgur hu, li t-tempji Maltin kellhom parti minnhom imsaqqfa. Il-bitha biss, fejn kienu jaħarqu l-annimali għas-sagrifiċċju, ma kinetx imsaqqfa.

Prova li dawn kienu msaqqfin hu l-fatt li, li kieku ma kinux, żgur li ma waslux għandna kif inhuma llum. Nieħdu l-eżempju mit-tpinġijiet ta' Brocktorff tal-Ġgantija li kienu saru fl-1820. Ħafna mid-disinji u t-tpinġija li kien hemm mal-ħitan spiċċaw għax illum it-tempji mikxufin. Ilhom mikxufin għall-elementi għal dawn l-aħħar 200 sena.

Meta Ugolini, arkeologu Taljan, kien Malta fl-1934, għamel studju dettaljat tat-tempji Maltin, wasal għall-konklużjoni li parti minnhom kienet imsaqqfa. Studjużi Maltin u barranin huma tal-fehma li t-tempji tagħna kienu msaqqfa biz-zkuk tas-siġar, ħaxix u tajn. F'ħafna mit-tempji nstab faħam tal-kannol imħallat bit-tajn u mnixxef. Imma b'daqshekk xorta waħda ma nistgħux ngħidu kif u biex kienu msaqqfa.



Labardi, Standardi, Pilandri, Kurazzi eċċ.
Ilbies tar-Rumani, Kurazzi tar-Rumani, Ibbanjar bil-fidda, Tiswija ta' strumenti tar-ram
**2, Mejjilla Street, Qormi – Tel: 21498222 / 99867670**

# Niltaqgħu ma' Anġlu Sammut u tifkirietu fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr

Kitba ta' Joseph Caruana

Anġlu entużjast u ħerqan kien qed jistennieni biex jirrakkontali dwar tifkirietu b'rabta mal-knisja parrokkjali tal-Imġarr. Anġlu llum għandu tmenin sena u għalhekk hu mogħni b'ħafna ġrajjiet li mhux ta' min jintesew.



Anġlu Sammut

## Il-Kappellun dedikat lit-tliet protetturi ta' Malta

Il-kappellun fejn illum tintrama l-istatwa ta' Santa Marija fil-jiem tal-festa hu ddedikat lit-tliet protetturi ta' Malta, San Publiju, San Pawl u Sant'Agata. Il-kwadru li hemm fuq l-altar ta' dan il-kappellun fuq xewqa tal-Kappillan Salomone kien inġabar mir-refuġjati tal-gwerra li kienu ġew joqogħdu fl-Imġarr u l-madwar. Jingħad li dawn kienu jlaħħqu mas-seba' mija. Ix-xogħol fuq dan il-kwadru sar min Guido Calì li kien refuġjat f'Għawdex. Kif tlesta tniżżel ix-Xlendi u minn hemm inġieb fuq il-luzzu tas-sajjied Imġarri Salvu Galea u twassal sal-Ġnejna. Mill-Ġnejna ntrefa' minn 4 irġiel, tnejn min dawn l-irġiel kienu Dun Ġużepp Micallef dak iż-żmien Viċi Kappillan u t-Tabib Distrettwali Ġorġ Muscat.

L-altar li hemm f'dan il-kappellun hu dak li kien iservi bħala l-artal maġġur fil-knisja l-qadima. Fil-fatt qabel tpoġġa f'dan il-kappellun kien serva bħala altar maġġur fil-knisja l-ġdida.



Dehra tal-kappellun dedikat lit-tliet protetturi Maltin. Dan l-altar kien l-altar maġġur tal-knisja l-qadima.

## Il-Puttini ta' Bernini

Skont korrispondenza bejn il-Kappillan Salomone u l-familja Ellis jingħad li l-kerubini li hemm fuq ż-żewġ vaski tal-ilma mbierek biswit il-bibien tal-ġnub huma tal-iskola ta' Gian Lorenzo



Il-vaski bil-puttini ta' Bernini fuqhom

Bernini. Fl-ittri għall-akkwist il-kappillan isemmi *angioletti del Bernini*. Dawn kienu jifformaw parti minn kollezzjoni u jingħad li Dun Edgar Salomone kien talabhom lil dan il-kollezzjonist sabiex flok jitgawdew minnu biss ikunu jistgħu jitgawdew minn kull min iżur il-knisja parrokkjali tal-Imġarr

## L-Altar tal-Madonna tal-Isperanza

Dan l-altar jinsab biswit in-niċċa tal-istatwa titulari ta' Santa Marija. Oriġinarjament l-Kappillan Salomone kien biħsiebu jiddedikah lil Sant Anna. Però l-kappillan ta' qablu Dun Ġlormu Chetcuti ġibidlu l-attenzjoni li kienet talba u xewqa tal-ewwel bennej tal-Knisja Ġamri Camilleri li kien Mosti, li bħala rikumpens tax-xogħol li għamel wieħed mill-artali jkun dedikat lill-Madonna tal-Isperanza li tant kienet devota u għal qalb il-Mostin.



Il-kappellun dedikat lill-Madonna tal-Isperanza

## Il-Bieb Prinċipali u l-użu ta' parti mill-knisja l-ġdida

Meta il-bieb prinċipali tal-knisja parrokjali tan-Naxxar inbidel u sar tal-bronż, in-Naxxarin xtaqu li dan il-bieb jiġi utilizzat u mhux jispiċċa.



Il-bieb prinċipali tal-knisja parrokkjali tal-Imġarr

Għalhekk huma offrewh lill-komunità tal-Imġarr li f'dak iż-żmien kienet qed tibni l-knisja l-ġdida. L-Imġarrin aċċettawh bil-ferħ u wara li serva fil-parroċċa tan-Naxxar għal madwar 300 sena beda jservi fil-knisja tal-Imġarr fejn għadu jitgawda sal-lum.

Oriġinarjament dan il-bieb kien twaħħal f'nofs ħajt li kien inbena bejn il-kappelluni tar-Madonna tar-Rużarju u ta' San Ġużepp u dan qiegħed imwaħħal hemm sakemm tlestiet il-knisja.

Meta mbagħad weħel fil-portiku fejn għadu jitgawda

sal-lum. Dan il-ħajt kien inbena biex sakemm titlesta l-knisja tkun tista' tintuża parti minnha peress li l-bini tal-knisja l-ġdida ħa ftit taż-żmien mhux ħażin biex tlesta.

Meta kienet tintuża din il-parti tal-knisja l-vara titulari ta' Santa Marija l-għaxqa tal-Imġarrin kienet tintrama fil-kappellun tal-Madonna tar-Rużarju, imbagħad meta twaqqa' l-ħajt bdiet tintrama fil-kappellun dedikat lill-Prottetturi Maltin.

## Ġbir ta' fondi u Kurżitajiet

Sabiex jitkompla l-bini tal-knisja l-ġdida, minbarra x-xogħol volontarju li sar kienu jsiru diversi fieri fejn il-portiku tal-Knisja. Għal dawn il-fieri kienu jinġabru l-prodotti bħal ħxejjex u frott, tjur u bhejjem bħal tiġieġ, fniek u ħrief sabiex jittellgħu bħala rigali. Parti oħra mill-fondi kienu jinġabru mill-bejgħ tal-bajd, dak iż-żmien xi raħħala Imġarrin kienu jagħtu l-bajd fil-Ġimgħa biex imbagħad jinbiegħ u jinġabru fondi għat-tkomplija tal-Knisja l-ġdida.

## Konsagrazzjoni tal-Knisja

Il-Konsagrazzjoni tal-knisja saret fit-2 t'Ottubru 1948. Dakinhar l-Arċisqof Mikiel Gonzi kien għamel funzjoni twila. Għal din l-okkażjoni kien inħadem taraġ temporanju sabiex l-Arċisqof seta' jidlek is-slaleb tal-konsagrazzjoni mwaħħla mal-pilastri u b'hekk ikonsagra din il-Knisja.



Wieħed mis-slaleb tal-konsagrazzjoni mwaħħla mal-kolonni fil-knisja tal-Imġarr

F'din iċ-ċerimonja kienu ġew ikkonsagrati 2 altari biss, dak iddedikat lil San Ġużepp u dak iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. Lanqas l-altar maġġur ma kien ġie kkonsagrat peress li kien hemm il-ħsieb li jinbidel ma' wieħed isbaħ u iktar xieraq.

Ftit wara l-konsagrazzjoni tal-knisja, bħalha radd il-ħajr lil Alla, il-Kappillan Salomone kien għamel pellegrinaġġ mill-knisja saż-Żebbiegħ sa fejn tingħaqad Triq iż-Żebbiegħ ma 'Triq Sir Temi Zammit u hemmhekk fuq pulptu għoli li kien intrama apposta kien ta l-barka Sagramentali. Wara l-pellegrinaġġ kompla billi qabad it-triq lura lejn il-knisja parrokkjali.

## Statwi tal-Madonna ta' Fatima u ta' Lourdes

Żewġ statwi tant għal qalb l-Imġarrin huma dawk tal-Madonna ta' Fatima u dik tal-Madonna ta' Lourdes. L-Imġarrin min dejjem kellhom għal qalbhom lil Sidtna Marija u kien għalhekk li għall-ħabta tal-1948, il-Kappillan Salomone kien xtara dawn iż-żewġ statwi minn Bolzano l-Italja biex ikun jistgħu jiġu meqjuma mill-Imġarrin.



Dettall tal-wiċċ tal-istatwa tal-Madonna ta' Fatima meqjuma fil-knisja tal-Imġarr



Wieħed mill-kwadri tal-Via Sagra li nsibu fil-knisja tal-Imġarr

## Il-Via Sagra

Fi żmien il-Kappillan Salomone kien hawn devozzjoni li nhar ta' Ġimgħa ssir il-Via Sagra u kienu jinxtegħlu x-xemgħa quddiem kull stazzjon. Is-soru Marianna Vella "Tal-Qinċ" reliġjuża fil-Klawsura tal-Kunvent ta'Santa Margerita f'Bormla, meta konna immorru nżuruha, kienet tirrakonta din il-ġrajja. Biex ma jonqsux ix-xemgħat il-Benestant Pawlu magħruf bħala "l-Appostlu" kien jieħu ħsieb li waqt il-Via Sagra jagħmel ġabra għax-xemgħa. Hu kien idur bil-plattin u fuq dan il-plattin kien jagħmel biċċa xemgħa biex bla kliem jindika l-iskop tal-ġabra. Meta wara xi żmien stħarrġu biex jaraw l-ammont miġbur, b'għaġeb kbir sabu li kien hemm somma sostanzjali ta' flus li kienet se sservi għal bosta snin jekk tibqa' tintuża għax-xiri tax-xamgħa.

## Il-Fonti tal-magħmudija

Lanqas il-fonti li naraw illum kif tidħol mill-bieb prinċipali tal-knisja mhu dak l-ewlieni. Fil-fatt l-fonti l-antik jinsab konservat bil-ħsieb li xi darba jerġa' jitpoġġa fil-knisja sabiex jitgawda minn kulħadd.



Il-fonti tal-magħmudija

## L-Altar ta' San Frangisk u r-rabta mal-Kappuċċini Franġiskani

Ta' min isemmi li fl-antik fl-Imġarr kien hawn konnessjoni mal-Kappuċċini tal-Furjana. Fil-fatt il-kwadru fuq l-altar ta' San Franġisk juri lil dan il-qaddis liebes l-ilbies ta' Kappuċċin.

L-Imġarrin min dejjem kellhom għal qalbom il-Knisja u r-reliġjon. In fatti kienu għamlu fond sabiex kull sena fi żmien l-Avvent u r-Randan kienu jinġiebu 2 patrijiet Kappuċċini biex jagħmlu l-eżerċizzi għal tmint ijiem wara xulxin. Kienu jagħmlu l-eżerċizzi kmieni għan-nisa u fit-tard għall-irġiel.

## Il-Paviment

Għall-ewwel żminijiet il-paviment tal-knisja kien taċ-ċangatura u wara sar tal-konkos. Meta nġabru l-fondi meħtieġa ġie ordnat l-paviment li għandna llum. Dan sar fil-fabbrika ta' Carrara l-Italja taħt Romeo Ceccotti. Wieħed mill-iktar Imġarrin li ta l-għajnuna tiegħu f'dan il-proġett kien Bertu Abela "l-Gambu", dak iż-żmien kien għadu fl-aqwa ta' żgħożitu. Ġara iżda li Bertu qabel ma x-xogħol kien tlesta kien emigra lejn l-Awstralja. Meta x-xogħol kien lest it-Taljan Ceccotti wera x-xewqa li jittieħed rittratt mill-gallarija tal-kor u jintbagħat lil Bertu biex jara x-xogħol komplut.

Romeo Ceccotti għamel ukoll l-altar maġġur li għadna ngawdu sal-lum, imżejjen bil-kwadru titulari ta' Lazzru Pisani li din is-sena ġie rrestawrat. Ta' min isemmi li d-disinn sar minn Ġamri Camilleri (*Is-Saqqafi*).



Il-kwadru titulari tal-knisja parrokkjali tal-Imġarr xogħol Lazzru Pisani

## Għeluq

Anġlu waqt li beda jirrakontali emozzjonat u istruwit għall-aħħar u kważi jitkexkex qalli u dan kollu ma kontx nista' ngħidulek li kieku ma kinitx Santa Marija li daħlet għalija.

Meta kien għadu tarbija kien ma jiflaħx u dak iż-żmien ma kienx hawn tabib l-Imġarr u għalhekk il-ġenituri tiegħu ħaduh ir-Rabat għand Dr Nicholas. Tant kien ħażin Anġlu li l-ġenituri tiegħu għamlu wegħda ma' Santa Marija li jekk Anġlu jasal ħaj sal-Imġarr bħala ringrazzjament lil Santa Marija jagħtuha ċ-ċurkett tant għażiż għalihom tal-kunsens taż-żwieġ. Santa Marija qalgħetilhom din il-grazzja u huma għamlu kif wegħduha u aħna stajna ngawdu dawn it-tifkiriet u niktbuhom sabiex ma jintessewx u nkomplu napprezzaw iktar dak li ta' qabilna għamlu għalina.




Karmenu Mifsud Funeral Service
Funeral Director
Coffin Makers and Importers
460 Victory Street, Qormi
Tel: 21494316 – Mob: 99492458
www.karmenumifsud.com ~ info@karmenumifsud.com


Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr, Malta
Tel: 2157 2535, 2152 5815 Fax: 2152 5783
Mobiles: 9949 5896, 9986 1590,
9984 9961, 9943 7533
The True Taste of Malta
...our speciality is the Mixed Maltese Dish!
Restaurant • Pizzeria • Take Away
Bar Café • Dolceria
TA' SOLDI
RESTAURANT
The heart of good food!
Il-Management u l-istaff jixtiequ jawguraw
kull suċċess lill-banda tal-Imġarrin.

# Il-Presepju Naplitan tas-Seklu Tmintax

**Dun Edgar Vella**



Dettall tal-presepju Naplitan

Nistħajjilkom tgħidu: "dan x'kien, fl-eqqel tas-sajf jitkellem fuq il-presepju?". Tajjeb li niċċara l-punt li meta nitkellmu fuq presepji artistiċi u antiki, li ssibhom ġo palazzi u mużewijiet kbar, knejjes u kunventi, kif wkoll fil-privat, dawn il-manufatti ikunu esposti s-sena kollha. Il-ġmiel u t-teknika tal-pasturi, kif wkoll il-kompożizzjoni tax-xenografija huma ta' ispirazzjoni kemm għall-kbar kif wkoll għaż-żgħar.

Nistgħu ngħidu bla tlaqliq ta' xejn li llum il-ġurnata, meta nitkellmu dwar il-presepju Naplitan nintebħu li l-għarfien fost il-Maltin kiber u l-interess żdiet. Dan kollu hu dovut għall-fatt li għal diversi snin jien flimkien mal-grupp organizzattiv tiegħi tellagħjna wirja fejn ġie armat il-presepju Naplitan, b'figuri presepjali awtentiċi u antiki li jafu l-oriġini tagħhom għas-seklu tad-deheb ta'din il-kultura li żviluppat b'mod vivaċi fir-renju ta' Napli. L-istruttura presepjali li tospita l-kollezzjoni tal-pasturi, tinfirex f'medda ta'madwar ħames metri u tikkonsisti f'xenografija nettament marbuta mat-tradizzjoni Naplitana tal-kostruzzjoni presepjali. Il-presepju Naplitan insibuh maqsum prinċipalment fi tliet episodji narrattivi u xeni oħrajn iżgħar. Fil-parti ċentrali naraw in-nattività ta' Ġesù Bambin imqiegħda



Wieħed mill-figuri fil-presepju Naplitan

fil-fdalijiet ta' tempju pagan li jissimbolizza t-twelid tal-Kristjaneżmu u l-waqa' tal-paganeżmu, ix-xena hi kumplimentata bil-glorja tal-anġli, l-adorazzjoni tar-rgħajja u l-qima tal-Maġi akkumpanjati b'korteo ta'figuri Orjentali u eżotiċi li jirrendu l-aspett iżjed rikk, spettakolari u eċitanti. Episodju ieħor juri d-dehra lir-ragħajja tal-anġlu ħabbar. Hawnhekk naraw ir-ragħajja f'xenarju rustiku mal-merħliet taghhom. Il-persunaġġi f'dan l-episodju jidhru f'espressjoni ta' stgħaġib filwaqt li oħrajn huma ppreżentati reqdin f'nagħsa ħelwa. It-tielet xena turi l-episodju tat-Tverna, bil-Lukandier u martu sodisfatti bil-klijenti jieklu u jixorbu. F'din ix-xena, il-persunaġġi jidhru f'burdata ferrieħa, ipaċpċu, jieklu u jixorbu, idoqqu strumenti tal-mużika, jiżfnu, jilagħbu l-karti u aljenati kompletament minn dak li qed iseħħ fiċ-ċentru tal-presepju. Xena oħra turi l-funtana b'elementi arkitettoniċi ħelwin u li tfakkar li Kristu jagħti l-ilma tal-ħajja, l-ilma li jnaddaf u jippurifika. Simboliżmu ieħor li nsibu fil-presepju hu marbut mal-pont li jfakkarna fil-mixja tal-bniedem lejn id-dawl, il-konverżjoni, u l-fidi f'Ġesù. Dawn l-episodji narrattivi huma orkestrati b'għadd ta' annimali u oġġetti f'minjatura magħrufin bħala finimenti li jirrendu l-presepju iżjed realistiku u rikk.

L-arti tal-presepju żviluppat b'vitalità u immaġinazzjoni li kienet tbaqbaq fl-ispirtu Naplitan. L-atmosfera kollha hi bla dubju ta' xejn dik *Partenopea* cioè Naplitana, xejn ma' jirreferi għall-Palestina ħlief l-avveniment tat-twelid tal-Bambin li jiġi muri fid-djalettika fejn Betlem issir ċentru tal-ħajja fit-toroq tipiċi ta' Napli, f'atmosfera kulurita, brijuża u movimentata. Għal sekli sħaħ, dan kien il-polz ta'poplu ferrieħi u żbukkat li wassal il-messaġġ tat-twelid tal-Bambin bl-iżjed mod spontanju, oriġinali u ħelu.

Paper Dolls
Boutique & Shoes




Always the latest Fashion Clothes.
Ladies sports wear; Walking, Keppfit, Slimming, Gym, Zumba

**Sir Harry Luke Street, Mġarr**
**Tel: 21579073**


Ray's Garage
TAĊ-ĊATT
Repairs & Servicing on Petrol and Diesel Cars.
Diagnostics and Airconditioning Charging.
Bingemma Road, Imgarr.
Contact: Raymond Muscat 99477571


RFL
TOWING SERVICE
24-hour service
Mob: 99579240
99451593
Email: rflt@go.net.mt
www.rfltowingmalta.com


L-AVUKAT
Chris Cilia
kandidat Laburista
53, Doni Street,
Rabat, Malta
7949 0714
chris@chriscilia.com
www.chriscilia.com
Like
Dr. Chris Cilia LL.D.
Partit
Laburista



## L-Arma tas-Soċjetà

Kull soċjetà, tim, grupp jew entità jkollha l-*logo* jew l-emblema tagħha. Din tkun importanti biex tingħaraf minn ħaddieħor. Is-Soċjetà tagħna wkoll għandha l-*logo* tagħha. Qabel saret l-għażla ta' dan il-*logo* ġew ippreżentati 3 disinji differenti. Wara bosta konsultazzjonijiet intgħażel dak ta' Albert Borda.

Meta wieħed jiffli sew il-*logo* tas-Soċjetà tagħna jara diversi elementi li kollha huma relatati flimkien u fl-aħħar mill-aħħar jispjegaw l-identità tas-Soċjetà tagħna.

L-Arpa u t-trombi - Dawn jissimbolizzaw l-attività tas-Soċjetà. Fi kliem ieħor l-arti mużikali. It-trombi jwasslu messaġġ li din l-għaqda trid ixxerred il-kultura mużikali. L-arpa tintuża internazzjonalment mill-għaqdiet kollha li għandhom relazzjoni mal-mużika.

In-nome di Maria, il-kuruna u l-istellarju huma kollha hemm sabiex jindikaw li din is-Soċjetà ġiet iddedikata lil Santa Marija, l-Kuruna tirrapreżenta l-fatt li l-Madonna hi r-Reġina tas-sema u l-art.

L-emblema tal-Imġarr ġiet inkorporata fil-*logo* sabiex mal-ewwel daqqa t'għajn wieħed jinduna li din s-Soċjetà hi stabbilità fil-lokal sabiħ tal-Imġarr.

Il-weraq tar-rand - Dan ma tpoġġewx fil-*logo* biex jimlew. Dawn qegħdin hemm u għandom żewġ tifsiriet. L-ewwel u l-iktar importanti hi li din s-Soċjetà onorata bl-isem li għandha għax hi msejħa għall-patruna tal-Imġarr "Santa Marija Imtellgħa s-sema". It-tieni tifsira hi li din is-soċjetà twaqqfet biex tagħmel unur lill-Imġarr.

L-iskroll li hemm fil-*logo* hemm miktub l-isem tas-Soċjetà, il-lokal fih stabbilità u s-sena li fiha twaqqfet din l-għaqda.

"Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema "L-Imġarr A.D.2011"

Dawn l-elementi kollha ġew magħquda flimkien fil-*logo* tas-Soċjetà tagħna.

Eclipse

Stationery

9, Fisher Road,
L-Imġarr Malta
Tel: 2152 5248

*Stationery, Toys*
*& Gifts*
*Photocopy Service*
*Binding & Book*
*Covering Service,*
*etc.*



**V&A Detergent Shop**
**Fisher Road cw St. Mary Street**
**Mġarr**
**Tel: 2701 3380**

For all your toiletry needs, detergents, household, swimming equipment, costume jewellery etc.

*We make Gift Vouchers*

We give €**11.65** voucher when you spend €**349.06**

il-Barri
RESTAURANT

Church Square
Mġarr, Malta
Tel: 2157 3235
2157 4054

***Exquisite food in an informal atmosphere***
***Traditional Maltese dishes and fresh fish***
***Speciality of the house: Fenkata***

**www.il-barri.com.mt**

# Il-Ħidma tal-Imġarr Youth Nursery

**il-Kumitat**

Ħassejna l-ħtieġa li niktbu erba' versi fuq il-ħidma li ssir fin-Nursery tal-Futbol tal-Imġarr, li taf il-bidu tagħha fis-sena 1996, meta l-mibki u tant maħbub Salvu Caruana ħareġ bl-idea li jwaqqaf din in-nursery. Dan kien talab l-għajnuna ta' Joseph Vella u flimkien laqqgħu l-ewwel grupp ta' tfal u li sal-lum dawn il-gruppi ta' tfal baqgħu dejjem jikbru.

L-idea u l-iskop ta' din il-ħidma tan-Nursery mhux biss li t-tfal jitgħallmu l-logħba tal-futbol iżda wkoll li jiġu edukati bi preparazzjoni biex ikunu dejjem irġiel u nisa ppreparati għall-futur tagħhom, u dawk li jattendu jieħdu pjaċir iqattgħu ftit ħin flimkien. It-tfal li jattendu n-Nursery tal-Imġarr għandhom fost l-aqwa faċilitajiet f'Malta, u l-coaches u l-istaff huma kwalifikati u mħarrġa sew.

Wara li spiċċa l-istaġun li għadda tħabbret il-mewt ta' seħibna Salvu Caruana. Din ġiet fuqna bħal sajjetta u ħasdet lil kulħadd. Bla dubju mhux biss tlifna l-fundatur ta' dan il-club u coach ta' diversi timijiet, iżda wkoll bniedem li dejjem ħadem bla waqfien għan-Nursery tal-Imġarr u għalhekk ninsabu ċerti li żgur ser jibqa' jgħinna minn fejn il-Mulej.

Issa li wasal staġun ieħor irridu nkomplu naħdmu biex dak li sar qabel inkompluh, u għalhekk bdejna nirreġistraw it-tfal għall-istaġun 2012/2013. Dawn ir-reġistrazzjonijiet huma miftuħa għat-tfal kollha li twieldu bejn is-sena 1998 u 2008. **Dawk li jixtiequ jiktbu lit-tfal tagħhom jistgħu jakkwistaw formola ta' reġistrazzjoni mill-Club tan-Nursery mit-Tnejn sas-Sibt mill-5pm 'il quddiem jew iċemplu fuq 99672838 għal iżjed informazzjoni dwar in-Nursery.**

Nagħlaq billi nawgura kull suċċess lill-Club u n-Nursery tal-Imġarr, kif ukoll lill-banda l-ġdida tal-Imġarr u lil min imexxiha.

Nawguraw il-Festa t-Tajba lill-Imġarrin kollha!


## L-Imġarr Youth Nursery qiegħda tilqa' tfal li twieldu bejn is-sena 1998 u 2008

Imġarr Youth Nursery
Triq il-Plejju, Imġarr MĠR 2350 Malta
Tel: 21574209, 99672838
Website: www.mgarrutd.com
Email: nursery@mgarrutd.com

***Ħidma mat-tfal f'ambjent nadif, b'attenzjoni u għożża kbira.***




J. BONAVIA & NEPHEWS Ltd

**St Francis, Triq Il-Fortizza, Mosta MST 4000**
**Tel: 21 422 624/5 • Fax: 21 423 084 • Mob: 99 490 877**

J. Bonavia & Nephews Ltd. provides both engineering works and waste management services. The following is a list of our services in relation to each respective field:

**Civil Engineering Works:**
- Demolition of Buildings
- Excavation Works
- Trenching Works
- Plant Hire – Earth Moving Machines Services
- Supply of Aggregate and Sand

**Waste Management Services:**
- Open Skip Services
- Skip on Wheels Services
- Waste Services
- Shredding Services





DRUGSALES
LIMITED

GOODLOOKERS®

AVAILABLE FROM LEADING PHARMACIES

Trade enquiries:
Drugsales Ltd, Russell Buildings, Naxxar Road, Lija
Tel. 21419070/1/2 or info@drugsalesltd.com

tal malti
PRODOTTI LOKALI

PRODUCED BY
MALTA POULTRY PRODUCERS
ORGANISATION
9939 7272


JAMES DEBONO
(Binu Iz-Zanu)
FLOOR POLISHER &
FLOOR MAINTENANCE
REPOLISHING
OF STAIRCASES
TEL: 2157 4824 - MOB: 9949 2819


FOR SALE
Spare Parts for Vintage & Classic Cars
NEW & SECOND HAND
(Binu Iz-Zanu)
ROSSO NERO GARAGE, Triq l-Iskorba, Mgarr
Garage: 2152 5109
Residence: 2157 4824
Mob: 9949 2819



# Marċi li se jindaqqu mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema L-Imġarr A.D. 2011

| | Isem tal-Marċ | Kompożitur | Awtur |
|---|---|---|---|
| A | L-Imġarr Iben Marija | Vincenzo Ciappara | Ganni Cilia |
| B | Innu tal-Banda | Mario Testa | Chev Ġorġ Bianchi |
| 1 | Lill-Ewwel President | Mario Testa | |
| 2 | It-Two | Michael Bugelli | |
| 3 | Is-Segretarju | Mario Testa | |
| 4 | Sorrento | Orazio Cachia | |
| 5 | Nigel | Mario Testa | |
| 6 | Ave Maria Stella | Hector Dalli | |
| 7 | Golden Jubille | Joe Theuma | |
| 8 | Leona | David Caruana | |
| 9 | Victory | Vincenzo Ciappara | |
| 10 | Ganni u Pawlu | John J pace | |
| 11 | St Petersburgh | David Caruana | |
| 12 | Munchengladbach | David Caruana | |
| 13 | Bernardette | Ronnie Pisani | |
| 14 | Il-Famuza Koppla | Willie Attard | |
| 15 | Come on the stripes | Anthony Aquilina | |
| 16 | Pablito | Archibald Mizzi | |
| 17 | Peter Paul | Alexander Caruana | |
| 18 | Echo of the Emeralds | Luigi Bongaillas | |
| 19 | Nicolai | Nicholas Vella | |
| 20 | Life | Julius Tanti | |
| 21 | Il-Plikku | Francis Zammit | |
| 22 | Santos | David Agius | |
| 23 | L-Ajkla | Reno Busuttil | |
| 24 | Maria | Tonio Borg | |
| 25 | J C | Emanuel Spagnol | |
| 26 | Kumitat 2011-2013 | Mario Testa | |
| 27 | Mirage | Andrea Cassar | |
| 28 | Nathan il-King | Tancred Grech | |


PINKISHLINE
Pietru Xuereb Street
G.Mangia
27677212
www.pinkishline.com
http://www.facebook.com/Pinkishline

# Tony Agius Decelis
# u l-familja

jawgura l-festa t-tajba
lill-Imġarrin kollha.
Fejn ikun jista' jgħin ċempillu fuq
**7970 2248,**
e-mail: **tony4mp@gmail.com**
jew sibu fuq face book

**www.agiusdecelis.com**






**Just Jeans has NO connection
with any other shops**

# Il-Festi Maltin huma timbru kulturali iżda fuq kollox b'għeruq reliġjużi

**Christopher Bonnici** B.A.(Hons); M.A.

Il-bniedem hu ħlejqa li min-natura tagħha tfittex li ma tibqax waħidha, u b'dan il-mod inħolqu bosta ċelebrazzjonijiet differenti li l-iskop ewlieni tagħhom huwa s-soċjalizzazzjoni tal-persuna u l-kapaċità li tintegra fis-soċjetà ma' persuni oħra. B'dan il-mod, evolvew u kibru festi nazzjonali, festi lokali, manifestazzjonijiet, partiti u gruppi ta' nies differenti li jħossu li għandhom jiffurmaw dik l-għaqda għax jaraw f'dak il-grupp bosta fatturi li jqarrbuhom lejn xulxin, bħall-ideoloġija, il-fehma politika, in-nazzjonalità u bosta fatturi oħra differenti. Il-festa Maltija tissupera dan kollu, għax minkejja li toffri svog soċjali għall-pubbliku, hija fuq kollox b'għeruq reliġjużi. Dan il-kliem ilna nisimgħuh għal ħafna snin, iżda kif evolva l-kunċett ta' *patrun*, ta' *titular*?

Id-drawwa ta' qaddis patrun hija ġejja minn tradizzjoni pagana li kull dar, art jew raba' kienet tissemma' għas-sid jew protettur. Dan ifisser li l-patrun kien garanzija ta' ħarsien, protezzjoni u proprjetà. F'Ruma tal-qedem, l-ewwel djar privati li bdew jintużaw bħala *knejjes* bdew iġibu isem is-sid jew il-fundatur tagħhom, iżda aktar ma għadda ż-żmien, għall-ħabta tas-Sekli V u VI, dawn il-*knejjes parrokkjali* bdew jinbnew mill-ġdid, jitkabbru u jingħataw isem ta' xi qaddis, li jkun rabat ismu maċ-ċimiterju li ġeneralment ikun żviluppa ma' dik il-knisja.

## Il-Qaddis Patrun

Fost il-festi l-kbar li l-knisja tiċċelebra matul is-sena liturġika, wieħed ma jistax jaħrab mill-Festi tal-Passjoni, il-Mewt u r-Reżurrezzjoni tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, il-Festi tal-Milied u l-Infanzja ta' Ġesù, il-Festi tal-Ewkaristija, il-Konsagrazzjoni tat-Tempju u l-Festa Titulari. F'pajjiżna, evolvew bosta taqbiliet li juru l-importanza tal-qaddisin patruni għal dik il-komunità li tkun qed tiċċelebrahom. Fost it-taqbiliet użati, f'bosta mill-parroċċi tissemma dik tal-qniepen fil-festa tat-titular, minħabba li d-daqq tal-qniepen huwa restritt li ma jsirx bejn id-disgħa ta' filgħaxija u s-sitta tal-għada filgħodu, ħlief għal tliet darbiet matul is-sena: il-Lejl tal-Milied, Sibt il-Għid u l-Lejl tal-Festa Titulari, sakemm ma jkunx mitlub li jsir xi daqq ieħor għal xi raġuni partikolari. Dan juri li l-Knisja tagħti importanza ikbar lill-festa titulari milli festi sekondarji oħra li jiġu ċċelebrati fiha.

L-idea Rumana żviluppat fil-qaddis patrun tal-lum. Dan jew din il-qaddis/a hu dak il-personaġġ illi minħabba tradizzjoni antika jew għażla popolari jkun meqjum b'ċerta venerazzjoni mill-kleru u l-parruċċani bħala protettur u interċessur tagħhom quddiem Alla l-Imbierek. Fil-każ tal-Madonna, minn dejjem kellu devozzjoni kbira, u għalhekk dan il-ħsieb huwa korrett ferm. Xhieda ta' dan huwa n-numru ta' parroċċi li jqimuha bħala titular jew għandhom xi numru ta' fratellanzi ddedikati għal xi wieħed mid-dommi tal-fidi jew xi titlu Marjan. L-istorja ta' pajjiżna, illi fiha Ommna Marija dejjem kellha sehem ewlieni, ukoll tista' tiftaħar illi dejjem kienet preżenti bħala l-Konsolatriċi ewlenija tagħna u anke waħda minna l-Maltin, b'mod partikolari matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Il-parroċċa Mġarrija, tiftaħar – u bix-xieraq – b'Marija Mtellgħa s-Sema, Solennità u Domma tal-Fidi. Kienet il-festa tagħha meta daħal il-Konvoj fl-1942, u bis-saħħa tiegħu, Malta salvat milli tagħti

ruħha f'idejn l-għedewwa Nażisti u Faxxisti.

Fil-liġi tal-knisja, kull knisja mbierka jew ikkonsagrata jrid ikollha titlu ta' xi Qaddis, Misteru tal-Fidi, tal-Anġli jew tal-Madonna. Tant kemm il-Liġi tal-Knisja tenfasizza l-importanza tat-Titular, ladarba dan it-titlu jkun ingħata ma jistax jinbidel u ta' kull sena għandha ssirlu l-festa. F'każijiet rari fejn it-titular inbidel, dan seħħ permezz ta' Indult Appostoliku. Fost xi każijiet, illi kif semmejna huma rari, nistgħu nsemmu l-każ ta' Birżebbuġa, illi fl-1913, mat-twaqqif tal-parroċċa, kienet iddedikata lil Marija Addolorata, iżda meta nbniet il-knisja l-ġdida, it-titular inbidel għal dak ta' San Pietru Appostlu fuq talba tal-Isqof ta' dak iż-żmien, Mauro Caruana.



Ħruġ tal-Purċissjoni - Festa Titulari 2011

L-importanza tal-qaddis patrun tkompli toħroġ fid-deher għat-talba tal-Knisja li isem it-titular għandu jissejjaħ fit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja, jingħad mal-Litanija tal-Qaddisin, u jitniżżel bil-kitba fil-parċmina li tindifen fl-altar maġġur. F'każ li l-knisja tiġi ddikjarata profonata, jiġifieri sospiża mis-sagramenti, it-titular jiġi sospiż, imma jekk 'il quddiem terġa' tinfetaħ għall-qima u l-glorja lil Alla l-Imbierek, it-titular irid jerġa' jkun dak il-qaddis li kien qabel l-att tal-profanazzjoni.

It-tradizzjoni tat-titular, b'dawn l-obbligi u l-privileġġi hija antika ferm u tmur lura għas-seklu VII. F'bosta parroċċi antiki, il-festa kienet tkun iċċelebrata fuq bażi ta' jumejn: il-Primi Vespri ta' lejlietha, quddiesa kantata f'nhar il-festa u filgħaxija, il-festa tintemm bil-kant solenni tas-Sekondi Vespri. Il-festi sekondarji ma kienx ikollhom il-kant tas-Sekondi Vespri.

Dawn il-fatturi kollha juru kemm il-festa Maltija evolviet, u eventwalment kienet il-Knisja li talbet biex dawn jibdew isiru. Barra minn hekk, il-festi esterni, bħall-armar, l-isparar tal-maskli li evolva fil-logħob tan-nar artistiku, id-daqq tal-baned u dak kollu konness mal-festi Maltin żviluppa bil-mod mal-medda tas-snin, u għalkemm mhux fl-istess livell tal-lum, fis-Seklu XV għandna dokumentat li f'xi postijiet kienu diġà jkunu sparati l-maskli sabiex jikkumplimentaw il-funzjonijiet interni tal-festa. B'hekk nemmen u nisħaq li jkun żball min jhedded li jħassar il-festa jew jipprova jnaqqar miċ-ċelebrazzjonijiet illi ndraw u għadhom isiru.

## U fl-Imġarr...

Minkejja li l-parroċċa Mġarrija tgħodd ftit snin mhux ħażin, kien fis-sena 2011 li twaqqaf l-ewwel kumitat proviżorju bil-għan li tinfetaħ soċjetà mużikali. Minkejja li x-xewqa ta' bosta Mġarrin forsi damet xi ftit ma nqatgħet ħdejn postijiet oħra, qatt ma hu tard li wieħed jaħseb dwar x'jista' jsir sabiex tikber il-festa tal-post. Illum, bis-saħħa tas-Soċjetà Filarmonika *Marija Mtellgħa s-Sema*, l-Imġarrin għandhom il-banda tagħhom, bħal kważi

kull post ieħor f'Malta. Jalla din is-soċjetà, li ġġib l-isbaħ isem, għax iddedikat lil Ommna Marija, tkun dejjem minn ta' quddiem ħalli fl-Imġarr u f'pajjiżna, tikber id-devozzjoni lejn Ommna Marija, Reġina, Sidt u Konsolatriċi tas-Sema u tal-Art.

**Riferenzi:**


Goggi Joseph, *Qniepen f'Malta, Għawdex u f'Pajjiżi Oħra*; BDL, Malta, 2003

Mangion Anthony u Zerafa Karmenu; *Santa Katarina: il-Festa u s-Soċjetà tagħha fiż-Żurrieq*; Malta, 1989

Boissevain Jeremy; *Saints and Fireworks, Religion and Politics in Rural Malta*; Progress Press Co. Ltd, Malta, 1993

Bonnici Christopher, *Kunċetti tal-Festa Popolari fil-Letteratura Maltija*; dissertazzjoni mhix ippubblikata, imressqa lil u approvata mill-Fakultà tal-Arti, fl-Università ta' Malta fl-2004





The Hatch
cafe-bar

Kurat Chetcuti Street,
**Mġarr**
**Mob: 79592170 – 99457629**

RESIDENTIAL
COMMERCIAL




MOST ADVANCED UP & OVER GARAGE DOORS
RESIDENTIAL, INDUSTRIAL & COMMERCIAL

UPWARD DOOR SYSTEMS LTD. (UDS)
GARAGE DOORS / SERVICE / INSTALLATION / PARTS

INDUSTRIAL ESTATE, XEWKIJA, VCT 110 GOZO, MALTA, EUROPE
TEL: 356 - 2156 4456 , FAX: 356 - 2156 4457, MOB: 356 - 9942 7391
E-MAIL: uds@maltanet.net WEBSITE: www.udsmalta.com

**UDS Malta's Leading Garage Door Fabricator**
Upward Door Systems Ltd Distributor of Upwardor Corporation products of Canada, leading garage door manufacturers in North America.

UPWARDOR

# Il-Volontarjat

**Cecilia Borg Sammut**

Iddeċidejt li niddedika dan l-artiklu lill-volontarjat! Forsi tgħiduli "Int ukoll! Daqs kemm smajna dwaru!" Iva u għalhekk ser nitkellem dwaru għax jidhirli li anke jien nagħti sehmi.

Kwalunkwe volontarjat jagħtik sodisfazzjon, sew jekk tkun parti minn għaqda jew soċjetà, kif ukoll jekk dan tagħmlu personalment!

Meta tagħti rigal mill-qalb, tieħu pjaċir tagħtih, daqs li kieku tkun int li qed tirċivih, u hekk meta tagħti sehmek fil-volontarjat! Is-sodisfazzjon li tħoss wara biċċa xogħol diffiċli, jagħtik il-kuraġġ biex tibqa' taħdem. Titgħallem ukoll minn ta' madwarek min hu tajjeb għal ħaġa, min hu li tista' tafda kelma miegħu, min hu sinċier, min ma jkunx realistiku u ħafna karattri oħra, imma titgħallem kif għandek taġixxi ma' kulħadd.

Il-volontarjat lili jagħtini wkoll iċ-ċans u jgħallimni naħdem bħala *team* u hekk tinduna li kull bniedem għandu kapaċitajiet speċjali u b'hekk ix-xogħol isir aħjar! L-ebda kumitat f'għaqda jew soċjetà m'għandu l-ħila jaħdem mingħajr l-għajnuna ta' voluntieri jaħdmu flimkien.

Ix-xogħol volontarju għandu rabta qawwija ma' kull opra li ssir, li huwa ħin li jingħata mill-qalb, u mingħajr ħlas. Għalhekk hu ħin imprezzabbli li jitlob ħafna sagrifiċċju u impenn, u fl-istess hu ħin li jiswa ħafna aktar mill-flus.

Il-volontarjat hu vast ħafna u għanduu ħafna tifsiriet u suriet, però nistħu ngħidu bla tlaqliq, li wieħed mill-prinċipji bażiċi tiegħu hu li kull persuna hu fid-dmir, li tiddeċiedi ħin għal ħaddieħor, minn dak li l-Bambin ikun żejjinna bih.

Għalhekk nagħmel appell lil kull min jixtieq jagħmel parti mill-*volontarjat* li ma joqgħodx jaħsibha żżejjed u jingħaqad ma' xi għaqda, biex hu wkoll ikun jaf x'sodisfazzjon jirrendi!

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

# 50 sena soru

Nifirħu lil

# Suor Marija Abela

fi ħdan l-ordni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù f'għeluq il-ħamsin sena taħdem fl-għalqa tal-Mulej.

Nitolbu lill-Mulej iżomm idejh fuqha biex jagħtiha aktar saħħa għall-ġid tal-erwieħ.

# Mal-Banda Magħqudin



John Mary Bezzina

Seħħet ġrajja sbejħa ħafna,
Bl-għan raħalna se jitjieb,
Twaqqfet banda biex tferraħna,
Mingħajr ħoss u bl-akbar ħsieb.

Din il-ħolma fl-aħħar twettqet,
Xogħol Caruana miegħu Gatt,
Fir-razzett ta' Swiegel nibet,
Kumitat ma jieqaf qatt.

Fih iltaqgħu, ftiehmu u ħadmu,
Biex Giovann sar President,
Segretarju 'l Joseph ħatru
U kulħadd ħareġ kuntent.

Ġabru t-tfal mir-raħal kollu,
Għat-taħriġ qabdu għalliem,
Biex jitgħallmu jdoqqu l-banda,
U l-ferħ joktor 'il quddiem.

Ħasbu jixtru l-istrumenti,
Għat-tfal kollha min irid,
Biex jitħeġġu juru l-ħila,
U l-Imġarr jaħsad il-ġid.

Flok joqogħdu jiġru barra,
U mal-ħażen jiggranfaw,
Barra l-ferħ li t-tfal iġarrbu,
Lil ħaddieħor jallegraw.

Ħadem l-għaqal ta' Giovanni,
Ma' ta' Joseph żewġt iħbieb,
Flimkien sawru qiegħ l-istorja,
Ġieħ li jżennen l-isbaħ ktieb.

Hawn fl-Imġarr il-banda tagħna,
Twieldet sew fl-elfejn u ħdax,
Il-jum tagħna uffiċjali,
Minn t'Ottubru kien tlettax.

Ħajr irroddu lil Marija,
Omm Ġesù u l-Imġarrin,
B'qalbna nsellmu lill-ħbieb tagħna
Għal din l-opra mit-tajbin.

Taħt il-mant t'Ommna l-Madonna,
Bit-tfal tagħna miġburin,
F'din il-għaqda ġieħ tar-raħal,
Ma' dil-banda magħqudin.

*4 ta' Lulju 2012*

# Kun parti mill-banda tiegħek

u ssieħeb membru
fis-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema"
biex tgħinna nkomplu mexjin 'il quddiem
għall-ġid tiegħek u tal-Imġarr kollu

# IF YOU CAN DREAM IT, WE CAN BUILD IT

## Specialising In Pool & Spa Construction, Finishing & Repairs, Roof Top Or In Ground Pools

Unlike Other Pool Builders, Muscat Pool Construction Is Self Sufficient

We Have Our Own Tools, Equipment And Vehicles And Do Not Rely On Sub - Contractors





Over 30 Years Experience

We are also suppliers of:

Pentair Pool Equipment ~ Sta-Rite Pool Pumps ~ Reviglass Mosaic

Copings & Tiles (Marble or Ceramic) ~ Salt Chlorinators ~ Hidroten Pool Fittings

Free Onsite Estimates

Pentair Water Pool and Spa™

reviglass Collection

MUSCAT

POOL CONSTRUCTION & SUPPLIES LTD

STA-RITE®

**Phone: 21 582 761 Fax: 21 586 242 ~ Mob: 99 457 491 / 79 258 227 / 99 471 148**

**Email: pools@muscatpools.com ~ Website: www.muscatpools.com**

# Dun Alwiġ Deguara

## *60 Sena Saċerdot 1952 - 2012*



Dun Alwiġ Deguara mill-parroċċa tal-Imġarr twieled fid-29 ta' Diċembru 1928, l-iżgħar wieħed fil-familja ta' disa' aħwa. Tgħallem fl-iskola tal-Gvern minn fejn daħal is-Seminarju taż-Żgħar. Kompla bl-istudji tiegħu fis-Seminarju tal-Kbar u ġie ordnat saċerdot fit-3 ta' Awwissu 1952.

Wara li kien ilu jgħallem fis-Seminarju għal tliet snin ġie nominat Kappillan ta' Ħal Kirkop. Wara sena u ftit ġimgħat sar Kappillan ta' Ħal Għargħur u fl-1960 sar Arċipriet tas-Siġġiewi.

Irtira mill-ħajja ta' kappillan fil-bidu tas-sena 1976 u ngħaqad għal xi żmien ma' Mons. Mikiel Azzopardi fid-Dar tal-Providenza. Ġie magħżul mill-Arċisqof Mercieca biex iwaqqaf is-Segretarjat tal-Lajċi fil-Kurja fejn dam għal sbatax-il sena. Fl-istess żmien huwa kien ġie magħżul biex imexxi l-Opra tal-Abbatini, inkluż is-servizz fil-Bażilika tal-Vatikan. Sab ħin biex imur jgħallem fis-Seminarju taż-Żgħar fejn kien ukoll Direttur Spiritwali ta' xi klassijiet.

Mons. Mercieca rrakkomandah biex isir Kappillan tal-Papa u wara xi żmien l-istess Arċisqof ħatru Monsinjur Kanonku effettiv tal-Katidral. Il-Kapitlu tal-Katidral ħatru bħala Delegat tiegħu għat-tmexxija tal-katidral tal-Imdina fejn ħadem fuq proġetti sħaħ ta' restawr. F'dan iż-żmien huwa ġie magħżul bħala membru tal-kummissjoni għat-tmexxija tal-mużew tal-Katidral. Huwa ġie magħżul mill-Kapitlu biex imexxi l-kawża tal-beatifikazzjoni tal-qaddej ta' Alla l-Isqof Emanuel Galea bħala Viċi-Postulatur. F'dan l-istess żmien huwa beda u għadu jservi bħala kappillan tal-monasteru tal-Benedittini fl-Imdina.

Ta sehmu dejjem fil-bżonnijiet tal-parroċċa. F'din is-sittin sena minn meta sar saċerdot (1952) huwa jistenna li jiġi msejjaħ biex jagħti l-kontijiet tiegħu lill-Missier il-Ħniena Divina.

Il-President u l-Kumitat
tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema
jixtiequ jawguraw lil

**Rev. Mons. Alwiġ Deguara**

f'dan l-anniversarju importanti

– AD MULTOS ANNOS –

# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni


Abela Grocery ............ 9
Add & Alt Ironmongery & Household Goods ............ 45
Agius Agricultural Trading Ltd ............ 16
All in One Bazaar ............ 25
Anna mart Joe Falzon Undertaker ............ 95
Arthur Salerno ............ 15
Attard Bros ............ 47
Automax Panel Beating & Spray Painting ............ 47
Ballut Blocks Ltd ............ 14
Ballut Farm ............ 67
Beautiful Marbles ............ 53
Blink by Ann Marie ............ 17
BOV ............ 46
Care Cuts Unisex Salon ............ 11
Charles Buhagiar ............ 44
Chris Cilia ............ 134
Ciappella Garage ............ 20
Clayton Gauci ............ 23
David Agius ............ 54
David Vassallo ............ 91
David Woodworks ............ 36
Debono Car Centre ............ 94
Dinewest ............ 36
Drugsales Ltd ............ 139
Eclipse Stationery ............ 136
Elvin Galea Demolishing & Excavation Works ............ 4
Extremes Trading ............ 10
Fabric Gallery Bibas ............ 69
Fact ............ 21
Fida Feeds ............ 27
Fitness & Slimming Classes ............ 93Framegrip Ltd ............ 26
GasanMamo Insurance ............ 31
Gavin Gulia ............ 30
Giovanni Gatt ............ 43
Godfrey Farrugia ............ 18
Gormina Bakery & Confectionery ............ 81
Hair-a-Holic ............ 67
Halmann Vella ............ 39
HBR Hairdressing ............ 94
HSBC ............ 129
Ian Borg ............ 38
Il-Barri Restaurant ............ 136
Imġarr Youth Nursery ............ 137
Intext Landscaping ............ 66
J & J Gauci Granite Ltd ............ 24
J. Bonavia & Nephews Ltd ............ 138
James Debono Floor Polisher ............ 140
Jimmy Fruit & Vegetable ............ 55
Jimmy Vassallo ............ 77
JJC Construction Services Ltd ............ outside back
Joe Cassar ............ 56
John Bray & Son Funeral Directors ............ 71
Just Jeans ............ 143
Karmenu Farrugia taż-Żurrieq (ħjata u pittura fuq bnadar) ............ 19
Karmenu Mifsud Funeral Service ............ 130
Kikku Iron Works ............ 75
L & R Excavations ............ 40
Malta Poultry Producers ............ 139
Mario Sammut ............ 122
Mark Guy ............ 102
Marlene Farrugia ............ 78
Marmico Marbles ............ 79
Martin Grima Ltd ............ 138
Mġarr Daily Fresh ............ 57
Mġarr Farmers ............ 91
Mġarr Farmers Snack Bar & Bennej Restaurant ............ 109
Mġarr Mushrooms ............ 70
Michael Galea & Sons Ltd ............ 107
Mifsud Philip ............ 90
Modern Butcher ............ 29
Muscat Pool Construction & Supplies Ltd ............ 150
Music Link ............ 107
N. Montebello Excavation Works ............ 57
Nenu The Artisan Baker ............ 66
Newwes Garage ............ 83
P & C Galea (il-Palmier) ............ 109
p.d. Security installations ............ 106
Paper Dolls Boutique & Shoes ............ 132
Paradise Wines & Spirits ............ 72
Pet Station Pet Shop ............ 110
Ph. Borg Ltd ............ 90
PinkishLine ............ 142
Quality Products ............ 86
Ray's Garage ............ 133
RFL Towing Service ............ 133
Rosso Nero Garage ............ 140
RPJ Tyres and Wheels ............ 12
Sammut Concrete Supplies ............ 82
Shamba Fresh Fruit & Vegetables ............ 28
Sheet Metal Art Works ............ 33
Smart Supermarket ............ 3
Sogno Bagno ............ 110
Splash & Fun Water Park ............ inside back
Stitch by Stitch ............ 32
Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd ............ 42
Ta' Falzon Landrovers Ltd ............ 6
Ta' L-Ingliż Fenkata Restaurant ............ 85
Ta' Soldi Restaurant ............ 130
Taċ-Ċanti Bar & Restaurant ............ 85
Tal-Bommer ............ 46
Tal-Vaxxel ............ inside front
The Exiles ............ 22
The Hatch café-bar ............ 147
Tony Abela ............ 2
Tony Agius Decelis ............ 143
Twanny Zammit ............ 124
United Bar & Restaurant ............ 146
Upward Door Systems Ltd (UDS) ............ 147
V & A Detergent Shop ............ 136
Vassallo Group ............ 95
Vella Mechanical Services Co. Ltd ............ 61
Vella Mini Market ............ 117
Vella Supermarket ............ 117
VZ Lines Ltd ............ 74
Zebra Watertanks ............ 26


***Filwaqt li nirringrazzjaw lil kull min irreklama f'din il-pubblikazzjoni, nappellaw lil kulħadd sabiex jagħmel użu mill-prodotti u s-servizzi reklamati.***